

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2013

**li tikkonferma l-miżuri proposti mir-Renju Unit għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fiż-żoni ta' konservazzjoni ta' Haisborough Hammond & Winterton; Start Point sa Plymouth Sound & Eddystone, u Land's end & Cape Bank**

(notifikata bid-dokument C(2013) 9003)

(It-testi bl-Ingliż, il-Franċiż u l-Olandiż biss huma awtentiċi)

(2014/13/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(3) Il-miżuri li jikkonċernaw il-konservazzjoni, l-immaniġġjar u l-isfruttar ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin huma suġġetti għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(4) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri mhux diskriminatorji biex inaqqsu kemm jista' jkun l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku, sakemm l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw il-konservazzjoni u l-immaniġġjar speċifikament għal dik iż-żona. Id-Direttiva 92/43/KEE tirrikjedi l-istabbiliment ta' miżuri ta' konservazzjoni skont il-bżonn għal dawn is-siti. Il-miżuri tal-Istati Membri għandhom ikunu jaqblu mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u mhux inqas stretti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. Jekk il-miżuri japplikaw għal bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati u għandhom sussegwentement jiġu kkonfermati mill-Kummissjoni.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9 flimkien mal-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa <sup>(2)</sup> tippovdi għall-possibbiltà li jintgħażlu s-siti speċifiċi għall-konservazzjoni fil-livell tal-UE. Skont l-Artikoli 3 u 4, dik id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri li jistabbilixxu żoni speċjali ta' konservazzjoni u, skont l-Artikolu 6 tagħha, li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu dawn is-siti mid-disturb u d-deterjorament.

(5) Fit-18 ta' Novembru 2013, ir-Renju Unit innotifika l-miżuri li biħsiebu jieħu f'dawn it-tliet żoni ta' konservazzjoni lill-Belġju u lil Franza, li huma l-Istati Membri kkonċernati mill-miżuri, kif ukoll lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana, lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral u lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/13/UE <sup>(3)</sup>, iż-żoni msejħa Haisborough, Hammond & Winterton (UK0030369), Start Point sa Plymouth Sound & Eddystone (UK0030373) u Land's End & Cape Bank (UK0030375) ġew inklużi fil-lista ta' Siti ta' Importanza għall-Komunità skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/43/KEE.

(6) Il-miżuri mressqa fuq il-bażi tad-Direttiva 92/43/KEE mir-Renju Unit iqassmu f'żoni t-tliet żoni ta' konservazzjoni, u jipprojbixxu l-użu ta' kwalunkwe rkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni speċifikati f'kull waħda mit-tliet żoni ta' konservazzjoni magħżula. Għall-għanijiet tal-miżuri indirizzati b'din id-Deċiżjoni, ir-Renju Unit jiddefinixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ bħala kwalunkwe

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 11, 13.1.2012, p. 1.

rkaptu tas-sajd li jiġi mbuttat jew miġbud mill-ilma u li jmiss ma' qiegħ il-baħar. Dan jinkludi għeżula tat-tkarkir demersali, xbieki tat-tkarkir bit-travu u gangmi rmunkati u gangmi tal-ġbid bl-arja.

- (7) Il-miżuri proposti mir-Renju Unit għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, b'mod partikolari mal-approċċ ta' prekawzjoni li għandu jiġi segwit meta jittieħdu miżuri mfassla biex jiproteġu u jikkonservaw ir-riżorsi akkwatiċi haġġin.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri proposti mir-Renju Unit għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fiż-żoni ta' konservazzjoni ta' Haisborough

Hammond & Winterton; Start Point sa Plymouth Sound & Eddystone, u Land's End & Cape Bank, kif stipulati fl-Anness huma b'dan ikkonfermati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Franċiża u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

**MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI DWAR IN-NOTIFIKA TA' TLIET BYELAWS GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-IRKAPTU TAS-SAJD TAT-TKARKIR TAL-QIEGĦ F'ZONI SPEĊIFIKATI FL-ILMIJET TERRITORJALI TAR-RENJU UNIT**

Notifika skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd, (il-Ġurnal Uffiċjali L 358, 31.12.2002 p. 59).

## KONTENUT

1. Introduzzjoni
2. Il-Qafas Legali tal-UE
3. Il-Qafas Legali Ingliż
4. L-approċċ rivedut għall-ġestjoni tas-sajd f'siti marittimi Ewropej (siti NATURA 2000)
5. Il-miżuri proposti
6. L-infurzar tal-miżuri
7. Konsultazzjoni tal-Istati Membri rilevanti, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, u l-Kummissjoni Ewropea

## ANNESI

- Anness I: Il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żona speċifikata) ta' Land's End u Cape Bank, u tabella
- Anness II: Il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone, u tabella
- Anness III: Il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough, Hammond u Winterton, u tabelli
- Anness IV: Il-valutazzjoni tal-Impatt (VI) għall-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żona speċifikata) ta' Land's End u Cape Bank
- Anness V: Il-valutazzjoni tal-Impatt (VI) għall-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point to Plymouth Sound u Eddystone.
- Anness VI: Il-valutazzjoni tal-Impatt (VI) għall-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough, Hammond u Winterton

## 1. INTRODUZZJONI

Hija l-intenzjoni tal-Gvern tar-Renju Unit li jiehju miżuri għall-projbizzjoni tal-attivajiet tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ f'żoni speċifikati biex jiproteġu l-istrutturi tal-iskoll iddeżinjati tal-Anness I ta' ċerti siti tal-baħar fir-Renju Unit ta' Natura 2000. Sabiex jiġu applikati dawn il-miżuri għall-bastimenti kollha, inklużi l-bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra tal-UE, ir-Renju Unit qed issegwi l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2371/2002 tal-UE. Il-miżuri li r-Renju Unit biħsiebu jiehju, u l-Istati Membri rilevanti affettwati huma msemmija hawn taħt:

— Il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żona speċifikata) ta' Land's End u Cape Bank, — Franza u l-Belġju (l-Anness I)

— Il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone, — Franza u l-Belġju (l-Anness II)

— il-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-sit marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough, Hammond u Winterton, — il-Belġju (l-Anness III)

## 2. IL-QAFAS LEGALI TAL-UE

### 2.1. **L-Artikolu 9 tar-Regolament 2371/2002 (ir-Regolament bażiku tal-Politika Komuni tas-Sajd)**

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri mhux diskriminatorji biex inaqqsu kemm jista' jkun l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi, sakemm l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw il-konservazzjoni u l-immaniġġjar speċifikament għal dik iż-żona.

Il-miżuri tal-Istati Membri għandhom ikunu kompatibbli mal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 u ma għandhomx ikunu inqas stretti mil-leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità.

Jekk il-miżuri ta' Stat Membru aktarx se jaffettwaw lill-bastimenti ta' Stat Membru ieħor, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati biss wara li l-Kummissjoni, l-Istat Membru u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati ikunu ġew konsultati dwar abbozz tal-miżuri flimkien ma' memorandum ta' spjegazzjoni.

L-għan tal-miżuri proposti tar-Renju Unit huwa li jnaqqsu kemm jista' jkun l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar billi jipproteġu l-istrutturi tal-iskoll iddeżinjati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE mid-deterjorament minħabba l-impatt tal-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ.

Barra minn hekk, il-Komunità ma adottatx miżuri li jindirizzaw speċifikament il-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar għal dawn is-siti tal-baħar ta' Natura 2000.

### 2.2. **Aċċess għall-ilmijiet territorjali tar-Renju Unit**

L-Anness I tar-Reg. 2371/2002 jstabilixxi drittijiet ta' aċċess għall-ilmijiet territorjali Ingliżi (bejn 6 u 12-il mil nawtiku tal-linji bażi tal-1983) għal bastimenti minn Stati Membri oħra.

Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom aċċess għas-sajd tal-ħut demersali f'żoni li jinkludu s-Sit ta' Importanza Komunitarja (SIK) <sup>(1)</sup> ta' Land's End u Cape Bank u s-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone. Barra minn hekk, il-bastimenti Belġjani għandhom ukoll aċċess għas-sajd tal-ħut demersali fiż-żona li tinkludi s-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton.

## 3. IL-QAFAS LEGALI INGLIŻ

### 3.1. **L-Att Dwar l-Aċċess għall-Baħar u L-Kosta 2009 (MaCCA)**

It-Taqsimiet 129 sa 133 tal-MaCCA jagħtu lill-Marine Management Organisation (MMO) is-setgħa fl-Ingilterra li tagħmel byelaws sa distanza ta' 12-il mil nawtiku mil-linja bażi tar-Renju Unit bl-iskop tal-għanijiet ta' konservazzjoni taż-żoni ta' konservazzjoni marittima (ŻKM) (tip ta' żona protetta tal-baħar).

### 3.2. **Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispċijiet tal-2010 (ir-Regolamenti dwar il-Habitats)**

It-Taqsima 38 tar-Regolamenti dwar il-Habitats testendi s-setgħat tat-teħid ta' byelaws tal-MMO skont il-MaCCA biex jagħti s-setgħa lill-MMO li tagħmel byelaws għall-protezzjoni ta' sit marittimu Ewropew (sit tal-baħar ta' Natura 2000) fl-Ingilterra.

<sup>(1)</sup> Is-Siti ta' Importanza Komunitarja (SIK) huma dawk li ntbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea biex jintgħażlu bħala żona speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK), li jagħmlu parti mis-serje ta' siti tal-baħar ta' Natura 2000.

4. L-APPROĊĊ RIVEDUT GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAJD KUMMERĊJALI F'SITI MARITTIMI EWROPEJ (SITI NATURA 2000)

Fl-14 ta' Awwissu 2012, id-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (Defra) ħabbar approċċ rivedut għall-ġestjoni tas-sajd kummerċjali fis-siti marittimi Ewropej <sup>(1)</sup> (siti tal-baħar ta' Natura 2000) fl-ilmijiet Ingliżi. L-approċċ rivedut ġie żviluppat u qed jiġi implimentat f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Implimentazzjoni tas-Sajd fis-Siti Marittimi Ewropej, li jinkludi rappreżentanti mill-industrija tas-sajd, NGOs ambjentali u konsulenti xjentifiċi tas-sajd u tal-baħar.

Skont dan l-approċċ rivedut, saret valutazzjoni tar-riskju ġenerika dwar l-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali kollha u l-istrutturi ddeżinjati kollha tal-baħar ta' Natura 2000 fl-ilmijiet Ingliżi. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew miġbura flimkien u murija f'matriċi <sup>(2)</sup>. F'din il-matriċi, l-interazzjonijiet bejn l-attività u l-istruttura ġew ikkategorizzati bħala ħomor, ambra, ħodor jew blu. Klassifikazzjoni 'ħamra' tindika riskju għoli ta' deterjorament lill-karatteristika. Biex jiġi żgurat li r-riskju tad-deterjorament lill-istruttura jitneħħa u biex b'hekk tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Habitats), ir-regolaturi tar-Renju Unit għandhom jintroduċu miżuri ta' ġestjoni biex jipprojbixxu l-attività li tirriżulta f'dawn l-interazzjonijiet sa tmiem l-2013. Ir-riżultati tal-matriċi ġew soġġetti għal revizzjoni indipendenti mis-Centre for Environment, Fisheries, and Aquaculture Science (Cefas) <sup>(3)</sup>.

Il-miżuri proposti inklużi f'din in-notifika, huma biex jiġu ġestiti l-interazzjonijiet ta' riskju għoli (jew aħmar). Għal dawk l-interazzjonijiet kklassifikati bħala ambra, hemm aktar inċertezza dwar ir-riskju u, għalhekk, se jkunu meħtieġa valutazzjonijiet fil-livell tas-sit biex ikun iddeterminat jekk hijiex meħtieġa l-ġestjoni ta' attività għall-protezzjoni tal-istrutturi. Il-valutazzjonijiet se jsiru bejn l-2014 u l-2016, u jekk ikunu meħtieġa xi miżuri ta' ġestjoni, dawn se jiġu introdotti sa tmiem l-2016. Il-valutazzjoni tal-interazzjonijiet ambra għandhom iqisu l-effetti kkombinati mill-interazzjonijiet li, waħidhom, aktarx li ma jaffettwawx il-ksib tal-għanijiet ta' konservazzjoni tal-istruttura (dawn huma kategorizzati bħala 'ħodor' fil-matriċi). Il-kategorizzazzjoni 'blu' tindika li ma hemmx interazzjoni fattibbli u, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' aktar valutazzjonijiet.

5. MIŻURI PROPOSTI

Il-miżuri proposti jipprojbixxu l-użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh f'żoni speċifikati (l-Annessi I-III). L-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġh jinkludi kwalunkwe rkaptu tas-sajd imbuttat jew miġbud mill-ilma u li jmiss qieġh il-baħar. Dan jinkludi għeżula tat-tkarkir demersali, xbieki tat-tkarkir bit-travu u gangmi rmunkati u gangmi tal-għbid bl-arja.

L-interazzjonijiet bejn dawn l-istrutturi tal-iskoll u l-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġh intgħażlu għall-protezzjoni għalix ġie identifikat li huma ta' riskju għoli għad-deterjorament tal-istrutturi. Interazzjonijiet oħra li jseħħu f'dawn is-siti tal-baħar ta' Natura 2000 (pereżempju bejn l-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh u l-bankijiet tar-ramel) se jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt sit sit (kif jingħad fid-dettall hawn fuq) u l-ġestjoni adatta għal dawn l-interazzjonijiet se tiġi introdotta sa tmiem l-2016,

Għal kull miżura proposta, thejjet valutazzjoni tal-impatt (VI) sabiex tidentifika kull impatt ekonomiku li jista' jirriżulta (l-Annessi IV-VI).

6. L-INFURZAR TAL-MIŻURI

L-MMO se tieħu approċċ ta' infurzar immexxi mill-informazzjoni u bbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni tas-Siti Marittimi Ewropej.

Fejn l-informazzjoni miġbura tissuġġerixxi li hemm nuqqas ta' konformità jew riskju ta' nuqqas ta' konformità ma miżura tal-ġestjoni, l-MMO se tiżviluppa strateġija ta' infurzar speċifika għall-ħtiġijiet ta' dak l-MPA u, fejn meħtieġ, tirrilaxxa r-riżorsi skont dawn il-ħtiġijiet. Dan jista' jinkludi l-preżenza tal-forza navali, sorveljanza mill-ajru jew operazzjonijiet konġunti ma' aġenziji oħra (pereżempju l-IFCAs, il-forza tal-fruntieri tar-Renju Unit, l-EA jew korpi regolatorji oħra tal-istat membru). L-MMO se tikkoordina l-operazzjonijiet konġunti u l-frekwenza u l-intensità tal-infurzar se jiġu ddeterminati skont ir-riskju u jistgħu jiġu utilizzati wkoll miżuri ta' monitoraġġ tal-informazzjoni li jirrikjedu lill-bastimenti li jirrapportaw il-pożizzjoni tagħhom.

<sup>(1)</sup> Dokument politiku ta' Defra: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/policy\\_and\\_delivery.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/policy_and_delivery.pdf)

<sup>(2)</sup> Il-matriċi tas-sajd fis-siti marittimi Ewropej: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/populated\\_matrix3.xls](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/populated_matrix3.xls)

<sup>(3)</sup> Ir-reviżjoni indipendenti tal-matriċi minn Cefas: [http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/cefass\\_matrix\\_review.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/cefass_matrix_review.pdf)

Aktar informazzjoni dwar il-Proċess tal-Infurzar tal-MMO ibbażat fuq ir-Riskju tinsab fi: <http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf>

L-prinċipji li skonthom l-MMO se tirregola l-MPAs huma stipulati fl-Att tar-Riforma Leġiżlattiva u Regolatorja tal-2006 u l-Kodiċi tal-Konformità tar-Regolaturi u għandhom li jiżguraw li l-MMO tkun proporzjonata, responsabbli, konsistenti, trasparenti u mmirata f'kull azzjoni ta' infurzar li tiegħu. Jista' jinstab aktar taġġir fl-istrateġija tal-konformità u l-infurzar tal-MMO: [http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance\\_enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance_enforcement.pdf)

## 7. KONSULTAZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI RELEVANTI, IL-KUNSILLI KONSULTATTIVI REĠJONALI, U L-KUMMISSJONI EWROPEA

L-Istati Membri rilevanti għal dawn il-miżuri proposti huma Franza u l-Belġju. Il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (Regional Advisory Council, RAC) rilevanti huma r-RAC tal-Baħar tat-Tramuntana (għas-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton) u r-RAC tal-Ilmijiet tal-Majjistral (għas-SIK ta' Land's End u Cape Bank u s-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone).

L-awtoritajiet tas-sajd ta' Franza u l-Belġju ġew ikkuntattjati biex jiddiskutu proposti tar-Renju Unit f'konsultazzjoni informali. Iż-żewġ awtoritajiet tas-sajd, ir-rappreżentanti rilevanti tal-industrija tas-sajd minn Franza u l-Belġju, u l-RACs rilevanti kollha ġew ikkonsultati bħala parti mill-konsultazzjoni formali dwar dawn il-miżuri mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013.

### 7.1 Id-dati tal-konsultazzjoni

Il-prekonsultazzjoni informali dwar il-miżuri proposti saret mid-9 ta' Ġunju sal-15 ta' Awwissu 2013. Il-konsultazzjoni pubblika dwar dawn il-miżuri, kif rikjest skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit saret mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013. In-notifika formali, kif rikjest mill-artikolu 9 tar-Regolament 2371/2002 se ssir fit-18 ta' Novembru 2013.

Il-Marine Management Organisation (MMO) kitbet lill-awtoritajiet tas-sajd ta' Franza (Direction des pêches maritimes et de l'aquaculture, u Agence des aires marine protégées) u tal-Belġju (Dienst Zeevisserij) fis-7 ta' Ġunju 2013 biex titlob l-oportunità li tiddiskuti l-proposti tagħna mal-awtoritajiet u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd.

Saret laqgħa fit-12 ta' Lulju 2013 bejn l-MMO, Dienst Zeevisserij (l-awtoritajiet tas-sajd Belġjani), ir-Redescentrale (l-Organizzazzjoni Belġjana tal-Produtturi tal-Ħut) u r-rappreżentanti l-oħra tal-industrija tas-sajd Belġjana.

L-awtoritajiet Franċiżi wieġbu lill-MMO fid-9 ta' Lulju 2013 u ssuġġerew li ssir laqgħa f'Settembru. Saret laqgħa fis-27 ta' Settembru 2013 bejn l-MMO, id-direction des pêches maritimes et de l'aquaculture (l-awtoritajiet tas-sajd Franċiżi), il-Comité National des Pêches Maritimes et des élevages marins (CNPMM: ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd nazzjonali Franċiża) u bosta rappreżentanti tas-sajd reġjonali Franċiżi.

L-MMO kitbet liż-żewġ RACs fl-10 ta' Settembru 2013 fejn stednithom jikkumentaw dwar il-konsultazzjoni pubblika. It-telefonati ta' segwitu lis-segretarjat ta' kull RAC indikaw li ż-żewġ RACs mhux se jagħtu tweġiba kkonsolidata għall-konsultazzjoni pubblika, iżda se jgħaddu d-dettalji tal-konsultazzjoni lill-Membri tagħhom sabiex iwiegħbu individwalment jekk ikunu jixtiequ.

### 7.2 Tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika u Tweġibiet tal-MMO

Ma waslux tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika mill-awtoritajiet Franċiżi jew Belġjani jew mir-RACs rilevanti. Waslu tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika dwar bastimenti ta' Stati Membri oħra mir-Redescentrale u CNPMM.

### 7.3 Il-korrispondenza bejn ir-Renju Unit u l-Kummissjoni Ewropea

Defra kitbet lill-Kummissjoni Ewropea fl-20 ta' Ġunju biex tagħti aġġornament dwar il-miżuri proposti tal-MMO. Dan kien jinkludi mappa tal-istrutturi tal-Anness 1 li jeħtieġu l-protezzjoni. Saret laqgħa fit-18 ta' Settembru 2013 bejn Defra, l-MMO, u l-Kummissjoni Ewropea biex ikompli jiddiskutu l-proposti tal-MMO.

## ANNEX I

**MARINE MANAGEMENT ORGANISATION (ORGANIZZAZZJONI GĦALL-ĠESTJONI TAL-BAĦAR)****L-ATT DWAR L-AĊĊESS GĦALL-BAĦAR U L-KOSTA 2009 (2009 c.23)**

IL-BYELAW DWAR L-IRKAPTU TAT-TKARKIR TAL-QIEGĦ FIS-SIT MARITTIMU EWROPEW (ŻONI SPEĊIFIKATI) TA' LANDS END U CAPE BANK

Il-Marine Management Organisation <sup>(1)</sup> fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament 38 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispeċijiet tal-2010 <sup>(2)</sup> u t-Taqsima 129 tal-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 <sup>(3)</sup>, u wara li:

- poġġiet kopji tal-abbozz tal-byelaw fpostijiet konvenjenti bl-għan tal-ispezzjoni skont it-taqsima 130(3) ta' dak l-Att;
- ipprovdiet kopja tal-abbozz tal-byelaw lil kwalunkwe persuna li talbitha skont it-taqsima 130(4) ta' dak l-Att;
- ippubblikat avviż dwar il-proposta tagħha li ssir byelaw skont it-taqsimiet 130(6) u 130(7) ta' dak l-Att;
- ikkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tar-Renju tal-Belġju, il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-ilmijiet tal-Majjistral u sussegwentement irċeviet konferma tal-abbozz tal-byelaw mill-Kummissjoni, skont l-Artikoli 8(3), 9(1) u 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(4)</sup>;

tagħmel din il-byelaw.

**Interpretazzjoni**

1. Fdin il-byelaw, "iż-żona speċifikata" tfisser Cape Bank kif definit fl-Iskeda.

**Projbizzjoni**

2. L-ebda persuna ma għandha tuża kwalunkwe rkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żona speċifikata.

**Eżenzjoni għal Funzjonijiet Xjentifiċi, ta' Stokkjar jew Tgħammir**

3. Din il-byelaw ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe persuna li twettaq att li kieku jikkostitwixxi offiża kontra din il-byelaw, jekk dak l-att ikun twettaq skont permess bil-miktub maħruġ mill-Marine Management Organisation li jippermetti dak l-att għal funzjonijiet xjentifiċi, ta' stokkjar jew tgħammir.

**Ċitazzjoni**

4. Din il-byelaw tista' tiġi ċċitata bħala l-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Lands End u Cape Bank.

Magħmula taħt is-Siġill Komuni tal-Marine Management Organisation

nhar [ ] jum ta' [ ] 2013

**Ls**

Is-Siġill Komuni tal-Marine Management Organisation twaħħal ma' din il-byelaw fil-preżenza ta':

[isem]  
Kap Eżekuttiv tal-Marine Management Organisation

Is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali fl-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lilu mit-taqsima 130(8) tal-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 jikkonferma l-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Lands End u Cape Bank magħmula mill-Marine Management Organisation nhar [ ] ta' [ ] 2013 u ddetermina li l-byelaw tidħol fis-seħħ nhar [ ] ta' [ ] 2013.

<sup>(1)</sup> Il-Marine Management Organisation ġiet stabbilita bl-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009, it-taqsima 1.

<sup>(2)</sup> S.I. 2010/490 emendat bi' S.I. 2012/1927.

<sup>(3)</sup> 2009 c.29

<sup>(4)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002 p. 59: kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 tal-10 ta' Lulju 2007 (ĠU L 192, 24.07.2007, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1); Ir-Regolament (UE) Nru 1152/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012, (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 30).

[isem]

[Kariga]

Impjegat għoli taċ-ċivil għal, u fisem, is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali

Data:

#### SKEDA

##### Definizzjoni ta' Cape Bank

Il-koordinati użati f'din l-Iskeda huma bbażati fuq WGS 84 datum, fejn 'WGS 84' tfisser World Geodetic System (is-sistema Ġeodetika Dinjija), irreveduta fl-1984.

"Cape Bank", tfisser iż-żona magħluqa bil-linja minn:

Il-Punt A (50 Grad 19,969 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 43,216 Minuti Punent) sa

Il-Punt B (50 Grad 16,913 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 48,820 Minuti Punent) sa

Il-Punt C (50 Grad 8,500 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 47,338 Minuti Punent) sa

Il-Punt D (50 Grad 4,747 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 48,929 Minuti Punent) sa

Il-Punt E (50 Grad 11,468 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 57,977 Minuti Punent) sa

Il-Punt F (50 Grad 19,129 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 52,099 Minuti Punent) sa

Il-Punt H (50 Grad 21,159 Minuti Tramuntana, 5 Gradi 44,468 Minuti Punent) sa

u mbagħad mill-Punt G sal-Punt A.

#### Nota Spjegattiva

*(Din in-nota mhijiex parti mill-byelaw)*

Il-Marine Management Organisation għamlet din byelaw biex tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jiġu ġestiti b'mod li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

Din il-byelaw tipproteġi l-komunitajiet tal-iskoll wieqaf 'il barra mill-kosta billi tipprojbixxi l-użu ta' rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ f'żoni speċifikati ta' Lands End u Cape Bank.


Iż-żoni speċifikati huma definiti fil-paragrafu 1 u fl-Iskeda ta' din il-byelaw.

Iż-żoni speċifikati huma identifikati, għal skopijiet illustrattivi biss, fuq il-mapep hawn taħt.

# SIK ta' Land's End & Cape Bank



Marine Management Organisation



© British Crown, NERC and SeaZone Solutions Ltd. All rights reserved. [SZ042010.001]. Natural England Copyright 2008. © Crown Copyright. All rights reserved 2008. © Marine Management Organisation. Contains UKHO Law of the Sea data © Crown copyright [2013] and database right. Ordnance Survey Licence No. 100049981. Reproduced with permission of Natural England / Joint Nature Conservation Committee. Not to be used for navigation.

## ANNEX II

**MARINE MANAGEMENT ORGANISATION (ORGANIZZAZZJONI GĦALL-ĠESTJONI TAL-BAĦAR)****L-ATT DWAR L-AĊĊESS GĦALL-BAĦAR U L-KOSTA 2009 (2009 c.23)**

IL-BYELAW DWAR L-IRKAPTU TAT-TKARKIR TAL-QIEGĦ FIS-SIT MARITTIMU EWROPEW (ŻONI SPEĊIFIKATI) TA' START POINT SA PLYMOUTH SOUND U EDDYSTONE

Il-Marine Management Organisation <sup>(1)</sup>, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament 38 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispedizzjoni tal-2010 <sup>(2)</sup> u t-Taqsima 129 tal-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 <sup>(3)</sup>, u wara li:

- poġġiet kopji tal-abbozz tal-byelaw fpostijiet konvenjenti bl-għan tal-ispezzjoni skont it-taqsima 130(3) ta' dak l-Att;
- ipprovdiet kopja tal-abbozz tal-byelaw lil kwalunkwe persuna li talbitha skont it-taqsima 130(4) ta' dak l-Att;
- ippubblikat avvizz dwar il-proposta tagħha li ssir byelaw skont it-taqsimiet 130(6) u 130(7) ta' dak l-Att;
- ikkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tar-Renju tal-Belġju, il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral, u sussegwentement irċeviet konferma tal-abbozz tal-byelaw mill-Kummissjoni, skont l-Artikoli 8(3), 9(1) u 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(4)</sup>;

tagħmel din il-byelaw.

**Interpretazzjoni**

1. F'din il-byelaw:

- (a) "il-linji ta' bażi tal-1983" tfisser il-linji ta' bażi għall-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali tar-Renju Unit kif kienu jeżistu fil-25 ta' Jannar 1983 skont l-Ordni fil-Kunsill dwar l-ilmijiet territorjali tal-1964 <sup>(5)</sup>;
- (b) "iż-żoni speċifikati" tfisser Ħatt Rock u Brentons kif definit fl-Iskeda.

**Projbizzjoni**

2. L-ebda persuna ma għandha tuża kwalunkwe rkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni speċifikati.

**Eżenzjoni għal Funzjonijiet Xjentifiċi, ta' Stokkjar jew Tgħammir**

3. Din il-byelaw ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe persuna li twettaq att li kieku jikkostitwixxi offiża kontra din il-byelaw, jekk dak l-att ikun twettaq skont permess bil-miktub maħruġ mill-Marine Management Organisation li jippermetti dak l-att għal funzjonijiet xjentifiċi, ta' stokkjar jew tgħammir.

**Ċitazzjoni**

4. Din il-byelaw tista' tiġi ċċitata bħala l-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point to Plymouth Sound u Eddystone.

Magħmula taħt is-Siġill Komuni tal-Marine Management Organisation

nhar [ ] jum ta' [ ] 2013

<sup>(1)</sup> Il-Marine Management Organisation ġiet stabbilita bl-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009, it-taqsima 1.

<sup>(2)</sup> S.I. 2010/490 emendat bi S.I. 2012/1927

<sup>(3)</sup> 2009 c.29

<sup>(4)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002 p. 59: kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 tal-10 ta' Lulju 2007 (ĠU L 192, 24.07.2007, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1); Ir-Regolament (UE) Nru 1152/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012, (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 30).

<sup>(5)</sup> 1965 III p.6452A, emendat mill-Ordni fil-Kunsill dwar l-ilmijiet territorjali (Emenda) 1979, 1979 III p.2866.

**Ls**

Is-Siġill Komuni tal-Marine  
Management Organisation  
twaħħal ma' din byelaw  
fil-preżenza ta':

[isem]  
Kap Eżekuttiv tal-Marine  
Management Organisation

Is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali fl-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lillu mit-taqsimi 130(8) tal-Att dwar l-Access għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 jikkonferma l-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point to Plymouth Sound u Eddystone magħmula mill-Marine Management Organisation nhar [ ] ta' [ ] 2013 u ddetermina li l-byelaw tidħol fis-seħħ nhar [ ] ta' [ ] 2013.

[isem]

[Kariga]

Impjegat għoli taċ-civil għal, u f'isem, is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali

Data:

**SKEDA****Definizzjonijiet ta' Ħatt Rock u Brentons**

Il-koordinati użati f'din l-Iskeda huma bbażati fuq WGS 84 datum, fejn 'WGS 84' tfisser World Geodetic System (is-sistema Ġeodetika Dinjija), irveduta fl-1984.

"Ħatt Rock" tfisser iż-żona magħluqa bil-linja minn:

Il-Punt A (50 Grad 10,320 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 28,388 Minuti Punent) sa

Il-Punt B (50 Grad 10,170 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 29,413 Minuti Punent) sa

Il-Punt C (50 Grad 10,568 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 29,755 Minuti Punent) sa

Il-Punt D (50 Grad 10,832 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 29,227 Minuti Punent) sa

Il-Punt E (50 Grad 10,782 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 28,543 Minuti Punent) sa

u mbagħad mill-Punt E sal-Punt A.

"Brentons" tfisser iż-żona magħluqa bil-linja minn:

Il-Punt A (50 Grad 10,714 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 25,325 Minuti Punent) sa

Il-Punt B (50 Grad 10,651 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 25,599 Minuti Punent) sa

Il-Punt C (50 Grad 10,632 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 25,870 Minuti Punent) sa

Il-Punt D (50 Grad 12,167 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 26,709 Minuti Punent) sa

Il-Punt E (50 Grad 12,330 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 26,505 Minuti Punent) sa

Il-Punt F (50 Grad 12,398 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 26,1972 Minuti Punent) sa

Il-Punt G (50 Grad 12,750 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 25,251 Minuti Punent) sa

Il-Punt H (50 Grad 12,956 Minuti Tramuntana, 4 Gradi 24,723 Minuti Punent) sa

U mbagħad mill-punt H sal-Punt A b'linja miġbuda minn sitt mili nawtiċi lejn in-naħa tal-baħar tal-linji bażi tal-1983.

Nota Spjegattiva

(Din in-nota mhijiex parti mill-byelaw)


Il-Marine Management Organisation għamlet din il-byelaw biex tiżgura li l-attivajiet tas-sajd jiġu ġestiti b'mod li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

Din il-byelaw tippoteġi l-istrutturi tal-iskollijiet fuq il-qiegħ tal-blat billi tipprobixxi l-użu ta' rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ f'żoni speċifikati tas-Sit Marittimu Ewropew ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone

Iż-żoni speċifikati huma definiti fil-paragrafu 1 u fl-Iskeda ta' din il-byelaw.

Iż-żoni speċifikati huma identifikati, għal skopijiet illustrattivi biss, fuq il-mapep hawn taħt.

# SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound & Eddystone



© British Crown, NERC and SeaZone Solutions Ltd. All rights reserved. [SZ042010.001]. Contains UKHO Law of the Sea data © Crown copyright and database right. Reproduced with permission of the Joint Nature Conservation Commission. © Crown Copyright and database right [2013]. All rights reserved. Ordnance Survey Licence No. 100049981. Reproduced with permission of Natural England / Joint Nature Conservation Committee Not to be used for navigation.

## ANNEX III

**MARINE MANAGEMENT ORGANISATION (ORGANIZZAZZJONI GĦALL-ĠESTJONI TAL-BAĦAR)****L-ATT DWAR L-AĊĊESS GĦALL-BAĦAR U L-KOSTA 2009 (2009 c.23)**

IL-BYELAW DWAR L-IRKAPTU TAT-TKARKIR TAL-QIEGĦ FIS-SIT MARITTIMU EWROPEW (ŻONI SPEĊIFIKATI) TA' HAISBOROUGH HAMMOND U WINTERTON

Il-Marine Management Organisation <sup>(1)</sup>, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament 38 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispċijiet tal-2010 <sup>(2)</sup> u t-Taqsima 129 tal-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 <sup>(3)</sup>, u wara li:

- poġġiet kopji tal-abbozz tal-byelaw fpostijiet konvenjenti bl-għan tal-ispezzjoni skont it-taqsima 130(3) ta' dak l-Att;
- ipprovdiet kopja tal-abbozz tal-byelaw lil kwalunkwe persuna li talbitha skont it-taqsima 130(4) ta' dak l-Att;
- ippubblikat avvizz dwar il-proposta tagħha li ssir byelaw skont it-taqsimiet 130(6) u 130(7) ta' dak l-Att;
- ikkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tar-Renju tal-Belġju, u l-Kunsill Konsultattiv Reġionali għall-Baħar tat-Tramuntana, u sussegwentement irċeviet konferma tal-abbozz tal-byelaw mill-Kummissjoni, skont l-Artikoli 8(3), 9(1) u 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(4)</sup>;

tagħmel din il-byelaw.

**Interpretazzjoni**

1. F'din il-byelaw, "iż-żoni speċifikati" tfisser iż-Żona 1 u iż-Żona 2 kif definit fl-Iskeda.

**Projbizzjoni**

2. L-ebda persuna ma għandha tuża kwalunkwe rkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni speċifikati.

**Eżenzjoni għal Funzjonijiet Xjentifiċi, ta' Stokkjar jew Tgħammir**

3. Din il-byelaw ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe persuna li twettaq att li kieku jikkostitwixxi offiża kontra din il-byelaw, jekk dak l-att ikun twettaq skont permess bil-miktub maħruġ mill-Marine Management Organisation li jippermetti dak l-att għal funzjonijiet xjentifiċi, ta' stokkjar jew tgħammir.

**Ċitazzjoni**

4. Din il-byelaw tista' tiġi ċċitata bħala l-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough Hammond u Winterton.

Magħmula taħt is-Siġill Komuni tal-Marine Management Organisation

nhar [ ] jum ta' [ ] 2013

**LS**

Is-Siġill Komuni tal-Marine Management Organisation twaħħal ma' din byelaw fil-preżenza ta':

[isem]  
Kap Eżekuttiv tal-Marine Management Organisation

<sup>(1)</sup> Il-Marine Management Organisation ġiet stabbilita bl-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta tal-2009, it-taqsima 1.

<sup>(2)</sup> S.I. 2010/490 emendat bi S.I. 2012/1927

<sup>(3)</sup> 2009 c.29

<sup>(4)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002 p. 59: kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 tal-10 ta' Lulju 2007 (ĠU L 192, 24.07.2007, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1); Ir-Regolament (UE) Nru 1152/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012, (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 30).

Is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali fl-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lilu mit-taqsima 130(8) tal-Att dwar l-Access għall-Baħar u l-Kosta tal-2009 jikkonferma l-Byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough Hammond u Winterton magħmula mill-Marine Management Organisation nhar [ ] ta' [ ] 2013 u ddetermina li l-byelaw tidħol fis-seħħ nhar [ ] ta' [ ] 2013.

[isem]

[Kariga]

Impjegat għoli taċ-ċivil għal, u fisem, is-Segretarju tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali

Data:

#### SKEDA

##### Definizzjonijiet taż-Żona 1 u ż-Żona 2

Il-koordinati użati f'din l-Iskeda huma bbażati fuq WGS 84 datum, fejn 'WGS 84' tfisser World Geodetic System (is-sistema Ġeodetika Dinjija), irrevoduta fl-1984 u għal darb'oħra fl-2004.

“Żona 1” tfisser iż-żona magħluqa bil-linja minn:

Il-Punt A (52 Grad 47,792 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,661 Minuti Lvant) sa

Il-Punt B (52 Grad 47,919 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,179 Minuti Lvant) sa

Il-Punt C (52 Grad 48,229 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,065 Minuti Lvant) sa

Il-Punt D (52 Grad 48,267 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,114 Minuti Lvant) sa

Il-Punt E (52 Grad 48,442 Minuti Tramuntana, 1 Grad 57,900 Minuti Lvant) sa

Il-Punt F (52 Grad 48,705 Minuti Tramuntana, 1 Grad 57,942 Minuti Lvant) sa

Il-Punt G (52 Grad 48,876 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,277 Minuti Lvant) sa

Il-Punt H (52 Grad 48,814 Minuti Tramuntana, 1 Grad 58,920 Minuti Lvant) sa

Il-Punt I (52 Grad 48,615 Minuti Tramuntana, 1 Grad 59,207 Minuti Lvant) sa

Il-Punt J (52 Grad 48,465 Minuti Tramuntana, 1 Grad 59,173 Minuti Lvant) sa

Il-Punt K (52 Grad 48,397 Minuti Tramuntana, 1 Grad 59,328 Minuti Lvant) sa

Il-Punt L (52 Grad 48,123 Minuti Tramuntana, 1 Grad 59,400 Minuti Lvant) sa

Il-Punt M (52 Grad 47,926 Minuti Tramuntana, 1 Grad 59,179 Minuti Lvant) sa

U mbagħad mill-Punt M sal-Punt A.

“Żona 2” tfisser iż-żona magħluqa bil-linja minn:

Il-Punt A (52 Grad 50,804 Minuti Tramuntana, 1 Grad 48,365 Minuti Lvant) sa

Il-Punt B (52 Grad 50,617 Minuti Tramuntana, 1 Grad 48,178 Minuti Lvant) sa

Il-Punt C (52 Grad 50,698 Minuti Tramuntana, 1 Grad 47,043 Minuti Lvant) sa

Il-Punt D (52 Grad 51,027 Minuti Tramuntana, 1 Grad 46,490 Minuti Lvant) sa

Il-Punt E (52 Grad 51,133 Minuti Tramuntana, 1 Grad 46,633 Minuti Lvant) sa

Il-Punt F (52 Grad 51,013 Minuti Tramuntana, 1 Grad 48,138 Minuti Lvant) sa

u mbagħad mill-Punt F sal-Punt A.

## Nota Spjegattiva

(Din in-nota mhijiex parti mill-byelaw)

Il-Marine Management Organisation għamlet din byelaw biex tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jiġu ġestiti b'mod li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

Din il-byelaw tippoteġi l-iskollijiet tad-dudu bijoġeniku ross (*Sabellaria spinulosa*) billi tipprobixxi l-użu ta' rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ f'żoni speċifikati fis-Sit Marittimu Ewropew ta' Haisborough Hammond and Winterton.


Iż-żoni speċifikati huma definiti fil-paragrafu 1 u fl-Iskeda ta' din il-byelaw.

Iż-żoni speċifikati huma identifikati, għal skopijiet illustrattivi biss, fuq il-mapep hawn taħt.



# SIK ta' HAISBOROUGH HAMMOND & WINTERTON

= 3.726533 sq km



© British Crown, NERC and SeaZone Solutions Ltd. All rights reserved. [SZ042010.001]. Reproduced with permission of the Joint Nature Conservation Commission. © Crown Copyright and database right [2013]. All rights reserved. Contains UKHO Law of the Sea data © Crown copyright and database right. © Marine Management Organisation. © ICES (<http://geo.ices.dk/>) Not to be used for navigation.

## ANNEX IV

<b>Titlu:</b> <b>Valutazzjoni tal-impatt tal-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Land's End u Cape Bank</b>		<b>Valutazzjoni tal-Impatt (VI)</b>		
<b>Nru tal-VI:</b> MMO02		<b>Data:</b> 9.9.2013		
<b>Dipartiment jew aġenzija ta' tmexxija:</b> Marine Management Organisation (Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Baħar)		<b>Stadju:</b> Development/Options		
<b>Dipartimenti jew aġenziji oħra:</b> Defra, Natural England, In-shore Fisheries and Conservation Authority ta' Cornwall		<b>Sors tal-intervent:</b> Domestiku		
		<b>Tip ta' miżura:</b> Leġiżlazzjoni Sekondarja		
		<b>Kuntatt għall-informazzjoni:</b> Michael Coyle Michael.Coyle@marinemangement.org.uk 0300 123 1032		
<b>Taqsisra: Intervent u Għażliet</b>		<b>Opinjoni tar-Regulatory Policy Committee (RPĊ):</b> Status tal-Opinjoni tal-RPĊ		
<b>L-ispiża tal-Għażla Ppreferuta (jew l-aktar waħda probabbli)</b>				
<b>Valur Preżenti Nett Totali</b>	<b>Valur Preżenti Nett tan-Negozju</b>	<b>Spiża netta lin-negozji kull sena (EANCB fuq il-prezzijiet tal-2009)</b>	<b>FI-ambitu ta' One-In, Two-Out?</b>	<b>Il-miżura tikkwalifika bħala</b>
M/A	M/A	M/A	Le	M/A
<b>X'inhil problema li qed tiġi kkunsidrata? Għaliex hemm il-bżonn tal-intervent pubbliku?</b>				
<p>Il-Marine Management Organisation qed tipproponi din il-byelaw għaliex hemm bżonn li l-istrutturi tal-iskollijiet fil-qiegħ tal-blat f'dan is-sit marittimu Ewropew (EMS) iddeżinjati fl-Anness I jiġu mħarsa mis-sajd li juża rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.</p> <p>Din il-byelaw hija proposta skont l-approċċ rivedut introdott mid-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (Department for Environment, Food and Rural Affairs, Defra) biex jiżgura li jkun hemm konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-ħabitats) u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar) fir-rigward tal-attività tas-sajd kummerċjali.</p> <p>Jinħtieġ li jsir intervent biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-esternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.</p> <p>Din l-istrateġija riveduta għas-sajd kummerċjali qed tiġi implimentata abbażi tal-evidenza, bil-prijoritizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. L-approċċ huwa infurmat permezz ta' matriċi li sar qbil dwarha u li turi kif l-attività tas-sajd jistgħu jaffettwaw l-istrutturi ddeżinjati fl-EMSS. Kull interazzjoni bejn l-attività u l-istruttura ġiet ikkategorizzata bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu skont ir-riskji potenzjali li t-tipi ta' rkaptu speċifiċi jippreżentaw għall-istrutturi ta' interess. Kategorija ħamra tindika li hemm riskju għoli għall-istruttura, u li l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jiġu prijoritizzati u implimentati sa tmiem l-2013. Il-bqija tal-interazzjonijiet bejn it-tip ta' rkaptu u l-istruttura li huma identifikati fil-matriċi se jiġu vvalutati u l-miżuri ta' ġestjoni xierqa jiġu implimentati, jekk ikun meħtieġ, sal-2016.</p> <p>L-interazzjoni bejn l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ u l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-Sit ta' Importanza Komunitarja (SIK) (Site of Community Importance, SCI) ta' Land's End u Cape Bank ġiet identifikata bħala ħamra u, għaldaqstant, hija prijorità għall-ġestjoni biex jitneħħa r-riskju ta' ħsara lill-istruttura mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Ma hemmx strutturi oħra fis-sit. Il-byelaw proposta se tiżgura li l-interazzjoni bejn l-attività tas-sajd u l-istruttura tiġi ġestita skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-ħabitats. L-interazzjonijiet bejn tipi oħra ta' rkapti tas-sajd u l-istrutturi tal-iskoll ġew identifikati bħala prijorità aktar baxxa u, għalhekk, se jitqiesu aktar 'il quddiem.</p> <p>Għal siti li jinsabu bejn 0 u 6 mili nawtiċi, Defra tistenna li l-Inshore Fisheries and Conservation Authority (IFCA) rilevanti tkun l-awtorità regolatorja ta' tmexxija. Għal siti bejn 6 u 12-il mil nawtiku, l-MMO hija l-awtorità regolatorja ta' tmexxija u l-miżuri se jiġu introdotti fuq bażi mhux diskriminatorja skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd.</p> <p>Wara diskussjonijiet bejn l-MMO u l-IFCA ta' Cornwall, ġie miftiehem li, l-għażla ppreferuta hija byelaw tal-MMO għall-istruttura tal-iskoll ta' Cape Bank li taqa' bejn 0 u 12-il mil nawtiku.</p>				

**X'inhuma l-għanijiet politiċi u l-effetti mixtieqa?**

- Il-prevenzjoni tad-deterjorazzjoni tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fil-parti tas-SIK ta' Land's End u Cape Bank li taqa' bejn 6 u 12-il mil nawtiku, minn impatti marbutin mal-użu tal-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ;
- Il-promozzjoni tal-għanijiet ta' konservazzjoni ddikjarati għas-SIK ta' Land's End u Cape Bank;
- Il-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats skont l-approċċ rivedut ta' Defra;
- Il-promozzjoni tas-sajd sostenibbli u, fl-istess ħin, il-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;
- It-tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatt fuq l-attività tas-sajd bl-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ billi jinżamm, fejn possibbli, l-aċċess għall-postijiet tas-sajd ġewwa s-Sik;
- It-tnaqqis tan-negattivajiet esterni u l-issuktar tal-provvista tal-prodotti pubbliċi.

**Liema għażliet politiċi ġew ikkunsidrati, inkluż kull alternattiva għar-regolamentazzjoni? Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla ppreferuta (aktar dettalji fil-Bażi tal-Evidenza)**

1. Ma jsir xejn.
2. Miżuri voluntarji.
3. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK kollha kemm hi ("għelugħ sħiħ tas-sit").
4. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat bi lqugħ xieraq ('għestjoni biż-żoni').
5. Għestjoni tal-attività permezz ta' Strument Statutorju, Ordni Regulatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

**L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 4 li se tippromwovi s-sajd sostenibbli, tikkonserva l-ambjent tal-baħar u tiżgura l-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats.**

**Il-politika se tiġi riveduta?** Se tiġi riveduta. **Jekk inhu applikabbli, agħti d-data tar-reviżjoni:** Mhux applikabbli

L-implimentazzjoni se tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-UE?			Le		
Liema huma t-tipi ta' intrapriżi kkonċernati? Jekk il-mikrointrapriżi huma eżentati, agħti r-raġuni fil-Bażi tal-Evidenza.	Mikro Iva/le	< 20 Iva/le	Żgħira Iva/le	Medja Iva/le	Kbira Iva/le
X'inhi l-bidla fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra espressa f'ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> ? (Miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	Kummerċjalizzati:		Mhux ikkummerċjalizzati:		

**Grajt il-valutazzjoni tal-impatt u ninsab sodisfatt/a li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din tirrappreżenta analiżi raġonevoli tal-ispejjeż, il-benefiċċji u l-impatt li aktarx ikollhom l-għażliet ewlenin.**

Iffirmat mill-persuna responsabbli AGĦŻEL IL-FIRMATARJU: \_\_\_\_\_ Data: \_\_\_\_\_

## Taqsisra: Analiżi u Evidenza

Għażla Politika 1

## Deskrizzjoni:

## VALUTAZZJONI EKONOMIKA SĦIĦA

Sena Bażi tal-Prezz 2013	Sena Bażi tal-Valur Preżenti 2013	Perjodu ta' Żmien fi Snin 10	Benefiċċju Nett (Valur Preżenti (VP)) (GBP m)		
			Baxx: Fakultattiv	Għoli: Fakultattiv	L-Aħjar Stima:

SPEJJEŻ (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t-tranżizzjoni) (Prezz Kostanti)	Spiża Totali (Valur Preżenti)
Baxx	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima	LE		Fakultattiv	GBP 0,20 m

## Deskrizzjoni u skala tal-ispejjeż monetizzati ewlenin skont il-gruppi affettwati ewlenin'

L-ispejjeż annwali tal-infurzar li se taffaċċja l-MMO huma stmati li jvarjaw bejn **GBP 22 475** u **GBP 23 475**. L-aħjar stima tal-ispejjeż tal-infurzar hija preżunta li tkun il-punt tan-nofs ta' xenarji tal-ispejjeż baxxi u għolja (**GBP 22 975**), li jirriżulta f'valur preżenti tal-ispejjeż fuq 10 snin ta' **GBP 0,2 m**. Spejjeż ta' darba mhumiex antiċipati.

It-telf annwali stmat fil-ħatt l-art tar-Renju Unit fiż-żona pprojbita inkluż iż-żona ta' lqugħ huwa ta' **GBP 11 788** u l-valur tal-valur miżjud gross affettwat huwa ta' **GBP 4 126,09** <sup>(1)</sup>. Il-valur preżenti tal-valur miżjud gross fuq il-perjodu ta' 10 snin tal-valutazzjoni tal-impatt huwa ta' **GBP 0,04 m**.

Minħabba l-ispostament minimu kkawżat mill-intervent, billi l-postijiet alternattivi tas-sajd huma aċċessibbli, l-istimi tal-ispiża totali ma jinkludux telf ta' valur miżjud gross. L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd f'dak il-każ x'aktarx li huma stima eċċessiva peress li l-ebda spostament ma għie preżunt u 100 % tal-valur miżjud gross fl-oqsma affettwati huwa preżunt mitluf.

## Spejjeż mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-gruppi affettwati ewlenin'

Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom drittijiet legali ta' aċċess fil-parti tas-SIK iktar 'il barra minn 6 mili nawtiċi.

It-Taqsisma 7.4 tenfasizza l-attività limitata tal-bastimenti Belġjani u Franċiżi f'dan is-SIK li kienet ikkonfermata wkoll mill-involvement bikri tagħna mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana. L-involvement mal-awtoritajiet Franċiżi seħħ f'Settembru. Matul il-konsultazzjoni formali ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża u wkoll dik Belġjana, kkonfermaw li xi attività tas-sajd isseħħ fiż-żona pprojbita proposta ta' Cape Bank.

L-MMO tipproponi li tuża korpi oħra tal-infurzar bħall-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit u l-pulizija sabiex tuża b'mod sħiħ ir-riżorsi tagħhom għall-għassa u l-infurzar. Dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu stmati fil-preżent billi jintalbu fuq bażi *ad hoc* u l-ispejjeż jistgħu jvarjaw. Dawn l-ispejjeż addizzjonali jistgħu jiġdiedu fi stadju aktar tard, jekk ikun meħtieġ.

BENEFIĊĊJI (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t-tranżizzjoni) (Prezz Kostanti)	Benefiċċju Totali (Valur Preżenti)
Baxx	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima				

<sup>(1)</sup> FI-Anness H7 hemm aktar dettalji dwar l-approċċ għall-VI taż-Żona ta' Konservazzjoni Marittima: <http://publications.naturalengland.org.uk/publication/1940011>

**Deskrizzjoni u skala tal-benefiċċji monetizzati ewlenin skont il-'gruppi affettwati ewlenin'**

Ma hemmx ċifri monetizzati disponibbli għall-benefiċċji tal-għeluq rakkomandat. Madankollu, hawn taħt hawn deskritti benefiċċji potenzjali sinifikanti.

**Benefiċċji mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-'gruppi affettwati ewlenin'**

Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tiproteġi l-istruttura tal-iskoll fuq il-blat tal-qiegħ fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma' tal-konservazzjoni. Din se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-ħabitats tal-iskollijiet, b'riżultat tal-projbizzjoni rakkomandata. Tista' tipromwovi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħall-buġħaddasa u d-dilettanti tas-sajd, li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali (ara l-bażi tal-evidenza).

**Is-suppożizzjonijiet/sensittivitajiet/riskji ewlenin****Rata ta' skont (%)**

3,5 %

L-istimi tal-ispejjeż medji għall-industrija tas-sajd huma bbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art tal-MO stmat fis-SIK fir-rettangolu statistiku 29e4 tad-diviżjoni VIIe tal-ICES. Mhuwiex magħruf liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona pprojbita proposta, li tiffirma inqas minn 5,79 % ta' rettangolu statistiku tal-ICES (3,840 kilometru kwadru). L-istatistika ppreżentata f'din il-VI ġiet prodotta bl-użu tal-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definit. L-attività rrapportata tal-bastimenti tar-Renju Unit (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien ma' dettalji tal-irkaptu involut) hija meħuda mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO u tinkludi l-entrati kollha fil-ġurnal ta' abbord għall-bastimenti tas-sajd irreġistrati fir-Renju Unit. L-informazzjoni dwar il-bastimenti Belġjani u Franċiżi nġhatat permezz ta' estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrapportata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-STEFC. FI-Annessi A u B hemm aktar deskrizzjonijiet tal-metodoloġija użata għall-produzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż dettaljati.

Il-valur miżjud gross irrapportat għall-bastimenti tar-Renju Unit ġie kkalkulat bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-ħatt l-art skont il-perċentwali tad-dħul totali li jikkostitwixxi l-valur miżjud gross għat-tip ta' rkaptu/reġjun rilevanti. L-istima pprovduta tal-valur miżjud gross bħala perċentwali tad-dħul totali (35 % għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ) intużat ukoll fil-kalkoli għaż-żoni ta' Konservazzjoni Marittima proposti.

L-informazzjoni miġbura minn sajjeda u partijiet interessati oħra matul il-laqqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riżerva li din hija evidenza aneddottali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni uu mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċessarjament jaqblu jew ma jaqblux mad-dikjarazzjoni.

**VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI KUMMERĊJALI (Għażla 1)**

Impatt dirett fuq in-negozji (Ekwivalenti Annwali) GBP m:			Huwa applikabbli l-prinċipju OITO?	Il-miżura tikkwalifika bħala
Spejjeż:	Benefiċċji:	Nett:	Iva/le	ĠEWWA/BARRA/ Spiża netta ta' zero

## BAŻI TAL-EVIDENZA

1. **Introduzzjoni**

- 1.1 Sit: SIK ta' Land's End u Cape Bank <sup>(1)</sup>.
- 1.2 Is-SIK ta' Land's End u Cape Bank ġie ddeżinjat minħabba l-komunitajiet fl-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-sit. Il-komunitajiet tal-iskolljiet fuq il-qiegħ tal-blat huma partijiet mill-blat li jsporġu 'l barra, u li jkunu kkolonizzati minn firxa ta' flora u fauna. Jista' jkun hemm tranżizzjoni ta' komunitajiet miż-żona qrib il-wiċċ imdawla bix-xemx, iddominata mill-pjanti, bħal foresti tal-alka laminarja (kelp) u alka ħamra tal-baħar, għall-ilmijiet iktar fondi fejn varjetà ta' fauna tgħix fl-iskolljiet fuq is-sottostrat tal-blat, inklużi l-ekinodermi, l-isponoż, il-qroll, l-anemoni, il-brijozoani u l-krustaċji <sup>(2)</sup>.
- 1.3 L-iskolljiet tal-blat tal-qiegħ f'dan is-sit huma uħud mill-aktar skolljiet bijoloġikament diversi fil-pajjiż u għandhu rwol importanti fl-appoġġ ta' speċijiet li huma meqjusa rari jew li jseħħu fil-limiti tad-distribuzzjoni bijoġeografika tagħhom.
- 1.4 Id-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (DEFRA) introduċa approċċ revedut għall-ġestjoni tal-attività ta' sajd f'EMS (ara t-taqsim 2.1). Dan irriżulta fil-hteġa biex l-EMO tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat mill-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir fil-qiegħ fis-SIK fil-limiti ta' bejn 6 u 12-il mil nawtiku biex tiżgura konformità sħiħa mal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats <sup>(3)</sup>.
- 1.5 L-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ tfisser kull irkaptu tas-sajd li jiġi imbuttat jew miġbud fil-baħar u jmiss ma' qiegħ il-baħar. Dan jinkludi l-għeżula tat-tkarkir demersali u x-xbieki tat-tkarkir bit-travi u l-gangmi għall-krustaċji. Il-miżuri ta' ġestjoni li jirrestrinġu dawn l-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet u l-istrutturi huma għalhekk meħtieġa.
- 1.6 Din il-VI thejjet biex tispeċifika l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-byelaw tal-EMO proposta għall-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ għall-protezzjoni ta' dawn l-istrutturi. Il-VI tindika wkoll għaliex l-għażla li qed tiġi rakkomandata hija dik ippreferuta għall-ġestjoni. Abbozz ta' din il-VI kienet soġġetta għall-konsultazzjoni pubblika.
- 1.7 Id-dejta u l-evidenza biex tinforma din il-VI nġabret minn Natural England (NE), l-HFCAs, u l-EMO. Barra minn hekk, l-EMO, flimkien mal-IFCA ta' Cornwall, organizzat sessjoni miftuħa f'Looe fl-10.6.2013 u flimkien mal-IFCA ta' Devon u Severn, fi Plymouth, fil-11.6.2013 biex tiltaqa' mal-partijiet interessati u biex dawn ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet diretti u biex hi tiġbor l-evidenza dwar l-impatti ekonomiċi taż-żoni pprojbiti proposti (ara l-Grafika 1) Fit-12.7.2013 saret laqgħa mal-awtoritajiet Belġjani u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd fil-Belġju u fis-27.9.2013 saret waħda mal-awtoritajiet Franċiżi u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd f'Pariġi. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża enfasizzaw l-użu tal-għeżula tat-tkarkir fiż-żona pprojbita proposta ta' Cape Bank u enfasizzaw il-hteġa li l-avvanzi teknoloġiċi fit-tipi ta' rkaptu jiġu kkunsidrati fil-ġestjoni. L-informazzjoni u l-istqarrijiet minn intervisti mas-sajjeda kummerċjali ġew irreġistrati u inkorporati f'din il-VI bħala evidenza aneddottali.
- 1.8 Bħala parti mill-proċess statutorju tal-byelaw, l-abbozzi tal-byelaw proposta u tal-VI għal dan is-sit ġew ikkonsultati formalment mill-10.9.2013 sat-22.10.2013. Il-kummenti mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża kkonfermaw li l-attività tas-sajd bit-tkarkir tal-qiegħ ma sseħħ fin-naħa tal-Punent taż-żona pprojbita proposta ta' Cape Bank. Ir-rispons tar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermat ukoll li l-attività tas-sajd Belġjana fiż-żona tat-Tramuntana taż-żona pprojbita proposta ta' Cape Bank.

<sup>(1)</sup> Is-Siti ta' importanza Komunitarja (SIK) huma siti li ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea iżda li għadhom ma ġewx iddeżinjati formalment bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) mill-Gvern tar-Renju Unit.

<sup>(2)</sup> Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

## 2. Loġika għall-intervent

- 2.1 F'Awwiisu 2012 Defra għamlet reviżjoni tal-ġestjoni tas-sajd fl-EMS sabiex tidentifika l-ġestjoni futura meħtieġa biex ikun żgurat li l-istrutturi tas-sit jinżammu f'kundizzjoni favorevoli. Dan irriżulta f'approċċ rivedut <sup>(1)</sup> għall-ġestjoni tas-sajd f'EMS.
- 2.2 L-approċċ rivedut qed jiġi implimentat abbażi tal-evidenza, bil-prijoritizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. Il-prijoritizzazzjoni tar-riskju huwa informat permezz ta' matriċi <sup>(2)</sup> li tikkategorizza r-riskji mill-interazzjonijiet bejn l-attività tas-sajd u l-istrutturi ekoloġiċi. L-interazzjonijiet bejn l-attività u l-istruttura ġew ikkategorizzati bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu. Dawk ikklassifikati bħala ħomor ġew iprijoritizzati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni sal-aħħar tal-2013 (irrispettivament mil-livell effettiv ta' attività) biex jiġi evitat id-deterjorament tal-istrutturi ddeżinjati f'konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-interazzjonijiet li huma kkategorizzati bħala ambra jirrikjedu valutazzjoni fil-livell tas-sit biex tiddetermina jekk il-ġestjoni ta' attività hijiex meħtieġa għall-protezzjoni tal-istrutturi. L-interazzjonijiet li huma kategorizzati bħala hodur wkoll jeħtieġu valutazzjoni fil-livell tas-sit jekk ikun hemm effetti kumulattivi. Il-kategorizzazzjoni blu tindika li ma hemmx interazzjoni fattibbli u, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' aktar valutazzjonijiet <sup>(3)</sup>.
- 2.3 Il-paragrafi 6(1) u 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats <sup>(4)</sup> jirrikjedu li, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) u ż-żoni ta' protezzjoni speċjali (ŻPS), l-Istati Membri għandhom:
- jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' habitats naturali fl-Anness I u l-ispeċijiet fl-Anness II preżenti fis-siti
  - jieħdu passi xierqa fid-dawl tad-deterjorament tal-habitats naturali u tal-habitats tal-ispeċijiet kif ukoll tad-disturb tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati ż-żoni
- 2.4 Ir-Regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispeċijiet tal-2010 jiddefinixxi EMS bħala (fost l-oħrajn) ŻSK, ŻPS u SIK. Il-Parti 6 ta' dawn ir-regolamenti tistipula r-rekwiżiti għall-ġestjoni għall-EMS, skont l-Artikoli 6(2), 6(3) u 6(4) tad-Direttiva dwar il-Habitats.
- 2.5 Is-SIK ta' Land's End u Cape Bank fih strutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat li ġew ikkategorizzati bħala riskju aħmar fir-rigward tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġ u, għalhekk, jinħtieġu miżuri ta' ġestjoni biex jitneħħa dan ir-riskju. L-MMO hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-projbizzjoni tal-interazzjoni bejn l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat u l-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġ. L-interazzjoni ta' tipi oħra ta' rkaptu tas-sajd mal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat se tiġi vvalutata matul il-proċess ta' valutazzjoni ambra/aħdar.
- 2.6 Dan is-sit jinsab f'żewġ żoni amministrattivi: bejn 0 u 6 mili nawtiċi u bejn 6 u 12-il mil nawtiku. Hemm żewġ żoni prinċipali tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat fis-sit, waħda fil-parti ta' Land's End u l-oħra fil-parti ta' Cape Bank. L-iskoll ta' Land's End li jinsab ġewwa s-6 mili nawtiċi u se jiġi ġestit permezz ta' byelaw tal-IFCA ta' Cornwall. L-iskoll ta' Cape Bank jinsab kemm ġewwa s-6 mili nawtiċi kif ukoll ġewwa ż-żona bejn 6 u 12-il mil nawtiku u se jiġi ġestit permezz ta' byelaw tal-MMO.
- 2.7 Il-post u l-firxa speċifiċi tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat ġew ipprovduti minn Natural England <sup>(5)</sup>. Iż-żona ta' l-quegħ hija bbażata fuq l-abbozz tal-gwida ta' Natural England <sup>(6)</sup>, li tirrakkomanda daqs taż-żona tal-lquegħ abbażi tal-fond tal-istruttura li qed tiġi protetta. L-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat f'dan is-sit testendi sa 100 metru ta' fond. Għal fond ta' bejn 25 u 200 metru, il-gwida ta' Natural England tirrakkomanda żona ta' lquegħ ta' tliet darbiet il-fond tal-istruttura. Għalhekk, ġiet applikata żona ta' lquegħ ta' 300 metru (100 metru għal tliet darbiet).

<sup>(1)</sup> Dokument politiku dwar is-sajd f'EMS: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/policy\\_and\\_delivery.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/policy_and_delivery.pdf)

<sup>(2)</sup> Matriċi: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/populated\\_matrix3.xls](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/populated_matrix3.xls)

<sup>(3)</sup> Reviżjoni tal-matriċi u evidenza ta' appoġġ tas-Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS): [http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/cefass\\_matrix\\_review.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/cefass_matrix_review.pdf)

<sup>(4)</sup> [http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance_en.htm)

<sup>(5)</sup> Ittra ta' parir formali ta' Natural England, 2013

<sup>(6)</sup> Parir dwar iż-żona ta' l-quegħ (abbozz) ta' Natural England, April 2013. Ikkuntattja lil Natural England għal aktar informazzjoni.

- 2.8. L-intervent huwa meħtieġ biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-esternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.
- 2.9. Il-fallimenti tas-suq iseħħu meta s-suq ma jagħtix riżultat effiċjenti <sup>(1)</sup>. Fil-kuntest tal-ambjent tal-baħar dawn inuqqasijiet jistgħu jiġi deskritti kif ġej:
- Għall-prodotti u s-servizzi pubbliċi — Għadd ta' prodotti u servizzi pprovduti mill-ambjent tal-baħar bħalma huma r-regolazzjoni tal-klima u d-diversità bijoloġika huma 'prodotti pubbliċi' (ħadd ma jista' jiġi eskluż mill-benefiċċji tagħhom u l-konsum tas-servizz ma jipprekludix l-użu tas-servizz minn oħrajn). Il-karatteristiċi ta' prodotti pubbliċi jfissru li l-individwi mhux neċessarjament ikollhom inċentiv ekonomiku biex jikkontribwixxu sforz jew flus minn jeddom biex jassiguraw l-issuktar tal-eżistenza ta' dawn il-prodotti u dan iwassal għal nuqqas ta' provvista jew, f'dan il-każ, nuqqas ta' protezzjoni.
  - Esternalitajiet negattivi — L-esternalitajiet negattivi jseħħu meta l-ħsara lill-ambjent tal-baħar ma tiġix kompletament imġarrba mill-utenti li jikkawżaw il-ħsara. F'ħafna każijiet, ma hemmx prezz monetarju assoċjat mal-prodotti u s-servizzi tal-baħar u, għalhekk, l-ispiża tal-ħsara ma tiġix ipprezzata direttament mis-suq. Anki għal dawk l-oġġetti li jiġu nnegozjati (bħall-ħut selvaġġ), il-prezzijiet tas-suq ħafna drabi ma jirriflettux l-ispiża ekonomika sħiħa, u li finalment tiġġarrab minn individwi oħra u mis-soċjetà kollha kemm hi.
- 2.10. L-intervent mill-gvern huwa meħtieġ sabiex jindirizza dawn iż-żewġ sorsi ta' falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar. Il-miżuri ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tal-istrutturi ddeżinjati tal-EMS se jiżguraw li l-esternalitajiet negattivi jitnaqqsu jew jittaffew b'mod xieraq. Il-miżuri ta' ġestjoni se jappoġġaw ukoll l-issuktar tal-forniment tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar, pereżempju l-konservazzjoni tal-firxa tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ingil-terra.
- 3. Għanijiet politiċi u effetti intenzjonati**
- 3.1. L-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta 2009 <sup>(2)</sup> (MaCAA) stabbilixxa l-MMO biex tmexxi, tippromwovi u ġġestixxi ambjent tal-baħar sostenibbli u sajd qrib il-kosta sostenibbli, billi tiżgura b'suċċess il-bilanċ xieraq bejn il-benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi sabiex jiġu żgurati ibħra f'saħħithom, sajd sostenibbli u industrija vijabbli.
- 3.2. L-għan politiku pertinenti għal din il-VI huwa li l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit jitwessgħu iktar bil-protezzjoni tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat mir-riskju ta' ħsara minn irkaptu rmunkat fil-qiegħ.
- 3.3. L-għan ta' konservazzjoni ta' dan is-sit huwa:
- Soġġett għall-bidla naturali, li jiġu mħarsa:
    - Il-firxa tal-habitats tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u d-diversità tal-habitat u l-ispeċijiet komponenti tiegħu
    - L-istruttura komunitarja tal-habitat (eż. l-istruttura tal-popolazzjoni ta' speċijiet notevoli individwali u l-kontribut tagħhom għat-tħaddim tal-ekosistema)
    - Il-kwalità ambjentali naturali (eż. il-kwalità tal-ilma, il-livelli tas-sediment sospiż, eċċ.);
    - Il-proċessi ambjentali naturali (eż. il-proċessi bijoloġiċi u fiżiċi li jseħħu b'mod naturali fl-ambjent, bħaċ-ċirkolazzjoni tal-ilma u d-depożizzjoni tas-sediment, ma għandhomx jiddevjaw mil-linja ta' bażi fil-mument tad-deżinjazzjoni)
- 3.4. L-effetti mixtieqa huma li r-riskju ta' deterjorament tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat jitnaqqas u l-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats jintlaħqu. Barra minn hekk, l-impatti ekonomiċi tal-intervent tal-ġestjoni se jkun kemm jista' jkun żgħar.

<sup>(1)</sup> HMT Green Book (2003) [https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment\\_data/file/220541/green\\_book\\_complete.pdf](https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/220541/green_book_complete.pdf)

<sup>(2)</sup> [www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted](http://www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted)

#### 4. L-għażliet

- 4.1 Bħala parti mill-approċċ rivedut ta' Defra, l-għodod ta' ġestjoni preferuti huma l-byelaws tal-MMO fi ħdan 6 sa 12nm, u li l-MMO tmexxi l-ġestjoni tas-siti li jinsabu fuq il-limitu tas-6nm. Wara diskussjonijiet bejn l-MMO u Cornwall IFCA, ġie miftiehem li, għalkemm dan is-SIK jaqsam il-limitu ta' 6nm, se jiġu stabbiliti byelaws tal-IFCA biex iġestixxu l-parti tas-sit fi ħdan is-6nm u byelaw tal-MMO se tintuża biex iġġestixxi l-parti tal-Cape Bank tas-sit bejn iż-0 u t-12-il nm. Għalhekk, byelaw tal-MMO għall-parti tas-SIK bejn iż-0 u t-12-il nm hija l-għażla rrakkomandata

##### 4.1.1 Għażla 1: Ma jsir xejn

Din l-għażla ma tkunx tinvolti l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' ġestjoni permanenti. Din l-għażla tkun tfisser li r-riskji għas-sit mill-attivitajiet ta' ħsara ma jiġux indirizzati u li l-obbligi skont il-metodu rivedut ta' Defra u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats ma jiġux sodisfatti.

##### 4.1.2 Għażla 2: Ftehim volontarju

Din l-għażla tinvolti l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' Prattika volontarji biex jiproteġu l-istrutturi. L-MMO qieset din l-għażla fid-dawl tal-Prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar, li jeħtieġu li regolament ġdid jiġi introdott biss bħala l-aħħar possibbiltà, u tal-metodu rivedut ta' Defra, li skontu huwa mistenni li l-miżuri ta' ġestjoni għandu jkollhom natura regulatorja sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata. L-approċċ rivedut ta' Defra jirrekjedi wkoll li jiġu implimentati miżuri biex jindirizzaw l-interazzjonijiet ta' riskju għoli (aħmar) bejn l-istrutturi deżinjati u l-irkaptu tas-sajd sal-aħħar ta' Diċembru 2013. L-MMO tqis li minħabba l-bżonn tal-protezzjoni tal-istrutturi malajr kemm jista' jkun, u minħabba r-riskju li anke l-livelli baxxi ta' interazzjoni jistgħu jwasslu għat-taħsir tal-istruttura, il-miżuri volontarji mhumiex xierqa f'dan il-każ.

##### 4.1.3 Għażla 3: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi rkaptu tat-tkarkir tal-qieġh fis-SIK kollha kemm hi ("għeluq sħiħ tas-sit").

Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh fil-parti sħiħa ta' Cape bank tas-SIK mhijiex meħtieġa biex tiġi mħarsa l-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġh tal-blat u tirriżulta ftelf ekonomiku bla bżonn għas-sajjieda li jużaw partijiet oħra tas-SIK. It-telf totali stmat fil-ħatt l-art kif dokumentat fit-tabella 1 ikun ta' GBP 15 971,20 minflok GBP 11 788,83 fil-każ tal-għażla ppreferuta u l-ispejjeż tal-infurzar għall-amministrazzjoni jkunu ferm ogħla.

##### 4.1.4 Għażla 4: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh fuq l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* bi lqugħ xieraq (ġestjoni biż-żoni).

Din hija l-għażla ppreferuta u analiżi sħiħa ta' din l-għażla hija inkluża hawn taħt

##### 4.1.5 Ġestjoni tal-attività permezz ta' strument statutorju, ordni regulatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

Dawn il-mekkaniżmi għall-ġestjoni mhumiex meqjusa xierqa f'dan il-każ. Is-setgħa tal-MMO li taġmel il-byelaws kif iddeżinjati skont il-MaCAA hija aktar xierqa għax dawn ikunu mfassla biex jintużaw għall-ġestjoni tal-attività ġewwa żoni protetti tal-baħar u jipprovdu l-livell xieraq ta' setgħa, flessibbiltà, konsultazzjoni u veloċità.

#### 4.2 Għażla Rrakkomandata:

- 4.2.1 Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh fuq l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġh tal-blat bi lqugħ xieraq (ġestjoni biż-żoni).

4.2.2 Din l-għażla hija rrakkommandata minħabba li hija l-aktar għażla effikaċi f'termini ta' spejjeż. L-MMO hija l-aktar awtorità xierqa biex tressaq il-miżuri għall-ġestjoni tas-sajd għall-istruttura tal-iskoll ta' Cape Bank bejn iż-0 u t-12-il nm billi għandha s-setgħat li tagħmel il-byelaws għal din iż-żona sħiħa għat-twertiq tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-SIK. Il-konfini taż-żona pprojbita proposta ġew determinati wara li tqieset l-aħjar evidenza eżistenti disponibbli tal-firxa tal-istruttura kif ukoll tal-ħtieġa għal "żona ta' lqugħ" bejn l-istruttura u l-konfini tal-byelaw. Minħabba l-forma taż-żona pprojbita, tqiesu wkoll il-faċilità tal-infurzar u l-bżonn li jkun hemm demarkazzjoni ċara għall-promozzjoni tal-konformità.

## 5. **Bażi ta' evidenza**

5.1 L-impatti tal-attività tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat:

5.1.1 L-evidenza disponibbli <sup>(1)</sup> li tikkonsisti minn studji empiriċi li jikkwantifikaw l-impatt tas-sajd fuq il-habitats fuq il-qiegħ tal-blat iebes hija limitata. Madankollu, huwa magħruf li l-irmunkar tax-xbieki tat-tkarkir minn fuq sottostrati tal-blat jikkawża l-ħsara jew il-mewt ta' proporzjon sinifikanti ta' speċijiet kbar u weqfin imwahaħal bħall-isponoż u l-qroll (Løkkeborg 2005). 67 % tal-isponoż saritilhom il-ħsara wara li għaddiet xibka tat-tkarkir darba, fil-Golf tal-Alaska (Freese et al 1999). Speċijiet oħra bħall-idrojdi, anenomes, bryozoans, it-tunikati u l-ekinodermi huma vulnerabbli għall-irkaptu tas-sajd mobbli (McConnaughey et al 2000, Sewell u Hiscock 2005). It-tkarkir jista' wkoll inaqas il-kumplessità tal-habitat billi l-blatiet u l-ġebel assoċjati mas-sottostrat iebes jiġu mċaqilqa 'l hemm u 'l hawn (Engel u Kvitek 2008, Freese et al 1999). Ir-reżistenza għall-ħsara fuq livell fiżiku tvarja skont it-tip ta' sottostrat, u l-iskollijiet tat-tajn huma partikolarment vulnerabbli għall-ħsara strutturali (Attrill et al 2011). Jitqies li r-riskju ta' impatt sinifikanti huwa biżżejjed biex jirrikjedi kategorizzazzjoni ta' riskju 'aħmar' u, għalhekk, il-miżuri ta' ġestjoni għandhom jiġu implimentati din is-sena.

5.2 Distribuzzjoni tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat

Il-Grafika 1 hawn taħt tidentifika fejn tinsab l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fil-parti ta' Cape bank tas-SIK.

<sup>(1)</sup> Verifika tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat taħt il-livell tal-marea: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/subtidalbedrock.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/subtidalbedrock.pdf)


Grafika 1

Sit u mappa tal-istruttura

# SIK ta' Land's End & Cape Bank



Marine Management Organisation



© British Crown, NERC and SeaZone Solutions Ltd. All rights reserved. [SZ042010.001]. Natural England Copyright 2008. © Crown Copyright. All rights reserved 2008. © Marine Management Organisation. Contains UKHO Law of the Sea data © Crown copyright [2013] and database right. Ordnance Survey Licence No. 100049981. Reproduced with permission of Natural England / Joint Nature Conservation Committee. Not to be used for navigation.

## 6. Setturi kkonċernati

- 6.1 L-industrija tas-sajd: Il-bastimenti ewlenin affettwati misl-projbizzjoni se jkunu l-bastimenti tat-tkarkir bit-travu, il-gangmi u l-bastimenti tax-xbieki tat-tkarkir demersali oħra li jinkludu primarjament il-bastimenti li jħottu l-ħut l-art f'Newlyn. Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom id-drittijiet tal-aċċess għas-sajd tal-ispeċi tal-qiegħ; madankollu, il-maġġoranza ta' din il-qabda ma tindhax l-art fir-Renju Unit. Id-djalogu mal-partijiet interessati u mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana matul il-prekonsultazzjoni għal din il-miżura ta' ġestjoni proposta, indikaw li l-attività tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ hija limitata. Għadd ta' għeżula tat-tkarkir demersali Franċiżi jistadu fin-naħa tal-punent taż-żona pprojbita proposta f'CAPE Bank u bosta bastimenti Belġjani jistadu fin-naħa tat-Tramuntana tal-istess żona. Mhuwiex mistenni li l-intervent ikollu impatt fuq setturi mhux tas-sajd.
- 6.2 L-ekonomiji lokali u s-soċjetà: Il-potenzjal għal spejjeż soċjali u ekonomiċi lill-komunitajiet lokali tar-Renju Unit, Franza u l-Belġju b'riżultat tat-telf potenzjali fil-ħatt l-art u l-impatt li jirriżulta fuq l-industrija tas-sajd lokali huwa baxx. Dan minħabba li hemm aċċessibbli postijiet tas-sajd alternattivi u, għalhekk, l-ispostament se jkun minimu. Aktarx ikun hemm impatti żgħar mill-għażla ppreferuta billi s-sajd predominanti huwa għall-irkaptu statiku tas-sajd minn bastimenti bbażati f'Newlyn, Mousehole, Sennen Cove, Penwith Coves oħrajn, St Ives u Hayle. Il-benefiċċji usa' tal-ħarsien tal-iskollijiet fuq il-qiegħ tal-blat huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.
- 6.3 Entitajiet ta' infurzar: Ir-responsabbiltà ewlenija tal-infurzar fiż-żona pprojbita proposta fil-konfini ta' bejn 0 u 12-il nm se tkun tal-MMO u, għalhekk, l-ispiża addizzjonali se ġġarrabha l-MMO. Dawn l-ispejjeż stmati huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.

## 7. Analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji

### 7.1 Spejjeż tal-għażla rakkomandata

#### 7.1.1 Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żona proposta tista' tirriżulta fl-ispejjeż li ġejjin:

- Spiża diretta għall-industrija tas-sajd mit-tnaqqis tal-postijiet tas-sajd
- Spejjeż għall-industrija tas-sajd assoċjati ma' ċaqliq lejn postijiet oħra tas-sajd
- Impatti ambjentali potenzjali relatati mal-possibiltà ta' żieda fil-ħsara lill-habitats f'żoni oħrajn minħabba l-ispostament
- Spejjeż għall-MMO għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-ġestjoni

#### 7.1.2 L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd, inkluż l-ispejjeż potenzjali għall-ispostament, u l-ispejjeż amministrattivi u tal-infurzar lill-MMO jistgħu jiġu mmonetizzati u dawn il-valuri stmati nġabru u ġew ippreżentati bħala parti minn din il-VI (it-Tabelli 1 u 2 hawn taħt). Huwa diffiċli li wieħed jistma l-ispejjeż ambjentali minħabba l-possibiltà ta' żieda fil-ħsara lill-habitats u, għalhekk, huma deskritti hawnhekk bħala spejjeż mhux monetizzati.

### 7.2 Analiżi tal-spejjeż tas-sajd


#### 7.2.1 L-informazzjoni użata biex tevalwa l-impatti tal-għeluq propost ittieħdet minn:

- Id-dejta tal-ħatt l-art għall-bastimenti mill-2008 sal-2011 meħuda minn dejta mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord u n-nota tal-bejgħ ipprovduta mill-istatistika tal-MMO
- Id-dejta tal-ħatt l-art sal-livell tar-rettangolu tal-ICES. Analiżi ulterjuri għall-istima tal-qabdiet u l-ħatt l-art stimat għals-SIK u ż-żona tal-iskoll/lqugħ għar-Renju Unit u Stati Membri oħra (it-Tabelli 1 u 2)
- Informazzjoni miġbura minn sajjieda matul il-prekonsultazzjoni, Ġunju-Awwissu 2013, mill-MMO
- Informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni formali tal-MMO dwar il-byelaw, mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013.
- Għarfien tal-uffiċjal kostali lokali tal-MMO u tal-IFCA.

- 7.3 Inċertezza u suppożizzjonijiet tad-dejta
- 7.3.1 L-estimi tal-ispiża medja ġew ibbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art fir-Renju Unit stmati fis-SIK fir-rettangoli tal-istatistika tal-ICES 29E4 (Ara l-Grafika 2). Mhux ċar liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona pprojbita proposta li tiffirma inqas minn 5,79 % ta' rettangolu tal-ICES. L-istatistika ġiet prodotta bl-użu tal-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definiti. L-attività rrapportata (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien mad-dettalji tal-irkaptu involut) ittieħdet minn mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO. L-informazzjoni dwar il-bastimenti Belġjani u Franċiżi nġhatat permezz ta' estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrappurtata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Fl-Anness A u B hemm aktar deskrizzjonijiet tal-metodoloġiji użati għall-produzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż tas-sajd dettaljati.
- 7.3.2 Il-valuri taż-żona pprojbita proposta deskritti fit-Tabella 1 inkisbu mill-valuri stmati ġewwa s-SIK u l-applikazzjoni ta' perċentwali bbażat fuq l-erja kwadrata pprojbita fis-SIK nnifisha. Fil-parti l-kbira tal-każi, l-erja kwadrata taż-żoni pprojbiti proposti hija relattivament żgħira meta mqabbla mas-SIK kollha kemm hi. Għalhekk, l-istima dettaljata għandha tintuża bi prudenza billi ma tindikax il-valur veru attribwit liż-żona pprojbita proposta. Huwa rikonoxxut ukoll li ż-żieda possibbli fil-bijodiversità madwar l-iskoll tfisser li din iż-żona tista' tkun post għas-sajd relattivament aktar abbondanti, u l-analiżi tista' tissottovaluta l-valur tal-post tas-sajd imnaqqas.
- 7.3.3 L-informazzjoni miġbura minn sajjeda u partijiet interessati oħra matul il-laqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riserva li din hija evidenza aneddottali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni u mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċessarjament jaqblu jew ma jaqblux ma' dikjarazzjoni.
- 7.3.4 Id-dejta tal-ħatt l-art ta' Stati Membri oħra hija limitata minħabba li l-maġġoranza ta' dawn il-bastimenti ma jhottux l-art fir-Renju Unit. Madankollu, jistgħu jsiru wkoll xi suppożizzjonijiet mill-flotta ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru ta' Stati Membri oħra permezz tal-VMS riċevuta fl-FMC tar-Renju Unit FMC.

Grafika 2

Mappa li turi r-rettangolu statistiku tal-ICES 29E4 u s-SIK ta' Land's End u Cape Bank




- 7.4 Attivitajiet tas-sajd fis-SIK ta' Land's End u Cape Bank
- 7.4.1 Il-maġġoranza ta' bastimenti tar-Renju Unit li operaw fi ħdan iż-żona ICES 29E4 huma taħt l-10 metri fit-tul u huma prinċipalment bastimenti tas-sajd bl-għeżula (165 bastiment), fuq l-idejn (146 bastiment), Potters (71 bastiment) u bastimenti tat-tkarkir demersali oħra (11-il bastiment). Hemm ukoll xi bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' iktar minn 15-il metru (25 bastiment).
- 7.4.2 L-ispeċijiet ewlenin li jinħattu l-art huma l-ħut pelaġiċi, il-krustacċji, il-ħut tal-qieġh u l-molluski.
- 7.4.3 Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom drittijiet ta' aċċess fil-parti tas-SIK iktar 'il barra minn 6nm.
- 7.4.4 Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti Franċiżi u Belġjani li joperaw fiż-żoni tal-ICES huma itwal minn 15-il metru b'xi wħud li huma iżgħar minn 10 metri. Id-dejta tal-ħatt l-art ta' Stati Membri oħra hija limitata minħabba li l-maġġoranza ta' dawn il-bastimenti ma jhottux l-art fir-Renju Unit. 7.4.5 Id-dejta tal-VMS <sup>(1)</sup> mill-flotta Franċiża u Belġjana turi ftit li xejn attività fiż-żoni pprojbiti proposti tas-SIK li għandhom aċċess għalihom (il-Grafiċi 3 u 4).
- 7.4.5 Saret laqgħa ta' prekonsultazzjoni mal-industrija tas-sajd Belġjana fit-12.7.2013 f'Ostende, bl-għajnuna tal-awtoritajiet tas-sajd Belġjani. Din saret biex jiġu mgħarrfa dwar il-ġestjoni potenzjali tas-sajd kummerċjali fis-SIK tal-Ingilterra fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess għas-sajd Belġjani f' 6 sa 12nm. Ir-rappreżentanti mill-industrija li attendew għal-laqgħa fit-12 ta' Lulju indikaw li l-miżuri attwali proposti biex jipproteġu l-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġh tal-blat fis-SIK ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-attività tagħhom. Dawn l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġh tal-blat kienu meqjusa bħala fil-biċċa l-kbira inospitabbli għall-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġh. Saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet Franċiżi u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd f'Pariġi fis-27.9.2013 li kkonfermat li kien hemm tnax il-bastiment tal-għeżula tat-tkarkir demersali ta' bejn 15 u 24 metru min-Normandija li kienu qegħdin jistadu fiż-żona pprojbita proposta ta' Cape Bank.
- 7.4.6 It-tweġibiet mill-konsultazzjoni formali mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana u Franċiża kkonfermaw li fiż-żona pprojbita proposta sseħħ xi attività tas-sajd.


<sup>(1)</sup> Għandna wkoll dejta għall-2010 u l-2011 li tindika wkoll attività limitata



Marine Management Organisation

### VMS Franċiż tal-2012 (SIK ta' Land's End u Cape Bank)





## 7.5 Valwazzjoni tal-ħatt l-art

**Ir-Renju Unit**

- 7.5.1 L-impatt dirett fuq il-bastimenti tas-sajd ikun tnaqqis fil-qbid u għallhekk tal-ħatt l-art mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żona pprojbta proposta. Sabiex jiġu stmati l-impatti potenzjali, ġiet analizzata d-dejta dwar il-ħatt l-art miġbura mill-MMO.
- 7.5.2 Il-kalkolu tal-ħatt l-art mir-rettangolu tal-istatistika taż-żona ICES 29E4 (għall-bastimenti tar-Renju Unit identifikati li jstadu fiż-żona minn Jannar 2008) jidher fit-Tabella 1. L-istimi fit-Tabella 1 huma bbażati fuq medja tal-ħatt l-art minn Jannar 2008 sa Diċembru 2011.

Tabella 1

**Il-ħatt l-art miż-żona ICES 29E4 bħala medja kull sena u l-ħatt l-art medju stmat fis-SIK (Jannar 2008 — Diċembru 2011)**

Tip ta' Rkaptu	Piż tal-ħatt l-art (tunnellati)	Valur mal-ICES 29E4 (GBP)	Valur fi ħdan is-SIK (GBP)	Valur fi ħdan iż-żona pprojbta (73,813 % tas-SIK) (GBP)
Bastimenti tat-tkarkir bit-travu	209	830 886	2 492,30	1 839,65
Gangmi (dredgers)	86	120 294	xejn	xejn
Xbiek nephrops	3	3 753	141,90	104,74
Bastimenti tat-tkarkir demersali oħra	161	342 297	13 337	9 844,44
<b>Spiża totali</b>	<b>459</b>	<b>1 297 230</b>	<b>15 971,20</b>	<b>11 788,83</b>

- 7.5.3 Il-valuri stmati tal-ħatt l-art fis-SIK ġew ikkalkulati bl-assoċjazzjoni tad-dejta disponibbli tal-ħatt l-art (ipprovduta minn kull bastiment tas-sajd fil-livell tar-rettangolu ICES) mad-dejta dwar l-attività tal-bastiment tas-sajd (ibbażata fuq ir-rapporti tal-VMS) ġewwa s-SIK. Dan l-approċċ japplika proporzjon tal-ħatt l-art għal kull rettangolu ICES mas-SIK, ibbażat fuq il-livell ta' attività fi ħdan is-SIK.

Għas-SIK ta' Land's End u Cape Bank, intużat id-dejta dwar il-ħatt l-art għar-rettangolu ICES (29E4), u ġiet ikkategorizzata skont id-daqs tal-bastiment (bastimenti ta' aktar minn 15-il metru, bastimenti ta' bejn 10 u 15-il metru u bastimenti taħt 10 metri).

Il-valuri tal-ħatt l-art minn ġewwa ż-żona pprojbta proposta ġew imbagħad stmati bħala proporzjon, (abbażi tad-daqs taż-żona rispettiva) tal-valur stmat minn ġewwa s-SIK.

Jekk jogħġbok irreferi għat-tabelli supplimentari dwar l-istatistika tas-sajd mill-2008 sal-2011 għal analiżi sħiħa tal-attività fir-rettangoli tal-ICES assoċjati mas-SIK.

Huwa stmat li d-dħul annwali medju għall-flotot ta' bastimenti tat-tkarkir bit-travi ta' 1 fuq minn 15-il metru mis-SIK huwa ta' GBP 2 434,6. Il-gangmi ta' 1 fuq minn 15-il metru jingħataw bħala xejn u, bl-istess mod, il-bastimenti tat-tkarkir demersali oħra jidher wkoll bħala xejn. Għall-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir bit-travi ta' anqas minn 10 m, id-dħul annwali medju stmat huwa ta' GBP 10,90. Id-dħul annwali medju stmat tal-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir bit-travi ta' bejn 10 sa 15-il metru huwa ta' GBP 46,80. (Jekk jogħġbok ara t-tabella 5 mit-tabelli tal-istatistika tas-sajd għall-2008 sal-2011 għal analiżi sħiħa).

Mil-laqgħa ta' prekonsultazzjoni mal-partijiet interessati ħareġ li l-impatt monetarju ewlieni mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se tkun fuq it-tkarkir tal-qiegħ u t-tħammil għall-arzell.

- 7.5.4 Ġie stmat li fiż-żona pprojbta proposta (li hija **73,813%** tas-SIK) it-telf totali fil-ħatt l-art se jkun ta' **GBP 11 788,83**

7.5.5 L-ispiża totali stmata aktarx li tkun sopravalutazzjoni billi l-ispostament ma tqiesx fil-valutazzjoni.

#### **Franza u l-Belġju**

7.5.6 Mill-analiżi tad-dejta tal-VMS, il-maġġoranza vasta tal-attività tas-sajd Belġjana fl-ICES 29E4, isseħħ barra mils-SIK stess. Fl-2012, 26 bastiment Belġjan operaw fil-partijiet tat-Tramuntana tal-ICES.

Il-maġġoranza tal-attività tas-sajd Franċiża fl-ICES 29E4, isseħħ barra mill-majjistral tas-SIK stess. Fl-2012, 46 bastiment Franċiżi rrapportaw pozzizzjoni tal-VMS b'veloċità ta' 1-6 knots fin-naħa tal-Punent tal-parti Cape Bank tas-SIK.

7.5.7 Is-sajd Belġjana primarjament tistad għal-lingwata f'din iż-żona u Franċiżi għall-merluzz u għall-bakkaljaw. Bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Anness B "Analiżi ta' bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangoli tal-ICES", ġie stmat li fl-2012:

— Il-kwantità ta' tunnelli mħatta l-art mill-attività Belġjana fil-parti aċċessibbli tas-SIK hija stmata għal 0,44 tunnelli. Dan l-ammont għandu valur stmat ta' GBP 1 749

— Il-kwantità ta' tunnelli mħatta l-art mill-attività Franċiżi fil-parti aċċessibbli tas-SIK hija stmata għal 24,98 tunnelli. Dan l-ammont għandu valur stmat ta' GBP 44 036

7.5.8 Madankollu, il-Grafiċi 3 u 4 jindikaw li l-biċċa l-kbira tal-attività tas-sajd hija kkonċentrata fil-passaġġ tal-Majjistral tas-sit, li jinsab barra miż-żona pprojbita proposta (l-istruttura tal-iskoll u l-ilqugħ). Għalhekk, l-istima effettiva tat-telf tal-ħatt l-art jitqies li huwa ħafna aktar baxx mill-valuri stmati hawn fuq. Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness B għal aktar informazzjoni dwar l-attività tas-sajd mhux mir-Renju Unit fiż-żoni pprojbiti proposti u madwarhom.

7.6 L-effetti probabbli tal-għeluq fuq il-flotta tas-sajd

7.6.1 Billi t-telf stmat tal-ħatt l-art huwa mistenni li jkun sopravalutat (b'riżultat tal-attività tas-sajd limitata li tuża irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat), huwa mistenni li l-impatt fuq il-flotta tas-sajd minn dan l-għeluq se jkun limitat. Waqt il-laqqgħat tal-prekonsultazzjoni, għadd ta' sajjeda milquta iddikjaraw li l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ mhux qed jintuża fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat billi dan jista' jagħmel il-ħsara lill-irkaptu tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża u Belġjana kkonfermaw li se jkun hemm telf ta' postijiet tas-sajd madwar iż-żoni tal-Punent u tat-Tramuntana taż-żona pprojbita ta' Cape Bank; madankollu, il-postijiet alternattivi tas-sajd huma aċċessibbli faċilment.

7.7 L-adattabilità

7.7.1 Sabiex jiġu evalwati l-effetti li aktarx ikollu l-għeluq propost tal-attività tas-sajd, jeħtieġ li jiġi vvalutat sa liema punt il-bastimenti se jkunu jistgħu jżommu l-valur tal-qabda jekk jiċċaqilqu lejn żoni oħra.

7.7.2 Is-sajjeda ntalbu jimlew kwestjonarju għall-informazzjoni ta' din il-valutazzjoni u ġew mistoqsija direttament rigward il-grad ta' spostament lejn oqsma oħra mġarrab b'riżultat tal-għeluq propost, u l-kapaċità tagħhom li jistadu f'postijiet alternattivi u jadattaw sabiex iżommu l-valur tal-qabdi. Għadd ta' sajjeda milquta stqarrew li ma setgħux ibiddlu l-postijiet tas-sajd jew it-tip ta' rkaptu iżda minħabba li din l-għażla proposta se tillimita biss l-attività tas-sajd fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u fiż-żona ta' lqugħ, allura l-potenzjal għall-ispostament se jkun minimu.

7.7.3 B'riżultat tal-introduzzjoni tal-alternattiva ppreferuta (byelaw dwar żona pprojbita speċifikata) minflok ma jingħalaq is-sit kollu, il-livell ta' spostament minn bastimenti li jużaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ se jitnaqqas kemm jista' jkun. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża u Belġjana kkonfermaw matul il-prekonsultazzjoni u l-konsultazzjoni formali li fiż-żona pprojbita proposta sseħħ l-attività tas-sajd. Madankollu, ma sarux speċifikament kummenti dwar il-grad ta' spostament u l-postijiet alternattivi ta' sajd.

- 7.7.4 Huwa previst li l-provi tal-avvanzi fit-teknoloġija tal-irkaptu u l-impatt fuq l-istrutturi sensitivi għandhom ikunu kkunsidrati fil-proċess ambra/aħdar.
- 7.8 Spejjeż indiretti
- 7.8.1 Spejjeż ambjentali
- Għall-għażla rakkomandata, se jkun hemm potenzjal minimu għal żieda fl-ispejjeż f'termini ta' fjuwil għall-bastimenti li jivvjaġġaw iktar 'il bogħod biex jasu fil-postijiet tas-sajd alternattivi billi ħafna sajjeda indikaw li ma jistadux f'din iż-żona u li l-postijiet tas-sajd alternattivi huma aċċessibbli faċilment.
- 7.9 Spejjeż amministrattivi u ta' infurzar
- 7.9.1 L-MMO se twettaq approċċ ta' infurzar immexxi mill-informazzjoni u bbażat fuq ir-riskju kif adottati minn għadd ta' korpi regolatorji fil-gvern skont in-National Intelligence Model <sup>(1)</sup>. Fejn l-informazzjoni miġbura tisuġġerixxi li hemm nuqqas ta' konformità jew riskju ta' nuqqas ta' konformità, l-MMO se tiżviluppa strateġija ta' infurzar speċifika għall-ħtiġijiet tal-MPA u, fejn meħtieġ, tirrilaxxa r-riżorsi skont dawn il-ħtiġijiet. Dan jista' jinkludi l-preżenza tal-forza navali, sorveljanza mill-ajru jew operazzjonijiet konġunti ma' aġenziji oħra (pereżempju l-IFCAs, il-forza tal-fruntieri tar-Renju Unit, jew l-EA). L-MMO se tikkordina l-operazzjonijiet konġunti. Il-prinċipji li skonthom l-MMO se tirregola l-MPAs huma stipulati fl-Att tar-Riforka Leġislattiva u Regolarja tal-2006 u l-Kodiċi tal-Konformità tar-Regolaturi u għandhom l-għan li jiżguraw li l-MMO tkun proporzjonata, responsabbli, konsistenti, trasparenti u mmirata f'kull azzjoni ta' infurzar li tieħu <sup>(2)</sup>.
- 7.9.2 L-infurzar tal-byelaw proposta se jaqa' taħt il-baġit kurrenti. Il-VMS tal-UE se jintuża bħala għodda ta' ġestjoni għall-infurzar bil-baħar u bl-ajru ta' bastimenti ta' aktar minn 12-il metru. B'riżultat tal-attività tas-sajd baxxa ġewwa s-sit, ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità se jkun minimu jew baxx <sup>(3)</sup>. It-Tabella 2 tenfasizza l-ispejjeż tal-infurzar smati għall-ġestjoni ta' din l-għażla ppreferuta.

Tabella 2

**Spejjeż addizzjonali annwali għall-infurzar tal-għażla rakkomandata <sup>(1)</sup>**

Attività	Spiża għal kull unità (GBP)	Għadd smat ta' unitajiet fis-sena	Spiża totali kull sena (GBP)
Sorveljanza tal-wiċċ mir-Royal Navy għal kull sit	4 000 kuljum	1	4 000
Għassa ta' infurzar konġunta mal-SFC/IFCA lokali għal kull sit	Bejn 800-1 000 kuljum	5	4 000-5 000
Sorveljanza mill-ajru għal kull sit	2 050 fis-sieġha	2	4 100
Investigazzjonijiet/prosekuzzjonijiet għal kull sit	10 375 għal kull każ	1	10 375
<b>Spiża totali</b>		<b>9</b>	<b>22 475 – 23 475</b>

<sup>(1)</sup> L-estimi tal-ispejjeż tal-infurzar mis-sottomossjoni oriġinali għall-approċċ rivedut ta' Defra lill-ministru.

Tabella 3

**Profil annwali tal-ispejjeż monetizzati tal-għażla rakkomandata - (GBPm) prezzijiet kostanti**

	Y <sub>0</sub>	Y <sub>1</sub>	Y <sub>2</sub>	Y <sub>3</sub>	Y <sub>4</sub>	Y <sub>5</sub>	Y <sub>6</sub>	Y <sub>7</sub>	Y <sub>8</sub>	Y <sub>9</sub>
Spejjeż tat-tranżizzjoni	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE

<sup>(1)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf)

<sup>(2)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance\\_enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance_enforcement.pdf)

<sup>(3)</sup> Din il-klassifikazzjoni tar-riskju ġiet identifikata mis-sottomissjoni oriġinali għall-approċċ rivedut ta' Defra lill-ministru.

	Y <sub>0</sub>	Y <sub>1</sub>	Y <sub>2</sub>	Y <sub>3</sub>	Y <sub>4</sub>	Y <sub>5</sub>	Y <sub>6</sub>	Y <sub>7</sub>	Y <sub>8</sub>	Y <sub>9</sub>
Spiża rikorrenti annwali — L-aħjar stima	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
Baxxa	0,022475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
Għolja	0,023475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
<b>Il-valur preżenti totali tal-ispejjeż annwali (*)</b>										<b>GBP 0,2 m</b>

(\*) Għall-istma ntużat il-Kalkolatriċi tal-Valutazzjoni tal-Impatt (<https://www.gov.uk/government/publications/impact-assessment-calculator-3>) b'rata ta' skont ta' 3,5 %, perjodu ta' evalwazzjoni ta' 10 snin u l-2013 bħala s-sena bażi għall-prezz u l-valur attwali.

#### 7.10 Benefiċċji tal-għażla rakkomandata

7.10.1. L-esklużjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ miż-żona pprojbita proposta tipprevjeni l-użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u twassal għall-benefiċċji li ġejjin:

— Il-benefiċċji ambjentali tal-ħarsien tal-habitats tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat

Il-benefiċċji ambjentali huma deskritti hawnhekk bħala benefiċċji mhux monetizzati.

#### 7.11 Benefiċċji ambjentali

7.11.1 L-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-SIK huwa wieħed mill-aktar skollijiet bijoloġikament diversi fil-pajjiż u għandhu rwol importanti fl-appoġġ ta' speċijiet li huma meġjusa rari jew li jseħħu fil-limiti tad-distribuzzjoni bijoġeografika tagħhom. Għalkemm l-iskollijiet individwali huma relattivament żgħar (kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq skala lokali), huma ekoloġikament diversi u jirrapreżentaw żona sinifikanti lokalment (f'termini tad-daqs tagħhom) ta' habitat ta' skoll 'il barra mill-kosta u permanentement taħt l-ilma <sup>(1)</sup>.

7.11.2 Is-SIK hija magħmula minn żewġ żoni ewlenin tal-iskoll li huma magħmulin kważi kompletament mill-granit (Axelsson & Dewey, 2011; Birchenough et al., 2008); żona tal-iskoll mal-kosta (il-parti ta' Land's End tas-SIK – isottostruttura kostali wieqfa tal-iskoll) u żona ta' skoll wieqaf iktar 'il barra mill-kosta f'għamla ta' nofs qamar wiesgħa u fond li bejn wieħed u ieħor huwa allinjat mil-linja tal-kosta (il-parti ta' Cape Bank tas-SIK – isottostruttura wieqfa tal-iskoll 'il barra mill-kosta). L-iskoll wieqaf 'il barra mill-kosta se jiġi ġestit mill-MMO. Din iż-żona fiha assemblaġġi ddominati mill-alka laminarja (kelp), komunitajiet ta' brijozoani u idrojdi kif ukoll żoni fejn jirgħu l-ekinodermi flimkien mal-qroll Ross *Pentapora fascialis*, l-ekinoderma *Echinus esculentus* u l-isponża li tħaffer il-blat *Cliona celata* (Birchenough et al., 2008a). Il-moviment tal-ilma bil-kurrenti u l-mewġ jinkoraġġixxi wkoll tkabbir dens ta' sponoż, *Ascidacea*, anemoni u qroll artab (Irving, 1996) <sup>(2)</sup>.

7.11.3 L-iskollijiet jipprovdu wkoll xi livell ta' protezzjoni kostali u huma żoni importanti għar-riċiklaġġ tan-nutrijenti, l-iffissar tal-karbonju u n-nitroġenu u l-istabbilizzazzjoni tas-sediment.

7.11.4 Habitat ta' skoll protett huwa rifuġju naturali għall-ħolqien ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet fil-mira u qabdiet inċidentali.

7.11.5 Il-benefiċċji ta' din il-byelaw huma li joffru protezzjoni xierqa u ħarsien tal-karatteristiċi ekoloġiċi li jistgħu possibbilment iwasslu għal iktar abbondanza tal-bijodiversità meta mqabbla mal-bqija tal-postijiet tas-sajd.

7.11.6 Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tippoteġi l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se iikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma tal-konservazzjoni. Se jkollha wkoll benefiċċju addizzjonali fuq l-istrutturi l-oħra fis-SIK u se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-habitats tal-iskoll b'riżultat tal-projbizzjoni rakkomandata. Dan jista' jipprovmwvi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħal bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali

<sup>(1)</sup> Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

<sup>(2)</sup> Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

- 7.12 Benefiċċji soċjoekonomiċi
- 7.12.1 Hemm il-possibiltà li l-kundizzjoni miżmuma tal-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u tal-ħabitat tista' żżid l-attrazzjoni għall-utenti rikreazzjonali, inkluż il-bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd (S.E.Rees *et al*, 2013 <sup>(1)</sup>; D.R. Chae *et al*, 2012 <sup>(2)</sup>). Dan jista' wkoll iżid it-turiżmu fiż-żona u għalhekk jiżdied l-infiq fin-negozji lokali (S.E.Rees *et al*, 2013).
- 7.12.2 L-implimentazzjoni ta' approċċ biż-żoni għall-ġestjoni minflok l-għeluq tas-sit kollu tillimita l-ispostament tal-bastimenti li joperaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.
- 7.13 Distribuzzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji
- 7.13.1 Id-distribuzzjoni tal-ispejjeż soċjali u ekonomiċi hija fil-biċċa l-kbira fuq livell lokali tar-Renju Unit, Franza u l-Belġju (minbarra l-ispejjeż tal-infurzar) filwaqt li l-benefiċċji ambjentali ġenerali jkopru firxa usa' u għandhom impatt aktar nazzjonali.

#### **Anness A: Noti tal-istatistika tar-Renju Unit, estrazzjoni tad-dejta u tabelli**

It-tabelli tad-dejta li jiġbru fil-qosor l-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni dettaljati definiti bħala żoni marittimi Ewropej jingħataw f'dettal fis-sit tal-internet tal-EMO. <sup>(3)</sup>

Dan il-livell ta' dettall jirrifletti l-aħjar livell ta' dettall disponibbli fid-dejta rrapportata disponibbli għall-amministrazzjonijiet tas-sajd tar-Renju Unit.

Din id-dejta tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art mir-rettangoli li jkopru ż-żoni, flimkien mad-dettalji tal-bastimenti, l-irkaptu użat, u l-ispeċijiet maqbuda.

Minbarra din id-dejta tal-attività tas-sajd, il-bastimenti itwal minn 15-il metru jirrapportaw il-pożizzjoni eżatta tagħhom kull sagħtejn bħala parti mis-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tar-Renju Unit.

Għal dawn il-bastimenti itwal minn 15-il metru, kien possibbli li tiġi kkombinata d-dejta spazjali relattivament mhux dettaljata mis-sistemi tar-rappurtar tal-attivitajiet mar-rapporti dettaljati tal-pożizzjoni mis-sistemi tal-VMS biex tkun tista' ssir stima tal-attività tas-sajd f'aktar dettall. Din ir-riformulazzjoni dettaljata tad-dejta tal-attività tippermetti l-istima tal-attività fi ħdan iż-żoni dettaljati tal-EMS għal bastimenti itwal minn 15-il metru.

Fejn disponibbli, dan id-dettall huwa ppreżentat fit-tabelli tad-dejta flimkien mal-attività ġenerali fir-rettangoli tal-ICES, għall-bastimenti itwal minn 15-il metru; il-proporzjon bejn dawn iż-żewġ settijiet ta' dejta mbagħad ġie applikat lid-dejta għal tulijiet oħrajn tal-bastimenti sabiex jinkisbu stimi approssimattivi tal-attività fiż-żona pprojbita proposta minn dawn il-bastimenti li huma inqas minn 15-il metru twal.

**Jekk jogħġbok** innota li ż-żona pprojbita proposta tinsab fl-ilmijiet qrib il-kosta, għalhekk l-użu tal-proporzjon tal-attività mwettqa minn bastimenti ta' aktar minn 15-il metru fiż-żoni biex issir stima tal-attività ta' bastimenti oħra tar-Renju Unit jista' ma jkunx preċiż billi l-bastimenti kbar għandhom it-tendenza li jistadu aktar 'il bogħod mill-kosta minn oħrajn, b'mod speċjali l-flotta ta' bastimenti itwal minn 10 metri.

Din id-data hija kulurita griż fit-tabelli biex tenfasizza li hija dejta stmata u għandha tintuża biss bi prudenza.

<sup>(1)</sup> Rees, S.E., Attrill, M.J., Austen, M.C., Mangi, S.C., Rodwell, L.D (2013). A thematic cost-benefit analysis of a marine protected area. *Journal of Environment management*, 114, 476 – 485.

<sup>(2)</sup> Chae, D., Wattage, P., Pascoe, S. (2012). Recreational benefits from marine protected area: A travel cost analysis of Lundy. *Tourism Management*, 33, 971 – 977.

<sup>(3)</sup> <http://www.marinemangement.org.uk/protecting/conservation/ems-consultation.htm>

Din li ġejja hija lista taż-żoni kostali tal-EMS koperti minn din l-analiżi — xi rettangoli jkopru iktar minn qasam wieħed — dawn huma enfasizzati bl-isfar.

Din id-duplikazzjoni tfisser li l-kopertura potenzjali totali taż-żoni pprojbiti proposti ma tistax tiġi stmata billi jingħaddu flimkien l-analiżijiet taż-żoni individwali. It-tabella ta' hawn taħt tinkludi dettalji tal-proporzjon tal-attività ġenerali fir-rettangoli tal-ICES involuti għal kull żona pprojbita propost li tirrelata ma' bastimenti itwal minn 15-il metru (għal dawn il-bastimenti hija disponibbli dejta satellitari dettaljata).

Għalhekk, għal daww il-bastimenti bi proporzjon kbir ta' kopertura tas-siti EMS, l-istimi għall-attività minn firxiet b'tulijiet oħrajn abbażi tal-attività relatata mal-VMS aktarx ikunu iktar affidabbli milli daww għal siti bi proporzjon ta' kopertura baxx.

#### **Anness B: Noti tad-dejta tal-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit**

Dawn it-tabelli huma estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrappurtata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

Bħala parti mill-attivajiet ta' dan il-grupp, inġabru diversi settijiet ta' dejta inklużi d-dettalji għal kull Stat Membru tal-ħatt l-art ta' speċijiet għal kull rettangolu tal-ICES bir-raggruppamenti tal-bastimenti assoċjati.

Dan is-sett tad-dejta huwa mibni biex jissodisfa l-ħtiġijiet STECF u, għalhekk, kellu jiġi pproċessat b'attenzjoni sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tad-dejta tal-attività. Is-sett ingiebb mis-sit tal-STECF <sup>(1)</sup>

It-totali tas-sommarji ġew ivverifikati mal-attività rreġistrata fuq is-sistemi FIDES tal-UE għal ċerti stokkijiet bil-kwota biex tiġi vvalidata d-data rrapportata.

*Madankollu, għad hemm xi differenzi fit-totali bejn daww irrappurtati għal kombinazzjonijiet ta' speċijiet/żona fil-fajls tad-dejta tal-STECF u daww irrappurtati għal livelli simili ta' dettall bħala parti mis-sistemi tar-rappurtar tal-qabda fuq FIDES għall-monitoraġġ tal-użu tal-kwoti. Għalhekk, dawn iċ-ċifri jindikaw il-livell ta' attività fiż-żona mill-Istati Membri involuti u mhumiex dikjarazzjonijiet defnittivi.*

Il-valuri monetarji indikattivi ġew mibnija bl-użu tal-valur medju ta' ħatt l-art minn bastimenti tar-Renju Unit mir-rettangolu tal-ICES ikkonċernat jew żoni simili.

Fejn id-dejta għas-snin tkun nieqsa, tista' tkun indikattiva li ma kienx hemm attività rrapportata iżda tista' tkun minħabba li ma tkun ġiet ipprovduta l-ebda dejta.

**ANALIŻI TAL-ATTIVITÀ TAL-VMS MINN BASTIMENTI MHUX MIR-RENJU UNIT FIR-RETTANGOLI TAL-ICES LI JKOPRU S-SIK MARBUTA MA' DIN IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

#### **Il-metodoloġija użata:**

Din l-analiżi hija r-riżultat tal-applikazzjoni tal-metodoloġija standard użata biex tidentifika jekk il-bastimenti tar-Renju Unit kinux attivi f'żona spazjali ddettaljata partikolari lill-informazzjoni li waslet għal bastimenti mhux mir-Renju Unit, b'mod partikolari daww minn Franza u l-Belġju bi drittijiet storiċi ta' aċċess għal ċertu parti tal-ilmijiet qrib il-kosta tar-Renju Unit.

Din tinvolvi l-istima tal-attività tas-sajd mid-dejta tal-VMS ibbażata fuq il-veloċità tal-bastiment kif irrapportata fil-messaġġi tal-VMS ("Pings")

Id-dejta għal kull Ping tal-VMS li tasal minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati li jkopru ż-żona dettaljata jintgħażlu mis-sistema tal-VMS tar-Renju Unit, bl-estrazzjoni tad-dettalji dwar in-numru tal-identità tal-bastiment (CFR), il-pożizzjoni, il-veloċità u d-data u l-ħin tal-Ping.

Kull Ping tiġi vvalidata u kklassifikata bħala indikattiva tal-attività tas-sajd li tkun qed issir jekk il-veloċità tkun  $> = 1$  jew  $< = 6$  knots

<sup>(1)</sup> STECF: [http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013\\_App+08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx](http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013_App+08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx)

Dawn il-pings tas-sajd mir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati mbagħad jiġu pproċessati fis-software GIS sabiex jiġi identifikat jekk il-pożizzjoni kinitx ġewwa jew barra d-dettalji taż-żona spazjali kkonċernata

Dan jippermetti l-kalkolu tal-proporzjon tal-pings tas-sajd irreġistrati għal kull Stat Membru fi ħdan ir-rettangolu li kienu ġewwa ż-żona dettaljata. Dan il-fattur imbagħad jiġi applikat lil-livell ġenerali tal-ħatt l-art li jkun hemm fis-settijiet tad-dejta tal-STEFC għall-Istat Membru kkonċernat biex jippermettu li jsiru stimi ta' attività minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fiż-żona spazjali dettaljata.

SOMMARJU TAL-ATTIVITÀ MILL-BASTIMENTI BELĠJANI U FRANĊIŻI FIR-RETTANGOLU TAL-ICES 29E4 LI JKOPRI S-SITI TA' LANDS END U CAPE BANK

Dan huwa sommarju tal-attività mill-bastimenti tal-Istat Membru f'termini tal-kwantità u tal-valur tal-ħut li nħatt l-art f'termini ta':

- (1) Attività totali fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żona kkonċernata fejn intuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.
- (2) Stimi tal-attività fiż-żona speċifika kkonċernata li tuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ

**Parti A — it-tunnellaġġ totali tal-attività**

		(1)				(2)			
		Attività (Tunnellati) fir-rettangolu tal-ICES 29E4				Attività (Tunnellati) stmata ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2010-2012			
IL-BELĠJU	Il-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
Itwal minn 15-il metru	BT2 (*)	105,77	76,81	121,77	352,38	0,13	0,10	0,15	0,44
	TR2 (**)	0,00	0,00	0,00	0,35	0,00	0,00	0,00	0,00
	<b>29E4 Total</b>	<b>105,77</b>	<b>76,81</b>	<b>121,77</b>	<b>352,73</b>	<b>0,13</b>	<b>0,10</b>	<b>0,15</b>	<b>0,44</b>
FRANZA	Il-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
twil bejn 0 u 15-il metru	Travu	0,00	0,00	0,00	2,15				0,05
	Xbiek tal-Qiegħ	0,00	0,00	3,00	0,17			0,07	
	Gangmu	0,00	0,00	9,63	0,00			0,23	
Itwal minn 15-il metru	Xbiek tal-Qiegħ	0,00	0,00	940,59	1 055,57			22,21	24,93

		(1)				(2)			
		Attività (Tunnellati) fir-rettangolu tal-ICES 29E4				Attività (Tunnellati) stmata ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2010-2012			
	Gangmu	0,00	0,00	13,26	0,00			0,31	
	<b>29E4 Total</b>	<b>0,00</b>	<b>0,00</b>	<b>966,48</b>	<b>1 057,89</b>	<b>0,00</b>	<b>0,00</b>	<b>22,82</b>	<b>24,98</b>

(\*) BT2 = Xbieki tat-tkarkir bit-travu - 80-119mm qisien tal-malju tax-xibka

(\*\*) TR2 = Xbieki tat-tkarkir demersali - 70-99mm qisien tal-malju tax-xibka

#### Parti B — valur totali tal-attività

		(1)				(2)			
		Attività (GBP) fir-rettangolu tal-ICES 29E4				Attività (GBP) stmata ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2009-2012			
<b>IL-BELĠJU</b>	<b>Il-Kodiċi tal-Irkaptu</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	BT2 (*)	442 857	404 990	705 959	1 409 228	549	502	876	1 748
	TR2 (**)	0	0	0	522	0	0	0	1
	<b>29E4 Total</b>	<b>442 857</b>	<b>404 990</b>	<b>705 959</b>	<b>1 409 751</b>	<b>549</b>	<b>502</b>	<b>876</b>	<b>1 749</b>
<b>FRANZA</b>	<b>Il-Kodiċi tal-Irkaptu</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>
<b>twil bejn 0 u 15-il metru</b>	Travu	0	0	0	8 116	0	0	0	192
	Xbiek tal-Qiegħ	0	0	4 898	1 452	0	0	116	34
	Gangmu	0	0	15 722	0	0	0	371	0
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	Xbiek tal-Qiegħ	0	0	1 804 373	1 855 331	0	0	42 607	43 810
	Gangmu	0	0	21 648	0	0	0	511	0
	<b>29E4 Total</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>1 846 641</b>	<b>1 864 899</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>43 605</b>	<b>44 036</b>

(\*) BT2 = Xbieki tat-tkarkir bit-travu - 80-119mm qisien tal-malju tax-xibka

(\*\*) TR2 = Xbieki tat-tkarkir demersali - 70-99mm qisien tal-malju tax-xibka

Jekk joġġbok irreferi għall-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit għal sommarju sħiħ tal-attività.

## L-ANNEX V

<b>Titlu:</b> <b>Valutazzjoni tal-impatt tal-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone</b>			<b>Valutazzjoni tal-Impatt (VI)</b>	
<b>Nru tal-VI:</b> MMO01			<b>Data:</b> 5.11.2013	
<b>Dipartiment jew aġenzija ta' tmexxija:</b> Marine Management Organisation (Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Baħar)			<b>Stadju:</b> Development/Options	
<b>Dipartimenti jew aġenziji oħra:</b> Defra, Natural England, I-Inshore Fisheries and Conservation Authorities ta' Devon u Severn u ta' Cornwall			<b>Sors tal-intervent:</b> Domestiku	
			<b>Tip ta' miżura:</b> Leġiżlazzjoni Sekondarja	
			<b>Kuntatt għall-informazzjoni:</b> Michael Coyle Michael.Coyle@marinemangement.org.uk 0300 123 1032	
<b>Taqsisra: Intervent u Għażliet</b>			Opinjoni tar-Regulatory Policy Committee (RPĊ): <b>Status tal-Opinjoni tal-RPĊ</b>	
<b>L-ispiża tal-Għażla Ppreferuta (jew l-aktar waħda probabbli)</b>				
<b>Valur Preżenti Nett Totali</b>	<b>Valur Preżenti Nett tan-Negozju</b>	<b>Spiża netta lin-negozji kull sena (EANCB fuq il-prezzijiet tal-2009)</b>	<b>Fl-ambitu ta' One-In, Two-Out?</b>	<b>Il-miżura tikkwalifika bħala</b>
M/A	M/A	M/A	Le	M/A
<b>X'inhi l-problema li qed tiġi kkunsidrata? Għaliex hemm il-bżonn tal-intervent pubbliku?</b>				
<p>Il-Marine Management Organisation (MMO) qed tipproponi din il-byelaw għaliex hemm bżonn li l-istrutturi tal-iskollijiet fil-qiegħ tal-blat f'dan is-sit marittimu Ewropew (EMS) iddeżinjati fl-Anness I jiġu mħarsa mis-sajd li juża rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.</p> <p>Din il-byelaw hija proposta skont l-approċċ rivedut introdott mid-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (Department for Environment, Food and Rural Affairs, Defra) biex jiżgura li jkun hemm konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-ħabitats) u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-ġhasafar) fir-rigward tal-attività tas-sajd kummerċjali.</p> <p>Jinftieġ li jsir intervent biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-esternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.</p> <p>Din l-istrateġija riveduta għas-sajd kummerċjali qed tiġi implimentata abbażi tal-evidenza, bil-prijorizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. L-approċċ huwa infurmat permezz ta' matriċi li sar qbil dwarha u li turi kif l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jaffettwaw l-istrutturi ddeżinjati fl-EMS. Kull interazzjoni bejn l-attività u l-istruttura ġiet ikkategorizzata bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu skont ir-riskji potenzjali li t-tipi ta' rkaptu speċifiċi jippreżentaw għall-istrutturi ta' interess. Kategorija ħamra tindika li hemm riskju għoli għall-istruttura, u li l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jiġu prijorizzati u implimentati sa tmiem l-2013. Il-bqija tal-interazzjonijiet bejn it-tip ta' rkaptu u l-istruttura li huma identifikati fil-matriċi se jiġu vvalutati u l-miżuri ta' ġestjoni jiġu implimentati, jekk ikun meħtieġ, sal-2016.</p> <p>L-interazzjoni bejn l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ u l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-Sit ta' Importanza Komunitarja (Site of Community Importance, SCI) ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone ġiet identifikata bħala ħamra u, għaldaqstant, hija prijorità għall-ġestjoni biex jitneħħa r-riskju ta' ħsara lill-istruttura mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Ma hemmx strutturi oħra fis-sit. Il-byelaw proposta se tiżgura li l-interazzjoni bejn l-attività tas-sajd u l-istruttura tiġi ġestita skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-ħabitats. L-interazzjonijiet bejn tipi oħra ta' rkapti tas-sajd u l-istrutturi tal-iskoll ġew identifikati bħala prijorità aktar baxxa u, għalhekk, se jitqiesu aktar 'il quddiem.</p> <p>Għal siti li jinsabu bejn 0 u 6 mili nawtiċi, Defra tistenna li l-Inshore Fisheries and Conservation Authority (IFCA) rilevanti tkun l-awtorità regolatorja ta' tmexxija. Għal siti bejn 6 u 12-il mil nawtiku, l-MMO hija l-awtorità regolatorja ta' tmexxija u l-miżuri se jiġu introdotti fuq bażi mhux diskriminatorja skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-istruttur sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd.</p> <p>Wara diskussjonijiet bejn l-MMO u l-IFCA ta' Cornwall, ġie miftiehem li, l-għażla ppreferuta hija byelaw tal-MMO għall-parti ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone li taqa' bejn 6 u 12-il mil nawtiku.</p>				

**X'inhuma l-għanijiet politiċi u l-effetti mixtieqa?**

- Il-prevenzjoni tad-deterjorazzjoni tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fil-parti tas-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone li taqa' bejn 6 u 12-il mil nawtiku, minn impatti marbutin mal-użu tal-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ;
- Il-promozzjoni tal-għanijiet ta' konservazzjoni ddikjarati għas-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone;
- Il-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats skont l-approċċ rivedut ta' Defra;
- Il-promozzjoni tas-sajd sostenibbli u, fl-istess ħin, il-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;
- It-tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatt fuq l-attività tas-sajd bl-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ billi jinżamm, fejn possibbli, l-aċċess għall-postijiet tas-sajd ġewwa s-SIK;
- It-tnaqqis tan-negattivitajiet esterni u l-issuktar tal-provvista tal-prodotti pubbliċi.

**Liema għażliet politiċi ġew ikkunsidrati, inkluż kull alternattiva għar-regolamentazzjoni? Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla ppreferuta (aktar dettalji fil-Bażi tal-Evidenza)**

1. Ma jsir xejn.
2. Miżuri volontarji.
3. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK kollu kemm hu ("għeluq sħiħ tas-sit").
4. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fil-qiegħ tal-blat bi lqugħ xieraq ("ġestjoni biż-żoni").
5. Ġestjoni tal-attività permezz ta' Strument Statutorju, Ordni Regulatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

**L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 4 li se tippromwovi s-sajd sostenibbli, tikkonserva l-ambjent tal-baħar u tiżgura l-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats.**

**Il-politika se tiġi riveduta?** Se tiġi riveduta. **Jekk inhu applikabbli, agħti d-data tar-reviżjoni:** Mhux applikabbli

L-implimentazzjoni se tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-UE?			Le		
Liema huma t-tipi ta' intrapriżi kkonċernati? Jekk il-mikrointrapriżi huma eżentati, agħti r-raġuni fil-Bażi tal-Evidenza.	Mikro Iva/le	< 20 Iva/le	Żgħir Iva/le	Medji Iva/le	Kbar Iva/le
X'inhom l-imbida fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra espressa f'ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> ? (Miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	Kummerċjalizz- ati:		Mhux ikkummerċja- lizzati:		

Qrajt il-valutazzjoni tal-impatt u ninsab sodisfatt/a li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din tirrappreżenta analiżi raġonevoli tal-ispejjeż, il-benefiċċji u l-impatt li aktarx ikollhom l-għażliet ewlenin.

Iffirmat mill-persuna responsabbli AGĦŻEL IL-FIRMATARJU: \_\_\_\_\_ Data: \_\_\_\_\_

## Taqsisra: Analiżi u Evidenza

Għażla Politika 1

## Deskrizzjoni:

## VALUTAZZJONI EKONOMIKA SĦIĦA

Sena Bażi tal-Prezzijiet 2013	Sena Bażi tal-Valur Preżenti 2013	Perjodu ta' Żmien fi Snin 10	Benefiċċju Nett (Valur Preżenti (VP)) (GBP m)		
			Baxx: Fakultattiv	Għoli: Fakultattiv	L-Aħjar Stima:

SPEJJEŻ (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t-Tranżizzjoni) (Prezz Kostanti)	Spiża Totali (Valur Preżenti)
Baxx	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima	LE		Fakultattiv	GBP 0,20 m

## Deskrizzjoni u skala tal-ispejjeż monetizzati ewlenin skont il-'gruppi affettwati ewlenin'

L-ispejjeż annwali tal-infurzar li se taffaċċja l-MMO huma stmati li jvarjaw bejn **GBP 22 475** u **GBP 23 475**. L-aħjar stima tal-ispejjeż tal-infurzar hija preżunta li tkun il-punt tan-nofs ta' xenarji tal-ispejjeż baxxi u għolja (**GBP 22 975**), li jirriżulta f'valur preżenti tal-ispejjeż fuq 10 snin ta' **GBP 0,2 m**.

It-telf annwali stmat fil-ħatt l-art tar-Renju Unit fiż-żona pprobita inkluż iż-żona ta' lqugħ huwa ta' **GBP 1 428** u l-valur tal-valur miżjud gross affettwat huwa ta' **GBP 505** <sup>(1)</sup>. Il-valur preżenti tal-valur miżjud gross fuq il-perjodu ta' 10 snin tal-valutazzjoni tal-impatt huwa ta' **GBP 4 346**.

Minħabba l-ispostament minimu kkawżat mill-intervent għall-flotta tar-Renju Unit, billi l-postijiet alternattivi tas-sajd huma aċċessibbli faċilment, l-istimi tal-ispiża totali ma jinkludux telf ta' valur miżjud gross. L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd f'dak il-każ x'aktarx li huma stima eċċessiva peress li l-ebda spostament ma ġie preżunt u 100 % tal-valur miżjud gross fl-oqsma affettwati huwa preżunt mitluf.

## Spejjeż mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-'gruppi affettwati ewlenin'

Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom drittijiet legali ta' aċċess fil-parti tas-SIK iktar 'il barra minn 6 mili nawtiċi.

It-Taqsisma 7.4 tenfasizza l-attività limitata tal-bastimenti Belġjani u Franċiżi f'dan is-SIK li kienet ikkonfermata wkoll mill-involviment bikri tar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana. L-involviment tal-awtoritajiet Franċiżi u tar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd seħħ f'Settembru. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża kkonfermaw li l-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ jistadu fiż-żona pprobita proposta ta' Ħatt Rock.

L-MMO tipproponi li tuża korpi oħra tal-infurzar bħall-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit u l-pulizija sabiex tuża b'mod sħiħ ir-riżorsi tagħhom għall-għassa u l-infurzar. Dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu stmati fil-preżent billi jintalbu fuq bażi ad hoc u l-ispejjeż jistgħu jvarjaw. Dawn l-ispejjeż addizzjonali jistgħu jiżdiedu fi stadju aktar tard, jekk ikun meħtieġ.

BENEFIĊĊJI (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t-Tranżizzjoni) (Prezz Kostanti)	Benefiċċju Totali (Valur Preżenti)
Baxx	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima				

(1) FI-Anness H7 hemm aktar dettalji dwar l-approċċ għall-VI taż-Żona ta' Konservazzjoni Marittima <http://publications.naturalengland.org.uk/publication/1940011>

**Deskrizzjoni u skala tal-benefiċċji monetizzati ewlenin skont il-'gruppi affettwati ewlenin'**

M'hemmx ċifri monetizzati disponibbli għall-benefiċċji tal-għeluq rakkomandat. Madankollu, hawn taħt hawn deskritti benefiċċji potenzjali sinifikanti.

**Benefiċċji mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-'gruppi affettwati ewlenin'**

Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tiproteġi l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma' tal-konservazzjoni. Din se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-ħabitats tal-iskollijiet, b'riżultat tal-projbizzjoni rakkomandata. Tista' tippromwovi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħal bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd <sup>(1)</sup>, li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali (ara l-bażi tal-evidenza).

**Suppożizzjonijiet/sensittivitajiet/riskji ewlenin****Rata ta' skont (%)** 3,5 %

L-istimi tal-ispejjeż medji għall-industrija tas-sajd huma bbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art tal-MO smat fis-SIK fir-rettangoli statistiċi 29E5 u 29E6 tad-diviżjoni VIIe tal-ICES. Mhuwiex magħruf liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona pprojbita proposta, li tiffirma inqas minn 0,16 % ta' rettangolu statistiku tal-ICES (3840 kilometru kwadru). L-istatistika ppreżentat f'din il-VI għet prodotta bl-użu tal-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definiti. L-attività rrapportata tal-bastimenti tar-Renju Unit (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien ma' dettalji tal-irkaptu involut) hija meħuda mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO u tinkludi l-entrati kollha fil-ġurnal ta' abbord għall-bastimenti tas-sajd irreġistrati fir-Renju Unit. L-informazzjoni dwar il-bastimenti Belġjani u Franċiżi ngħatat permezz ta' estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrapportata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-STEFC. Fl-Anness A u B hemm aktar deskrizzjonijiet tal-metodoloġiji użati għall-produzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż tas-sajd dettaljati.

L-istimi tal-valur tal-ħatt l-art għaż-żoni pprojbiti proposti huma bbażati fuq l-istimi tal-valur tal-ħatt l-art (abbażi tad-dejta tal-VMS) għas-SIK sħiħ. Proporzjon għir taż-żona pprojbita testendi 'l barra mill-konfini ta' dak is-SIK. Madankollu, minħabba d-daqs għir tas-sezzjonijiet li jestendu 'l barra miż-żona pprojbita u l-livell baxx ta' attività tas-sajd f'dik iż-żona, dan mhux meqjus li għandu impatt sinifikanti fuq l-istimi tal-ispejjeż.

Il-valur miżjud gross irrapportat ġie kkalkulat bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-ħatt l-art skont il-perċentwali tad-dħul totali li jkkonstitwixxi l-valur miżjud gross għat-tip ta' rkaptu/reġjun rilevanti. L-istima pprovduta tal-valur miżjud gross bħala perċentwali tad-dħul totali (35 % għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u 39 % għall-gangmi) intużat ukoll fil-kalkoli għaż-żoni ta' Konservazzjoni Marittima proposti.

L-informazzjoni miġbura minn sajjeda u partijiet interessati oħra matul il-laqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riżerva li din hija evidenza aneddottali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni u mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċessarjament jaqblu jew ma jaqblux mad-dikjarazzjoni.

**VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI KUMMERĊJALI (Għażla 1)**

Impatt dirett fuq in-negozji (Ekwivalenti Annwali) GBP m:			Huwa applikabbli l-prinċipju OITO?	Il-miżura tikkwalifika bħala
Spejjeż:	Benefiċċji:	Nett:	Iva/le	ĠEWWA/BARRA/ Spiża netta ta' zero

(<sup>1</sup>) Nota: L-għadis kummerċjali jista' jiġi ġestit bħala parti mill-proċess ambra u l-attivitàjiet ta' rikreazzjoni bħalissa huma ġestiti fi ħdan l-EMS

## BAŻI TAL-EVIDENZA

1. **Introduzzjoni**

- 1.1 Sit: Is-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone. <sup>(1)</sup>
- 1.2 Is-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone ġie ddeżinjat għall-komunitajiet tal-iskollijiet tal-qiegħ tal-blat ġewwa s-sit. Il-komunitajiet tal-iskollijiet fuq il-qiegħ tal-blat huma partijiet mill-blat li jisporġu 'l barra, u li jkunu kkolonizzati minn firxa ta' flora u fawna. Jista' jkun hemm tranżizzjoni ta' komunitajiet miż-żona qrib il-wiċċ imdawla bix-xemx, iddominata mill-pjanti, bħal foresti tal-alka laminarja (kelp) u alka ħamra tal-baħar, għall-ilmijiet iktar fondi fejn varjetà ta' fawna tgħix fl-iskollijiet fuq is-sottostrat tal-blat, inklużi l-ekinodermi, l-isponoż, il-qroll, l-anemoni, il-brijozoani u l-krustaċji <sup>(2)</sup>.
- 1.3 L-iskollijiet tal-blat tal-qiegħ f'dan is-sit huma wħud mill-aktar skollijiet bijoloġikament diversi fil-pajjiż u għandhu rwol importanti fl-appoġġ ta' speċijiet li huma meqjusa rari jew li jseħħu fil-limiti tad-distribuzzjoni bijoġeografika tagħhom.
- 1.4 Id-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (DEFRA) introduċa approċċ revedut għall-ġestjoni tal-attività ta' sajd f'EMS. Dan irriżulta fil-ħtieġa biex l-MMO tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat mill-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir fil-qiegħ fis-SIK fil-limiti ta' bejn 6 u 12-il mil nawtiku biex tiżgura konformità sħiħa mal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats <sup>(3)</sup>.
- 1.5 L-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ f'isser kull irkaptu tas-sajd li jiġi imbuttat jew miġbud fil-baħar u jmiss ma' qiegħ il-baħar. Dan jinkludi l-għeżula tat-tkarkir demersali u x-xbieki tat-tkarkir bit-travi u l-gangmi għall-krustaċji. Il-miżuri ta' ġestjoni li jirrestrinġu dawn l-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet u l-istrutturi huma għalhekk meħtieġa.
- 1.6 Din il-VI tħejjiet biex tispeċifika l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-byelaw tal-MMO proposta għall-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ għall-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll. Il-VI tindika wkoll għaliex l-għażla li qed tiġi rrakkomandata hija dik ippreferuta għall-ġestjoni. Abbozz ta' din il-VI kienet soġġetta għall-konsultazzjoni pubblika.
- 1.7 Id-dejta u l-evidenza biex tinforma din il-VI fl-istadju tal-ġbir tal-evidenza nġabret minn Natural England (NE), l-IFCAs, u l-MMO. Barra minn hekk, l-MMO, flimkien mal-IFCA ta' Cornwall, organizzat sessjoni miftuħa f'Looe fl-10.6.2013 u flimkien mal-IFCA ta' Devon u Severn, fi Plymouth, fil-11.6.2013 biex tiltaqa' mal-partijiet interessati u biex dawn ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet diretti u biex hi tiġbor l-evidenza dwar l-impatti ekonomiċi taż-żoni pprojbiti proposti Fit-12.07.2013 saret laqgħa mal-awtoritajiet Belġjani u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd fil-Belġju u fis-27.9.2013 saret waħda mal-awtoritajiet Franċiżi u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd f'Pariġi. Il-kummenti li waslu mir-rappreżentattivi tal-industrija tas-sajd Belġjana ħareġ li filwaqt li hemm ftit li xejn użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni pprojbiti proposti, minbarra fiż-żoni ta' lqugħ proposti, ikun hemm attività tas-sajd fil-kurrituri bejn l-istrutturi tal-iskoll tal-qiegħ tal-blat speċjalment bejn Eddystone u Ħatt Rock li se tibqa' aċċessibbli. L-informazzjoni u l-istqarrijiet minn intervisti mas-sajjieda kummerċjali ġew irreġistrati u inkorporati f'din il-VI bħala evidenza aneddottali.
- 1.8 Bħala parti mill-proċess statutorju tal-byelaw, l-abbozzi tal-byelaw proposta u tal-VI għal dan is-sit ġew ikkonsultati formalment mill-10.9.2013 sat-22.10.2013. Il-kummenti mir-rappreżentanti tas-sajd Franċiżi kkonfermaw li l-attività tas-sajd bit-tkarkir tal-qiegħ ma sseħħx fiż-żona pprojbita proposta ta' Ħatt Rock. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermaw li s-sajd Belġjan f'dan is-sit huwa limitat.

<sup>(1)</sup> Is-Siti ta' importanza Komunitarja (SIK) huma siti li ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea iżda li għadhom ma ġew iddeżinjati formalment bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) mill-Gvern tar-Renju Unit.

<sup>(2)</sup> Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

## 2. Loġika għall-intervent

- 2.1 F'Awwiisu 2012 Defra għamlet reviżjoni tal-ġestjoni tas-sajd fl-EMS sabiex tidentifika l-ġestjoni futura meħtieġa biex ikun żgurat li l-istrutturi tas-sit jinżammu f'kundizzjoni favorevoli. Dan irriżulta f'approċċ rivedut <sup>(1)</sup> għall-ġestjoni tas-sajd f'EMS.
- 2.2 L-approċċ rivedut qed jiġi implimentat abbażi tal-evidenza, bil-prijoritizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. Il-prijoritizzazzjoni tar-riskju huwa informat permezz ta' matriċi <sup>(2)</sup> li tikkategorizza r-riskji mill-interazzjonijiet bejn l-attività tas-sajd u l-istrutturi ekoloġiċi. L-interazzjonijiet bejn l-attività u l-istruttura ġew ikkategorizzati bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu. Dawk ikklassifikati bħala ħomor ġew iprijoritizzati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni sal-aħħar tal-2013 (irrispettivament mil-livell effettiv ta' attività) biex jiġi evitat id-deterjorament tal-istrutturi ddeżinjati f'konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-interazzjonijiet li huma kkategorizzati bħala ambra jirrikjedu valutazzjoni fil-livell tas-sit biex tiddetermina jekk il-ġestjoni ta' attività hijiex meħtieġa għall-protezzjoni tal-istrutturi. L-interazzjonijiet li huma kategorizzati bħala ħodor ukoll jeħtieġu valutazzjoni fil-livell tas-sit jekk ikun hemm effetti kumulattivi. Il-kategorizzazzjoni blu tindika li ma hemmx interazzjoni fattibbli u, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' aktar valutazzjonijiet <sup>(3)</sup>.
- 2.3 Il-paragrafi 6(1) u 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats <sup>(4)</sup> jirrikjedu li, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) u ż-żoni ta' protezzjoni speċjali (ŻPS) <sup>(5)</sup>, l-Istati Membri għandhom:
- jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' habitats naturali fl-Anness I u l-ispeċijiet fl-Anness II preżenti fis-siti
  - jieħdu passi xierqa fid-dawl tad-deterjorament tal-habitats naturali u tal-habitats tal-ispeċijiet kif ukoll tad-disturb tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati ż-żoni
- 2.4 Ir-Regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispeċijiet tal-2010 jiddefinixxi EMS bħala (fost l-oħrajn) ŻSK, ŻPS u SIK. Il-Parti 6 ta' dawn ir-regolamenti tistipula r-rekwiżiti għall-ġestjoni għall-EMS, skont l-Artikoli 6(2), 6(3) u 6(4) tad-Direttiva dwar il-Habitats.
- 2.5 Is-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystonefih strutturi tal-iskol fuq il-qieġ tal-blat li ġew ikkategorizzati bħala riskju aħmar fir-rigward tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġ u, għalhekk, jinħtieġu miżuri ta' ġestjoni biex jitneħħa dan ir-riskju. L-MMO hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-projbizzjoni tal-interazzjoni bejn l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat u l-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġ. L-interazzjoni ta' tipi oħra ta' rkaptu tas-sajd kif iddokumentat fil-matriċi mal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat se tiġi vvalutata matul il-proċess ta' valutazzjoni ambra/aħdar.
- 2.6 Il-parti Eddystone tas-sit tinsab f'żewġ żoni amministrattivi: bejn 0 u 6 mili nawtiċi u bejn 6 u 12-il mil nawtiku. L-istruttura tal-iskoll tal-qieġ tal-blat 'il ġewwa minn 6 mili nawtiċi se tiġi ġestita permezz ta' byelaw tal-IFCA ta' Cornwall u l-istrutturi tal-iskoll tal-qieġ tal-blat fiż-żona li tinsab bejn 6 u 12-il mil nawtoiku se tiġi ġestita permezz ta' byelaw tal-MMO.
- 2.7 Il-post u l-firxa speċifiċi tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat ġew ipprovduti minn Natural England <sup>(6)</sup>. Iż-żona ta' l-qieġ hija bbażat fuq l-abbozz tal-gwida ta' Natural England <sup>(7)</sup>, li tirrakkomanda daqs taż-żona tal-l-qieġ abbażi tal-fond tal-istruttura li qed tiġi protetta. L-istruttura tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat f'dan is-sit testendi għal madwar 60 metru ta' fond. Għal fond ta' bejn 25 u 200 metru, il-gwida ta' Natural England tirrakkomanda żona

<sup>(1)</sup> Dokument politiku dwar is-sajd f'EMS: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/policy\\_and\\_delivery.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/policy_and_delivery.pdf)

<sup>(2)</sup> Matriċi: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/populated\\_matrix3.xls](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/populated_matrix3.xls)

<sup>(3)</sup> Reviżjoni tal-matriċi u evidenza ta' appoġġ tas-Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS): [http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/cefass\\_matrix\\_review.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/cefass_matrix_review.pdf)

<sup>(4)</sup> [http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance_en.htm)

<sup>(5)</sup> Is-Siti ta' importanza Komunitarja (SIK) huma siti li ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea iżda li għadhom ma ġew iddeżinjati formalment bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) mill-Gvern tar-Renju Unit.

<sup>(6)</sup> Ittra ta' parir formali ta' Natural England, 2013

<sup>(7)</sup> Parir dwar iż-żona ta' l-qieġ (abbozz) ta' Natural England, April 2013. Ikkuntattja lil Natural England għal aktar informazzjoni.

ta' lqugħ ta' tliet darbiet il-fond tal-istruttura. Fond ta' 60 metru għal tliet darbiet jirriżulta f'żona ta' lqugħ ta' 180 metru. Billi l-fond tal-istruttura mhuwiex magħruf preċiżament u jista' jestendi kemxejn iktar minn 60 metru, għet applikata żona ta' lqugħ ta' 200 metru. Il-konfini taż-żona tal-lqugħ imbagħad ġew modifikat biex jiffaċilitaw il-konformità u l-infurzar.

2.8. L-intervent huwa meħtieġ biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-esternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.

2.9. Il-fallimenti tas-suq iseħħu meta s-suq ma jaġhtix riżultat effiċjenti <sup>(1)</sup>. Fil-kuntest tal-ambjent tal-baħar dawn in-nuqqasijiet jistgħu jiġi deskritti kif ġej:

— Għall-prodotti u s-servizzi pubbliċi — Għadd ta' prodotti u servizzi pprovduti mill-ambjent tal-baħar bħalma huma r-regolazzjoni tal-klima u d-diversità bijoloġika huma 'prodotti pubbliċi' (ħadd ma jista' jiġi eskluż mill-benefiċċji ta' għom u l-konsum tas-servizz ma jipprekludix l-użu tas-servizz minn oħrajn). Il-karatteristiċi ta' prodotti pubbliċi jfissru li l-individwi mhux neċessarjament ikollhom inċentiv ekonomiku biex jikkontribwixxu sforz jew flus minn jeddom biex jassiguraw l-issuktar tal-eżistenza ta' dawn il-prodotti u dan iwassal għal nuqqas ta' provvista jew, f'dan il-każ, nuqqas ta' protezzjoni.

— Esternalitajiet negattivi — L-esternalitajiet negattivi jseħħu meta l-ħsara lill-ambjent tal-baħar ma tiġix kompletament imġarrba mill-utenti li jikkawżaw il-ħsara. F'ħafna każijiet, ma hemmx prezz monetarju assoċjat mal-prodotti u s-servizzi tal-baħar u, għalhekk, l-ispiża tal-ħsara ma tiġix ipprezzata direttament mis-suq. Anki għal dawk l-oġġetti li jiġu nnegozjati (bħall-ħut selvaġġ), il-prezzijiet tas-suq ħafna drabi ma jirriflettux l-ispiża ekonomika sħiħa, u li finalment tiġġarrab minn individwi oħra u mis-soċjetà kollha kemm hi.

2.10. L-intervent mill-gvern huwa meħtieġ sabiex jindirizza dawn iż-żewġ sorsi ta' falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar. Il-miżuri ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tal-istrutturi ddeżinjati tal-EMS se jiżguraw li l-esternalitajiet negattivi jitnaqqsu jew jittaffew b'mod xieraq. Il-miżuri ta' ġestjoni se jappoġġaw ukoll l-issuktar tal-forniment tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar, pereżempju l-konservazzjoni tal-firxa tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ingilterra.

### 3. Għanijiet politiċi u effetti intenzjonati

3.1. L-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta 2009 <sup>(2)</sup> (MaCAA) stabbilixxa l-MMO biex tmexxi, tippromwovi u ġġestixxi ambjent tal-baħar sostenibbli u sajd qrib il-kosta sostenibbli, billi tiżgura b'suċċess il-bilanċ xieraq bejn il-benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi sabiex jiġu żgurati ibħra f'saħħithom, sajd sostenibbli u industrija vijabbli.

3.2. L-għan politiku pertinenti għal din il-VI huwa li l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit jitwessgħu iktar bil-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat mir-riskju ta' ħsara minn irkaptu rmunkat fil-qiegħ.

3.3. L-għan ta' konservazzjoni ta' dan is-sit huwa:

— Soġġett għall-bidla naturali, li jiġu mħarsa:

— Il-firxa tal-habitats tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u d-diversità tal-habitat u l-ispeċijiet komponenti tiegħu

— L-istruttura komunitarja tal-habitat (eż. l-istruttura tal-popolazzjoni ta' speċijiet notevoli individwali u l-kontribut ta' għom għat-tħaddim tal-ekosistema)

— Il-kwalità ambjentali naturali (eż. il-kwalità tal-ilma, il-livelli tas-sediment sospiż, eċċ.)

<sup>(1)</sup> HMT Green Book (2003) [https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment\\_data/file/220541/green\\_book\\_complete.pdf](https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/220541/green_book_complete.pdf)

<sup>(2)</sup> [www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted](http://www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted)

— Il-proċessi ambjentali naturali (eż. il-proċessi bijoloġiċi u fiżiċi li jseħħu b'mod naturali fl-ambjent, bħaċ-ċirkolazzjoni tal-ilma u d-depożizzjoni tas-sediment, ma għandhomx jiddevjaw mil-linja ta' bażi fil-mument tad-deżinjazzjoni) <sup>(1)</sup>

- 3.4 L-effetti mixtieqa huma li r-riskju ta' deterjorament tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat jitnaqqas u l-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats jintlaħqu. Barra minn hekk, l-impatti ekonomiċi tal-intervent tal-ġestjoni se jkunu kemm jista' jkun żgħar.

#### 4. L-għażliet

- 4.1 Bħala parti mill-approċċ rivedut ta' Defra, l-għodod ta' ġestjoni preferuti huma l-byelaws tal-MMO fi ħdan 6 sa 12-il mil nawtiku, u li l-MMO tmexxi l-ġestjoni tas-siti li jinsabu fuq il-limitu tas-6 mili nawtiċi. Wara diskussjonijiet bejn l-MMO, l-IFCA ta' Devon u Severn u l-IFCA ta' Cornwall, ġie miftiehem li, għalkemm dan is-SIK jaqşam il-limitu ta' 6 mili nawtiċi, se jiġu stabbiliti byelaws tal-IFCA biex iġestixxu l-parti tas-sit fi ħdan is-6 mili nawtiċi u byelaw tal-MMO se tintuża biex iġġestixxi l-parti tas-sit bejn 6 u 12-il mil nawtiku. Għalhekk, byelaw tal-MMO għall-parti tas-SIK bejn 6 u 12-il mil nawtiku hija l-għażla rakkomandata

##### 4.1.1 Għażla 1: Ma jsir xejn

Din l-għażla ma tkunx tinvolti l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' ġestjoni permanenti. Din l-għażla tkun tffiser li r-riskji għas-sit mill-attivitajiet ta' ħsara ma jiġux indirizzati u li l-obbligi skont il-metodu rivedut ta' Defra u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats ma jiġux sodisfatti.

##### 4.1.2 Għażla 2: Ftehim volontarju

Din l-għażla tinvolti l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' Prattika volontarji biex jiproteġu l-istrutturi. L-MMO qieset din l-għażla fid-dawl tal-Prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar, li jeħtieġu li regolament ġdid jiġi introdott biss bħala l-aħħar possibbiltà, u tal-metodu rivedut ta' Defra, li skontu huwa mistenni li l-miżuri ta' ġestjoni għandu jkollhom natura regolatorja sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata. L-approċċ rivedut ta' Defra jirrekjedi wkoll li jiġu implimentati miżuri biex jindirizzaw l-interazzjonijiet ta' riskju għoli (aħmar) bejn l-istrutturi deżinjati u l-irkaptu tas-sajd sal-aħħar ta' Diċembru 2013. L-MMO tqis li minħabba l-bżonn tal-protezzjoni tal-istrutturi malajr kemm jista' jkun, u minħabba r-riskju li anke l-livelli baxxi ta' interazzjoni jistgħu jwasslu għat-taħsir tal-istruttura, il-miżuri volontarji mhumiex xierqa f'dan il-każ.

##### 4.1.3 Għażla 3: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi r-kaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK kollu kemm hu ("għeluq sħiħ tas-sit").

Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK sħiħ mhijiex meħtieġa biex jiġu mħarsa l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u tirriżulta f'telf ekonomiku bla bżonn għas-sajjieda li jużaw partijiet oħra tas-SIK. It-telf totali smat fil-ħatt l-art kif dokumentat fit-tabella 1 ikun ta' GBP 80,671 minflok GBP 1,428 fil-każ tal-għażla preferuta u l-ispejjeż tal-infurzar għall-amministrazzjoni jkunu ferm ogħla.

##### 4.1.4 Għażla 4: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* bi lqugħ xieraq ("ġestjoni biż-żoni").

Din hija l-għażla ppreferuta u analiżi sħiħa ta' din l-għażla hija inkluża hawn taħt

##### 4.1.5 Għażla 5: Ġestjoni tal-attività permezz ta' strument statutorju, ordni regolatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

Dawn il-mekkaniżmi għall-ġestjoni mhumiex meqjusa xierqa f'dan il-każ. Is-setgħa tal-MMO li tagħmel il-byelaws kif iddeżinjati skont il-MaCAA hija aktar xierqa għax dawn ikunu mfassla biex jintużaw għall-ġestjoni tal-attività ġewwa żoni protetti tal-baħar u jipprovdu l-livell xieraq ta' setgħa, flessibbiltà, konsultazzjoni u veloċità.

<sup>(1)</sup> Parir formali fuq is-sit ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

#### 4.2 Għażla Rakkomandata:

- 4.2.1 Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġ fuq l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat bi lqugħ xieraq (‘ġestjoni biż-żoni’).
- 4.2.2 Din l-għażla hija rrakkomandata minħabba li hija l-aktar għażla effikaċi f’termini ta’ spejjeż. L-MMO hija l-aktar awtorità xierqa biex tressaq il-miżuri għall-ġestjoni tas-sajd bejn 6 u 12-il mil nawtiku billi għandha s-setgħat li tagħmel il-byelaws għal din iż-żona sħiħa għat-twertiq tal-għanijiet ta’ konservazzjoni tas-SIK. Il-konfini taż-żona pprojbita proposta ġew determinati wara li tqieset l-aħjar evidenza eżistenti disponibbli tal-firxa tal-istruttura kif ukoll tal-ħtieġa għal “żona ta’ lqugħ” bejn l-istruttura u l-konfini tal-byelaw. Minħabba l-forma taż-żona pprojbita, tqiesu wkoll il-faċilità tal-infurzar u l-bżonn li jkun hemm demarkazzjoni ċara għall-promozzjoni tal-konformità.

#### 5. Bażi tal-Evidenza

- 5.1 L-impatti tal-attività tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġ fuq l-istruttura fuq il-qieġ tal-blat
- 5.1.1 L-evidenza disponibbli <sup>(1)</sup> li tikkonsisti minn studji empiriċi li jikkwantifikaw l-impatt tas-sajd fuq il-habitats fuq il-qieġ tal-blat iebes hija limitata. Madankollu, huwa magħruf li l-irmunkar tax-xbieki tat-tkarkir minn fuq sottostrati tal-blat jikkawża l-ħsara jew il-mewt ta’ proporzjon sinifikanti ta’ speċijiet kbar u weqfin imwaħħal bħall-isponoż u l-qroll (Løkkeborg 2005). 67 % tal-isponoż saritilhom il-ħsara wara li għaddiet xibka tat-tkarkir darba, fil-Golf tal-Alaska (Freese et al 1999). Speċijiet oħra bħall-idrojdi, anemoni, brijozoani, it-tunikati u l-ekinodermi huma vulnerabbli għall-irkaptu tas-sajd mobbli (McConnaughey et al 2000, Sewell u Hiscock 2005). It-tkarkir jista’ wkoll inaqqas il-kumplessità tal-habitat billi l-blatiet u l-ġebel assoċjati mas-sottostrat iebes jiġu mċaqilqa ‘l hemm u ‘l hawn (Engel u Kvitek 2008, Freese et al 1999). Ir-reżistenza għall-ħsara fuq livell fiżiku tvarja skont it-tip ta’ sottostrat, u l-iskollijiet tal-ġebel tat-tajn huma partikolarment vulnerabbli għall-ħsara strutturali (Attrill et al 2011). Jitqies li r-riskju ta’ impatt sinifikanti huwa biżżejjed biex jirrikjedi kategorizzazzjoni ta’ riskju ‘aħmar’ u, għalhekk, il-miżuri ta’ ġestjoni għandhom jiġu implimentati din is-sena.
- 5.2 Distribuzzjoni tal-istruttura tal-iskoll
- Il-grafika 1 hawn taħt tidentifika fejn jinsabu l-istrutturi tal-iskoll tal-qieġ tal-blat fis-SIK.

<sup>(1)</sup> Verifika tal-iskoll fuq il-qieġ tal-blat taħt il-livell tal-marea: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/subtidalbedrock.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/subtidalbedrock.pdf)


Grafika 1

Sit u mappa tal-istruttura



Marine Management Organisation

SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound & Eddystone (Eddystone)



© British Crown, NERC and SeaZone Solutions Ltd. All rights reserved. [SZ042010.001]. Contains UKHO Law of the Sea data © Crown copyright and database right. Reproduced with permission of the Joint Nature Conservation Commission. © Crown Copyright and database right [2013]. All rights reserved. Ordnance Survey Licence No. 100049981. Reproduced with permission of Natural England / Joint Nature Conservation Committee. Not to be used for navigation.

## 6. Setturi kkonċernati

- 6.1 L-industrija tas-sajd: Il-bastimenti ewlenin affettwati huma l-gangmi tal-arzell, bastimenti tat-tkarkir bit-travu u bastimenti tat-tkarkir lokali li primarjament jinkludu l-bastimenti li jħottu l-ħut l-art fi Plymouth u Looe u, okkażjonalment, f'portijiet bħal Brixham u Teignmouth. Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom id-drittijiet tal-aċċess għas-sajd tal-ispeċi tal-qiegħ; madankollu, il-maġġoranza ta' din il-qabda ma tinhattx l-art fir-Renju Unit. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ Franċiżi jistadu fiż-żona pprojbita proposta ta' Ħatt Rock. L-industrija tas-sajd Belġjana twestaq attività tas-sajd limitata f'din iż-żona. Id-djalogu mal-partijiet interessati matul il-prekonsultazzjoni għal din il-miżura ta' ġestjoni proposta indika li l-attività tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ isseħħ l-aktar fil-kurituri bejn l-istrutturi tal-iskoll fuq qiegħ tal-blat u ż-żoni ta' lqugħ proposti. Mhuwiex mistenni li l-intervent ikollu impatt fuq setturi mhux tas-sajd.
- 6.2 L-ekonomiji lokali u s-soċjetà: Il-potenzjal għal spejjeż soċjali u ekonomiċi lill-komunitajiet lokali b'riżultat tat-telf potenzjali fil-ħatt l-art u l-impatt li jirriżulta fuq l-industrija tas-sajd lokali huwa baxx. Dan minħabba li hemm aċċessibbli postijiet tas-sajd alternattivi u, għalhekk, l-ispostament se jkun minimu. Il-portijiet ewlenin li jistgħu jiġu affettwati huma Plymouth u Looe. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża enfasizzaw li hemm il-potenzjal ta' impatt fuq is-servizzi tas-sajd f'żoni li jiddependu fuq l-attività tas-sajd fiż-żoni kostali. Il-benefiċċji usa' tal-ħarsien tal-iskollijiet fuq il-qiegħ tal-blat huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.
- 6.3 Entitajiet ta' infurzar: Ir-responsabbiltà ewlenija tal-infurzar fiż-żona pprojbita proposta tkun tal-MMO u, għalhekk, l-ispejjeż addizzjonali gġarrabha l-MMO. Dawn l-ispejjeż stmati huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.

## 7. Analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji

### 7.1 Spejjeż tal-għażla rakkomandata

- 7.1.1 Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fl-erja proposta tista' tirriżulta fl-ispejjeż li ġejjin:

- Spiża diretta għall-industrija tas-sajd mit-tnaqqis tal-postijiet tas-sajd
- Spejjeż għall-industrija tas-sajd assoċjati ma' ċaqliq lejn postijiet oħra tas-sajd
- Impatti ambjentali potenzjali relatati mal-possibilità ta' żieda fil-ħsara lill-habitats f'żoni oħrajn minħabba l-ispostament
- Spejjeż għall-MMO għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-ġestjoni

- 7.1.2 L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd, inkluż l-ispejjeż potenzjali għall-ispostament, u l-ispejjeż amministrattivi u tal-infurzar lill-MMO jistgħu jiġu mmonetizzati u dawn il-valuri stmati nġabru u ġew ippreżentati bħala parti minn din il-VI (it-Tabelli 1 u 2 hawn taħt). Huwa diffiċli li wieħed jistma l-ispejjeż ambjentali minħabba l-possibilità ta' żieda fil-ħsara lill-habitats u, għalhekk, huma deskritti hawnhekk bħala spejjeż mhux monetizzati.

### 7.2 Analiżi tal-spejjeż tas-sajd

- 7.2.1 L-informazzjoni użata biex tevalwa l-impatti tal-għeluq propost ittieħdet minn:


- Id-dejta tal-ħatt l-art għall-bastimenti mill-2008 sal-2011 meħuda minn dejta mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord u n-nota tal-bejgħ ipprovduta mill-istatistika tal-MMO;
- Id-dejta tal-ħatt l-art sal-livell tar-rettangolu tal-ICES. Analiżi ulterjuri għall-istima tal-qabdiet u l-ħatt l-art stimat għas-SIK u ż-żona tal-iskoll/lqugħ għar-Renju Unit u Stati Membri oħra (it-Tabelli 1 u 2);
- Informazzjoni miġbura minn sajjeda matul il-prekonsultazzjoni, Ġunju-Awwissu 2013, mill-MMO;
- Informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni formali tal-MMO dwar il-byelaw, mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013;
- Għarfien tal-uffiċjal kostali lokali tal-MMO u tal-IFCA.


- 7.3 Inċertezza u suppożizzjonijiet tad-dejta
- 7.3.1 L-estimi tal-ispiża medja ġew ibbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art fir-Renju Unit stmati fis-SIK fir-rettangoli tal-istatistika tal-ICES 29E5 u 29E6 (Ara l-Grafika 2). Mhux ċar liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona pprojbita proposta li tiffirma inqas minn 0,16 % ta' rettangolu tal-ICES. L-istatistika ġiet prodotta bl-użu tal-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definiti. L-attività rrapportata (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien mad-dettalji tal-irkaptu involut) ittieħdet mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO. L-informazzjoni dwar il-bastimenti Belġjani u Franċiżi nġhatat permezz ta' estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrappurtata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Fl-Anness A u B hemm aktar deskrizzjonijiet tal-metodoloġiji użati għall-produzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż tas-sajd dettaljati.
- 7.3.2 Il-valuri taż-żona pprojbita proposta deskritti fit-Tabella 1 inkisbu mill-valuri stmati ġewwa s-SIK u l-applikazzjoni ta' persentaġġ ibbażat fuq l-erja kwadrata pprojbita fis-SIK nnifsu. Fil-parti l-kbira tal-każi, l-erja kwadrata taż-żoni pprojbiti proposti huma relattivament żgħar meta mqabbla mas-SIK kollu kemm hu. Għalhekk, l-istima dettaljata għandha tintuża bi prudenza billi ma tindikax il-valur veru attribwit liż-żona pprojbita proposta. Huwa rikonoxxut ukoll li ż-żieda possibbli fil-bijodiversità madwar l-iskoll tisser li din l-erja tista' tkun post għas-sajd relattivament aktar abbondanti, u l-analiżi tista' tissottovaluta l-valur tal-post tas-sajd imnaqqas.
- 7.3.3 L-informazzjoni miġbura minn sajjieda u partijiet interessati oħra matul il-laqqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riserva li din hija evidenza aneddottali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni u mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċessarjament jaqblu jew ma jaqblux ma' dikjarazzjoni.
- 7.3.4 Jistgħu jsiru wkoll xi suppożizzjonijiet mill-flotta ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru ta' Stati Membri oħra permezz tal-VMS riċevuta fl-FMC tar-Renju Unit FMC, mogħtija fid-dettall fil-punt 7.4.
- Id-dejta tal-ħatt l-art għall-bastimenti mill-2008 sal-2011 meħuda minn dejta mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord u n-nota tal-bejgħ ipprovduta mill-istatistika tal-MMO;
  - Id-dejta tal-ħatt l-art sal-livell tar-rettangolu tal-ICES. Analiżi ulterjuri għall-istima tal-qabdi u l-ħatt l-art stmat għas-SIK u ż-żona tal-iskoll/lqugħ għar-Renju Unit u Stati Membri oħra (it-Tabelli 1 u 2);
  - Informazzjoni miġbura minn sajjieda matul il-prekonsultazzjoni, Ġunju-Awwissu 2013, mill-MMO;
  - Għarfien tal-uffiċjal kostali lokali tal-MMO u tal-IFCA.
- 7.4 Attivitajiet tas-sajd fis-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone
- 7.4.1 Il-maġġoranza ta' bastimenti tar-Renju Unit li operaw fi ħdan iż-żona ICES 29E4 huma taħt l-10 metri fit-tul u huma prinċipalment bastimenti tas-sajd bl-għeżula (261 bastiment), fuq l-idejn (126 bastiment), u potters (72 bastiment). Hemm ukoll xi bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' iktar minn 15-il metru (25 bastiment).
- 7.4.2 L-ispeċijiet prinċipali maqbuda huma l-arzell, il-granċijiet, il-laċċ ikħal u s-sardin.
- 7.4.3 Il-bastimenti Franċiżi u Belġjani għandhom drittijiet ta' aċċess fil-parti tas-SIK iktar 'il barra minn 6 mili nawtiċi.
- 7.4.4 Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti barranin li joperaw fiż-żoni tal-ICES, huma itwal minn 15-il metru b'xi wħud li huma bastimenti iżgħar minn 10 metri. Id-dejta tal-ħatt l-art ta' bastimenti Franċiżi u Belġjani hija limitata minħabba li l-maġġoranza ta' dawn il-bastimenti ma jhottux l-art fir-Renju Unit. L-istatistika dettaljata intalbet minn Franza u l-Belġju u, ladarba tingħata, id-dejta se tidaħħal fil-VI finali.

- 7.4.5 Id-dejta tal-VMS <sup>(1)</sup> mill-flotta Franċiża u Belġjana turi f'it li xejn attività fiż-żoni pprojbti proposti tas-SIK li għandhom aċċess għalihom (il-Grafiċi 3 u 4).
- 7.4.6 Saret laqgħa ta' prekonsultazzjoni mal-industrija tas-sajd Belġjana fit-12.7.2013 f'Ostende, bl-għajnuna tal-awtoritajiet tas-sajd Belġjani. Din saret biex jiġu mgħarrfa dwar il-ġestjoni potenzjali tas-sajd kummerċjali fl-EMS tal-Ingilterra fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess għas-sajd Belġjani f' 6 sa 12-il mil nawtiku. Ir-rappreżentanti mill-industrija li attendew għal-laqgħa fit-12 ta' Lulju indikaw li l-miżuri attwali proposti biex jipproteġu l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-SIK ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-attività ta' tagħhom. Dawn l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat kienu meqjusa bħala fil-biċċa l-kbira inospitabbli għall-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet Franċiżi u r-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd f'Pariġi fis-27.9.2013. Ir-rappreżentanti iddikjaraw li l-aċċess bejn Eddystone u Ħatt Rock huwa rotta ta' aċċess importanti għall-bastimenti Franċiżi.
- 7.4.7 It-tweġibiet mill-konsultazzjoni formali mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermaw li din iż-żona jkollha attività tas-sajd Belġjana limitata. Madankollu, ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża kkonfermaw xi attività tas-sajd speċjalment fiż-żona ta' Ħatt Rock.


<sup>(1)</sup> Hemm ukoll dejta għall-2010 u l-2011 li tindika wkoll attività limitata

Mappa li turi r-rettangoli statistiċi tal-ICES 29E5 u 29E6 u s-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone





Rapporti pożizzjonali Belġjani tal-VMS għall-2012



## 7.5 Valwazzjoni tal-ħatt l-art

**Ir-Renju Unit**

- 7.5.1 L-impatt dirett fuq il-bastimenti tas-sajd ikun tnaqqis fil-qbid u għalhekk tal-ħatt l-art mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fil-erja pprojbita proposta. Sabiex jiġu stmati l-impatti potenzjali, ġiet analizzata d-dejta dwar il-ħatt l-art miġbura mill-MMO.
- 7.5.2 Il-kalkolu tal-ħatt l-art mir-rettangoli taż-żona ICES 29E5 u 29E6 (għall-bastimenti tar-Renju Unit identifikati li jistadu fiż-żona minn Jannar 2008) jidher fit-Tabella 1. L-istimi fit-Tabella 1 huma bbażati fuq medja tal-ħatt l-art minn Jannar 2008 sa Diċembru 2011.

Tabella 1

**Il-ħatt l-art miż-żona ICES 29E5 u 29E6 bħala medja kull sena u l-ħatt l-art medju fis-SIK (Jannar 2008 — Diċembru 2011)**

Tip ta' Rkaptu	Piż tal-ħatt l-art (tunnellati)	Valur (GBP)	Valur fi ħdan is-SIK (GBP)	Valur fi ħdan l-erja pprojbita (1.77 % tas-SIK) (GBP)
Bastimenti tat-tkarkir bit-travu	1 429	3 844 049	2 693	47,67
Gangmi (dredgers)	2 589	4 149 690	7 368	130,43
Xbiek nephrops	7	4 873	0	0
Bastimenti tat-tkarkir demersali oħra	3 211	7 334 338	70 610	1 249,78
<b>Spiża totali</b>	<b>7 236</b>	<b>15 332 950</b>	<b>80 671</b>	<b>1 428</b>

- 7.5.3 Il-valuri stmati tal-ħatt l-art fis-SIK ġew ikkalkulati bl-assoċjazzjoni tad-dejta disponibbli tal-ħatt l-art (ipprovduta minn kull bastiment tas-sajd fil-livell tar-rettangolu ICES) mad-dejta dwar l-attività tal-bastiment tas-sajd (ibbażata fuq ir-rapporti tal-VMS) ġewwa s-SIK. Dan l-approċċ japplika proporzjon tal-ħatt l-art għal kull rettangolu ICES mas-SIK, ibbażat fuq il-livell ta' attività fi ħdan is-SIK.

Għas-SIK ta' Start Point sa Plymouth Sound u Eddystone, intużat id-dejta dwar il-ħatt l-art għar-rettangoli ICES (29E5 u 29E6), u ġiet ikkategorizzata skont id-daqs tal-bastiment (bastimenti ta' aktar minn 15-il metru, bastimenti ta' bejn 10 u 15-il metru u bastimenti taħt 10 metri).

Il-valuri tal-ħatt l-art minn ġewwa l-erja pprojbita proposta ġew imbagħad stmati bħala proporzjon, (abbażi tad-daqs tal-erja rispettiva) tal-valur stmat minn ġewwa s-SIK.

Jekk jogħġbok irreferi għat-tabelli supplimentari dwar l-istatistika tas-sajd mill-2008 sal-2011 għal analiżi sħiħa tal-attività fir-rettangoli tal-ICES assoċjati mas-SIK.

Huwa stmat li d-dħul annwali medju tal-flotot tat-tkarkir bit-travu ta' 1 fuq minn 15-il metru mis-SIK huwa ta' GBP 2 551, tal-gangmi ta' aktar minn 15-il metru GBP 2 683 u tal-flotta tat-tkarkir demersali ta' 1 fuq minn 15-il metru GBP 6 547. Għall-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir demersali ta' anqas minn 10 m, id-dħul annwali medju stmat huwa ta' GBP 15 237. Għall-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir demersali ta' bejn 10 u 15-il metru, id-dħul annwali medju stmat huwa ta' GBP 54 408. (Jekk jogħġbok ara t-tabella 5 mit-tabelli tal-istatistika tas-sajd għall-2008 sal-2011 għal analiżi sħiħa). Mil-laqgħa ta' prekonsultazzjoni mal-partijiet interessati ħareġ li l-impatt monetarju ewlieni mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se tkun fuq it-tkarkir tal-qiegħ u t-tħammil għall-arzell.

7.5.4 Ġie stmat li fiż-żona pprojbita proposta tal-MMO (li hija 1,77 % tal-erja kwadrata tas-SIK) it-telf totali fil-ħatt l-art se jkun ta' **GBP 1 428**.

7.5.5 L-ispiża totali stmata aktarx li tkun sopravalutazzjoni billi l-ispostament ma tqiesx fil-valutazzjoni.

#### **Franza u l-Belġju**

7.5.6 Mill-analiżi tad-dejta tal-VMS, il-maġġoranza vasta tal-attività tas-sajd Belġjana fl-ICES 29E5 u 29E6, isseħħ 'il bogħod mis-sit innifsu. Fl-2010, 20 bastiment biss operaw fiż-żewġ rettangoli tal-ICES. Il-biċċa l-kbira tal-attività tas-sajd Franċiż fl-ICES 29E5 U 29E6 isseħħ jew lejn il-Punent tas-sit jew bejn Ħatt Rock u l-Brentons. Fl-2012, sitt bastimenti Franċiżi rrapurtaw pożizzjoni tal-VMS b'veloċità ta' 1-6 knots fil-parti ta' Eddystone tas-SIK.

7.5.7 L-industrija tas-sajd Belġjana primarjament tistad għall-barbun tat-tbajja' f'din iż-żona u l-Franċiżi għall-merluzz tal-linja sewda u għall-merlangu. Bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Anness B "Analiżi ta' bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangoli tal-ICES", ġie stmat li fl-2012:

— Il-kwantità ta' tunnelli mħatta l-art mill-attività Belġjana fil-parti aċċessibbli tas-SIK hija stmata għal 0,15 tunnelli. Dan huwa daqs valur stmat ta' GBP 339

— Il-kwantità ta' tunnelli mħatta l-art mill-attività Franċiżi fil-parti aċċessibbli tas-SIK hija stmata għal 4,20 tunnelli. Dan huwa daqs valur stmat ta' GBP 5 929

Madankollu, mhux fiż-żona sħiħa se jkun ipprojbit l-aċċess, u l-Grafiċi 3 u 4 jindikaw li l-attività tas-sajd isseħħ fil-kuritur barra ż-żona pprojbita proposta (l-istruttura tal-iskoll u l-ilqugħ). Għalhekk, l-istima effettiva tat-telf tal-ħatt l-art jitqies li huwa ħafna aktar baxx mill-valuri murija hawn fuq.

Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness B għal aktar statistika mhux mir-Renju Unit.

7.6 L-effetti probabbli tal-ghelug fuq il-flotta tas-sajd

7.6.1 Billi t-telf stmat tal-ħatt l-art huwa baxx, huwa mistenni li l-impatt fuq il-flotta tas-sajd tar-Renju Unit u tal-Belġju minn dan l-ghelug se jkun limitat. Għadd ta' sajjeda milquta ddikjaraw waqt il-laqgħat ta' prekonsultazzjoni tal-MMO li ma jintużax irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat, iżda jista' jkun hemm potenzjalment telf ta' qligħ fiż-żoni ta' lqugħ madwar l-istrutturi tal-iskoll tal-qiegħ tal-blat. Dan ġie stmat fit-Tabella 3. Il-konsultazzjoni formali mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermaw li s-sajd Belġjan f'dan is-sit huwa limitat. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Franċiża kkonfermaw li se jkun hemm xi telf ta' postijiet tas-sajd madwar iż-żona pprojbita ta' Ħatt Rock; madankollu, il-postijiet alternattivi tas-sajd huma aċċessibbli faċilment.

7.7 L-adattabilità

7.7.1 Sabiex jiġu evalwati l-effetti li aktarx ikollu l-ghelug propost tal-attivajiet tas-sajd, jeħtieġ li jiġi vvalutat sa liema punt il-bastimenti se jkunu jistgħu jżommu l-valur tal-qabda jekk jiċċaqilqu lejn żoni oħra.

7.7.2 Is-sajjeda ntabu jimlew kwestjonarju għall-informazzjoni ta' din il-valutazzjoni u ġew mistoqsija direttament rigward il-grad ta' spostament lejn oqsma oħra mġarrab b'riżultat tal-ghelug propost, u l-kapaċità tagħhom li jistadu f'postijiet alternattivi u jadattaw sabiex iżommu l-valur tal-qabdiet. Għadd ta' sajjeda milquta stqarrew li ma setgħux ibiddlu l-postijiet tas-sajd jew it-tip ta' rkaptu iżda minħabba li din l-għażla proposta se tillimita biss l-attività tas-sajd fuq l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u fiż-żona standard ta' lqugħ, allura l-potenzjal għall-ispostament se jkun minimu.

- 7.7.3 B'riżultat tal-introduzzjoni tal-alternattiva ppreferuta (byelaw dwar żoni pprojbiti speċifikati) minflok ma jingħalaq is-sit kollu, il-livell ta' spostament minn bastimenti li jużaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ se jtnaqqas kemm jista' jkun. Mill-involvement mal-industrija tas-sajd fil-prekonsultazzjoni, il-kwistjoni ewlenija tal-ispostament li tqajmet kienet l-impatt tal-għeluq sħiħ tas-sit bi preferenza għal kurituri bejn l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat. Intqal li l-interazzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ ma seħħ fuq l-istrutturi iżda sseħħ fiż-żoni ta' lqugħ proposti.
- 7.7.4 Huwa previst li l-provi tal-avvanzi fit-teknoloġija tal-irkaptu u l-impatt fuq l-istrutturi sensitivi għandhom ikunu kkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni ambra/aħdar.
- 7.8 Spejjeż indiretti
- 7.8.1 Spejjeż ambjentali
- 7.8.2 Se jkun hemm potenzjal minimu għal żieda fl-ispejjeż f'termini ta' spejjeż tal-fjuwil għall-bastimenti li jivvjaġġaw iktar 'il bogħod biex jaċċessaw postijiet tas-sajd alternattivi, u biex jingħata kumpens għat-telf potenzjali tal-qabda minħabba ż-żona pprojbita proposta. Dan għaliex is-sajjieda aktarx li jkomplu jistadu fil-kurituri bejn iż-żoni pprojbiti.
- 7.8.3 Hemm potenzjal għal żieda fl-isforz ta' sajd fil-kurituri fiż-żoni spazjali pprojbiti li jista' jkollha effett fuq il-biodiversità u l-habitats (S.E.Rees *et al.*, 2013 <sup>(1)</sup>).
- 7.9 Spejjeż amministrattivi u ta' infurzar
- 7.9.1 L-MMO se twettaq approċċ ta' infurzar immexxi mill-informazzjoni u bbażat fuq ir-riskju kif adottati minn għadd ta' korpi regolatorji fil-gvern skont in-National Intelligence Model <sup>(2)</sup>. Fejn l-informazzjoni miġbura tissuġġerixxi li hemm nuqqas ta' konformità jew riskju ta' nuqqas ta' konformità, l-MMO se tiżviluppa strateġija ta' infurzar speċifika għall-ħtiġijiet tal-MPA u, fejn meħtieġ, tirrilaxxa r-riżorsi skont dawn il-ħtiġijiet. Dan jista' jinkludi l-preżenza tal-forza navali, sorveljanza mill-ajru jew operazzjonijiet konġunti ma' aġenziji oħra (pereżempju l-IFCAs, il-forza tal-fruntieri tar-Renju Unit, jew l-EA). L-MMO se tikkoordina l-operazzjonijiet konġunti. Il-prinċipji li skonhom l-MMO se tirregola l-MPAs huma stipulati fl-Att tar-Riforma Leġiżlattiva u Regulatorja tal-2006 u l-Kodiċi tal-Konformità tar-Regolaturi u għandhom l-għan li jiżguraw li l-MMO tkun proporzjonata, responsabbli, konsistenti, trasparenti u mmirata f'kull azzjoni ta' infurzar li tieħu <sup>(3)</sup>.
- 7.9.2 L-infurzar tal-byelaw proposta se jaqa' taħt il-baġit kurrenti. Il-VMS tal-UE se jintuża bħala għodda ta' ġestjoni għall-infurzar bil-baħar u bl-ajru ta' bastimenti ta' aktar minn 12-il metru. B'riżultat tal-attività tas-sajd baxxa ġewwa s-sit, ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità se jkun minimu jew baxx <sup>(4)</sup>. It-Tabella 2 tenfasizza l-ispejjeż tal-infurzar stmati għall-ġestjoni ta' din l-għażla ppreferuta.

Tabella 2

Spejjeż annwali għall-infurzar tal-għażla rakkomandata <sup>(1)</sup>

Attività	Spiża għal kull Unità (GBP)	Għadd stmat ta' unitajiet fis-sena	Spiża totali kull sena (GBP)
Sorveljanza tal-wiċċ mir-Royal Navy għal kull sit	4 000 kuljum	1	4 000

<sup>(1)</sup> Rees, S.E., Attrill, M.J., Austen, M.C., Mangi, S.C., Rodwell, L.D (2013). A thematic cost-benefit analysis of a marine protected area. *Journal of Environment management*, 114, 476 – 485.

<sup>(2)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf)

<sup>(3)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance\\_enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance_enforcement.pdf)

<sup>(4)</sup> Din il-klassifikazzjoni tar-riskju ġiet identifikata mis-sottomissjoni oriġinali għall-approċċ rivedut ta' Defra lill-ministru.

Attività	Spiża għal kull Unità (GBP)	Għadd smat ta' unitajiet fis-sena	Spiża totali kull sena (GBP)
Għassa ta' infurzar konġunta mal-IFCA lokali għal kull sit	Bejn 800 u 1 000 kuljum	5	4 000-5 000
Sorveljanza mill-ajru għal kull sit	2 050 fis-siegħa	2	4 100
Investigazzjonijiet/prosekuzzjonijiet għal kull sit	10 375 għal kull każ	1	10 375
<b>Spiża totali</b>		<b>9</b>	<b>22 475 – 23 475</b>

(<sup>1</sup>) L-estimi tal-ispejjeż tal-infurzar mis-sottomossjoni oriġinali għall-approċċ rivedut ta' Defra lill-ministru.

Tabella 3

**Profil annwali tal-ispejjeż monetizzati tal-għażla rakkomandata - (GBPm) prezzijiet kostanti**

	Y <sub>0</sub>	Y <sub>1</sub>	Y <sub>2</sub>	Y <sub>3</sub>	Y <sub>4</sub>	Y <sub>5</sub>	Y <sub>6</sub>	Y <sub>7</sub>	Y <sub>8</sub>	Y <sub>9</sub>
Spejjeż tat-tranżizzjoni	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE
Spiża rikorrenti annwali — L-aħjar stima	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
Baxxa	0,022475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
Għolja	0,023475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
<b>Il-valur preżenti totali tal-ispejjeż annwali (*)</b>										<b>GBP 0,2 m</b>

(\*) Għall-istma ntużat il-Kalkolatriċi tal-Valutazzjoni tal-Impatt (<https://www.gov.uk/government/publications/impact-assessment-calculator-3>) b'rata ta' skont ta' 3,5 %, perjodu ta' evalwazzjoni ta' 10 snin u l-2013 bħala s-sena bażi għall-prezz u l-valur attwali.

7.10. Benefiċċji tal-għażla rakkomandata

7.10.1 L-esklużjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ miż-żoni pprojbiti proposti tipprevjeni l-użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u twassal għall-benefiċċji li ġejjin:

— Il-benefiċċji ambjentali tal-ħarsien tal-habitats tal-iskoll tal-qiegħ tal-blat

Il-benefiċċji ambjentali huma deskritti hawnhekk bħala benefiċċji mhux monetizzati.

7.11 Benefiċċji ambjentali

7.11.1 L-iskoll tal-qiegħ tal-blat fis-SIK huwa wieħed mill-aktar skollijiet bijoloġikament diversi fil-pajjiż u għandhu rwol importanti fl-appoġġ ta' speċijiet li huma meqjusa rari jew li jseħħu fil-limiti tad-distribuzzjoni bijoġeografika tagħhom. Għalkemm l-iskollijiet individwali huma relattivament żgħar (kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq skala lokali), huma ekoloġikament diversi u jirrapreżentaw erja sinifikanti lokalm (f'termini tad-daqs tagħhom) ta' habitat ta' skoll 'il barra mill-kosta u permanentement taħt l-ilma (<sup>1</sup>).

7.11.2 L-iskollijiet max-xatt jinkludu skoll kostali assoċjat mal-estensjoni tal-ekoloġija terrestri esposta fiż-żoni sublitorali u żoni kbar qiegħ tal-blat kbar li jisporġi, blatiet u ġebel fil-firxiet 'il bogħod mix-xatt taż-żona. Eddystone u l-iskollijiet tal-madwar jirrapreżentaw strutturi mhux tas-soltu fiż-żoni tal-istudju għaliex jinsabu fl-ilma fond u jogħlew rapidament, u fil-każ ta' Eddystone, jisporġu fuq wiċċ l-ilma. Dawn jospitaw komunità bijoloġika rikka li teżibixxi zonazzjoni klassika tal-blat mill-ilma fond għall-ilma baxx. Hawnhekk tinstab firxa wiesgħa ta' speċijiet, inkluż il-qroll artab, ħjar tal-baħar, rizzi, sponoż, jewel anemones, sea squirts u foresti tal-alka laminarja (kelp). Ġew osservati l-anemone mrewħa tal-baħar u l-qroll sunset cup (it-tnejn li huma speċijiet rari fil-livell nazzjonalment) u l-imrewħa roża tal-baħar (Axelsson et al, 2006; Royal Haskoning, 2008; University of Plymouth, 2011) (<sup>2</sup>).

(<sup>1</sup>) Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

(<sup>2</sup>) Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

- 7.11.3 L-iskollijiet jipprovdu wkoll xi livell ta' protezzjoni kostali u huma żoni importanti għar-riċiklaġġ tan-nutrijenti, l-iffissar tal-karbonju u n-nitroġenu u l-istabbilizzazzjoni tas-sediment.
- 7.11.4 Habitat ta' skoll protett huwa rifuġju naturali għall-ħolqien ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet fil-mira u qabdiet inċidentali.
- 7.11.5 Il-benefiċċji ta' din il-byelaw huma li joffru protezzjoni xierqa u ħarsien tal-karatteristiċi ekoloġiċi li jistgħu possibbilment iwasslu għal iktar abbondanza tal-bijodiversità meta mqabbla mal-bqija tal-postijiet tas-sajd.
- 7.11.6 Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tiproteġi l-istruttura tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se iikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma' tal-konservazzjoni. Se jkollha wkoll benefiċċju addizzjonali fuq l-istrutturi l-oħra fis-SIK u se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-habitats tal-iskoll b'riżultat tal-projbizzjoni rrakkomandata. Dan jista' jippromwovi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħal bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali.
- 7.12 Benefiċċji soċjoekonomiċi
- 7.12.1 Hemm il-possibiltà li l-kundizzjoni miżmuma tal-istrutturi tal-iskoll fuq il-qiegħ tal-blat u tal-habitat tista' żżid l-attrazzjoni għall-utenti rikreazzjonali, inkluż il-bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd (S.E.Rees *et al*, 2013 <sup>(1)</sup>; D.R. Chae *et al*, 2012 <sup>(2)</sup>). Dan jista' wkoll iżid it-turiżmu fiż-żona u għalhekk jiżdied l-infiq fin-negozji lokali (S.E.Rees *et al*, 2013).
- 7.12.2 L-implimentazzjoni ta' approċċ biż-żoni għall-ġestjoni minflok l-għeluq tas-sit kollu tillimita l-ispostament tal-bastimenti li joperaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.
- 7.13 Distribuzzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji
- 7.13.1 Id-distribuzzjoni tal-ispejjeż soċjali u ekonomiċi hija fil-biċċa l-kbira fuq livell lokali tar-Renju Unit u Franza (minbarra l-ispejjeż tal-infurzar) filwaqt li l-benefiċċji ambjentali ġenerali jkopru firxa usa' u għandhom impatt aktar nazżjonali.

#### **Anness A: Noti tal-istatistika tar-Renju Unit, estrazzjoni tad-dejta u tabelli**

It-tabelli tad-dejta li jiġbru fil-qosor l-attività rappurtata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni dettaljati definiti bħala żoni marittimi Ewropej jingħataw f'dettal fis-sit tal-internet tal-MMO <sup>(3)</sup>.

Dan il-livell ta' dettall jirrifletti l-aħjar livell ta' dettall disponibbli fid-dejta rappurtata disponibbli għall-amministrazzjonijiet tas-sajd tar-Renju Unit.

Din id-dejta tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art mir-rettangoli li jkopru ż-żoni, flimkien mad-dettalji tal-bastimenti, l-irkaptu użat, u l-ispeċijiet maqbuda.

Minbarra din id-dejta tal-attività tas-sajd, il-bastimenti itwal minn 15-il metru jirrappurtaw il-pożizzjoni eżatta tagħhom kull sagħtejn bħala parti mis-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tar-Renju Unit.

Għal dawn il-bastimenti itwal minn 15-il metru, kien possibbli li tiġi kkombinata d-dejta spazjali relattivament mhux dettaljata mis-sistemi tar-rappurtar tal-attivitàjiet mar-rapporti dettaljati tal-pożizzjoni mis-sistemi tal-VMS biex tkun tista' ssir stima tal-attività tas-sajd f'aktar dettall. Din ir-riformulazzjoni dettaljata tad-dejta tal-attività tippermetti l-istima tal-attività fi ħdan iż-żoni dettaljati tal-EMS għal bastimenti itwal minn 15-il metru.

Fejn ikun disponibbli, dan id-dettall jiġi ppreżentat fit-tabelli tad-dejta flimkien mal-attività globali fir-rettangoli tal-ICES, għall-bastimenti ta' aktar minn 15-il metru; il-proporzjon bejn dawn iż-żewġ settijiet ta' dejta mbagħad tiġi applikata għad-dejta għal bastimenti b'tulijiet oħra sabiex jiġu kkalkulati l-estimi approssimattivi tal-attività fiż-żona pprobita proposta minn dawn il-bastimenti ta' inqas minn 15-il metru tul b'kollox.

<sup>(1)</sup> Rees, S.E., Attrill, M.J., Austen, M.C., Mangi, S.C., Rodwell, L.D. (2013). A thematic cost-benefit analysis of a marine protected area. *Journal of Environment management*, 114, 476 – 485.

<sup>(2)</sup> Chae, D., Wattage, P., Pascoe, S. (2012). Recreational benefits from marine protected area: A travel cost analysis of Lundy. *Tourism Management*, 33, 971 – 977.

<sup>(3)</sup> <http://www.marinemangement.org.uk/protecting/conservation/ems-consultation.htm>

**Jekk jogħġbok** innota li ż-żoni pprojbiti proposti jinsabu fl-ilmijiet qrib ix-xatt, għalhekk l-użu tal-proporzjon tal-attività mwettqa minn bastimenti ta' aktar minn 15-il metru fiż-żoni biex issir stima tal-attività ta' bastimenti oħra tar-Renju Unit jista' ma jkunx preċiż billi l-bastimenti kbar għandhom it-tendenza li jistadu aktar 'il bogħod mill-kosta minn oħrajn, b'mod speċjali l-flotta ta' bastimenti itwal minn 10 metri.

Din id-dejta hija kulurita griż fit-tabelli biex tenfasizza li hija dejta stmata u għandha tintuża biss bi prudenza.

Din li ġeja hija lista taż-żoni kostali tal-EMS koperti minn din l-analiżi — xi rettangoli jkopru iktar minn qasam wieħed — dawn huma enfasizzati bl-isfar.

Din id-duplikazzjoni tfisser li l-kopertura potenzjali totali taż-żoni pprojbiti proposti ma tistax tiġi stmata billi jingħaddu flimkien l-analiżijiet taż-żoni individwali. It-tabella ta' hawn taħt tinkludi dettalji tal-proporzjon tal-attività ġenerali fir-rettangoli tal-ICES involuti għal kull żona pprojbita propost li tirrelata ma' bastimenti itwal minn 15-il metru (għal dawn il-bastimenti hija disponibbli dejta satellitari dettaljata).

Għalhekk, għal dawk il-bastimenti bi proporzjon kbir ta' kopertura tas-siti EMS, l-istimi għall-attività minn firxiet b'tulijiet oħrajn abbażi tal-attività relatata mal-VMS aktarx ikunu iktar affidabbli milli dawk għal siti bi proporzjon ta' kopertura baxx.

#### **Anness B: Noti tad-dejta tal-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit**

Dawn it-tabelli huma estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrappurtata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

Bħala parti mill-attivitàjiet ta' dan il-grupp, inġabru diversi settijiet ta' dejta inklużi d-dettalji għal kull Stat Membru tal-ħatt l-art ta' speċijiet għal kull rettangolu tal-ICES bir-raggruppamenti tal-bastimenti assoċjati. Dan is-sett tad-dejta huwa mibni biex jissodisfa l-ħtiġijiet STECF u, għalhekk, kellu jiġi pproċessat b'attenzjoni sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tad-dejta tal-attività. Is-sett ingiebb mis-sit tal-STECF. <sup>(1)</sup>

It-totali tas-sommarji ġew ivverifikati mal-attività rreġistrata fuq is-sistemi FIDES tal-UE għal ċerti stokkijiet bil-kwota biex tiġi vvalidata d-dejta rrapportata.

*Madankollu, għad hemm xi differenzi fit-totali bejn dawk irrappurtati għal kombinazzjonijiet ta' speċijiet/żona fil-fajls tad-dejta tal-STECF u dawk irrappurtati għal livelli simili ta' dettall bħala parti mis-sistemi tar-rappurtar tal-qabda fuq FIDES għall-monitoraġġ tal-użu tal-kwoti. Għalhekk, dawn iċ-ċifri jindikaw il-livell ta' attività fiż-żona mill-Istati Membri involuti u mhumiex dikjarazzjonijiet definitivi.*

Il-valuri monetarij indikattivi ġew mibnija bl-użu tal-valur medju ta' ħatt l-art minn bastimenti tar-Renju Unit mir-rettangolu tal-ICES ikkonċernat jew żoni simili.

Fejn id-dejta għas-sinj tkun nieqsa, tista' tkun indikattiva li ma kienx hemm attività rrapportata iżda tista' tkun minħabba li ma tkun ġiet ipprovduta l-ebda dejta.

ANALIŻI TAL-ATTIVITÀ TAL-VMS MINN BASTIMENTI MHUX MIR-RENJU UNIT FIR-RETTANGOLI TAL-ICES LI JKOPRU S-SIK MARBUT MA' DIN IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

#### **Il-metodoloġija użata:**

Din l-analiżi hija r-riżultat tal-applikazzjoni tal-metodoloġija standard użata biex tidentifika jekk il-bastimenti tar-Renju Unit kinux attivi f'żona spazjali ddettaljata partikolari lill-informazzjoni li waslet għal bastimenti mhux mir-Renju Unit, b'mod partikolari dawk minn Franza u l-Belġju bi drittijiet storiċi ta' aċċess għal ċertu parti tal-ilmijiet qrib il-kosta tar-Renju Unit.

Din tinvolvi l-istima tal-attività tas-sajd mid-dejta tal-VMS ibbażata fuq il-veloċità tal-bastiment kif irrapportata fil-messaġġi tal-VMS ("Pings")

Id-dejta għal kull Ping tal-VMS li tasal minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati li jkopru ż-żona dettaljata jintgħażlu mis-sistema tal-VMS tar-Renju Unit, bl-estrazzjoni tad-dettalji dwar in-numru tal-identità tal-bastiment (CFR), il-pożizzjoni, il-veloċità u d-data u l-ħin tal-Ping.

<sup>(1)</sup> STECF: [http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013\\_App+08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx](http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013_App+08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx)

Kull Ping tiġi vvalutata u kklassifikata bħala indikattiva tal-attività tas-sajd li tkun qed issir jekk il-veloċità tkun  $\geq 1$  jew  $\leq 6$  knots

Dawn il-pings tas-sajd mir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati mbagħad jiġu pproċessati fis-softwer GIS sabiex jiġi identifikat jekk il-pożizzjoni kinitx ġewwa jew barra d-dettalji taż-żona spazjali kkonċernata

Dan jippermetti l-kalkolu tal-proporzjon tal-pings tas-sajd irreġistrati għal kull Stat Membru fi ħdan ir-rettangolu li kienu ġewwa ż-żona dettaljata. Dan il-fattur imbagħad jiġi applikat lil-livell ġenerali tal-ħatt l-art li jkun hemm fis-settijiet tad-dejta tal-STEFC għall-Istat Membru kkonċernat biex jippermetti li jsiru stimi ta' attività minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fiż-żona spazjali dettaljata.

SOMMARJU TAL-ATTIVITÀ MILL-BASTIMENTI BELĠJANI U FRANĊIŻI FIR-RETTANGOLI TAL-ICES 29E5 u 29E6 LI JKOPRU S-SIT TA' PLYMOUTH SOUND, START POINT U EDDYSTONE

Dan huwa sommarju tal-attività mill-bastimenti tal-Istat Membru ftermini tal-kwantità u tal-valur tal-ħut maħtut l-art ftermini ta':

(1) Attività totali fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żona kkonċernata fejn intuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.

(2) Stimi tal-attività fiż-żona speċifika kkonċernata li tuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ

**Parti A — it-tunnellaġġ totali tal-attività**

		(1)				(2)			
		Attività (Tunnellati) fir-rettangolu tal-ICES 29E5 & 29E6				Attività (Tunnellati) stmat ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2010-2012			
IL-BELĠJU	IL-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	BT2 (*)	52,05	47,86	157,01	180,61	0,04	0,03	0,11	0,13
	GANG-MU	0,00	0,00	0,21	2,90	0,00	0,00	0,00	0,00
	TR2 (**)	0,00	1,55	11,06	30,58	0,00	0,00	0,01	0,02
	<b>Total 29E5&amp;-6</b>	<b>52,05</b>	<b>49,41</b>	<b>168,27</b>	<b>214,09</b>	<b>0,04</b>	<b>0,03</b>	<b>0,12</b>	<b>0,15</b>
FRANZA	IL-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
<b>twil bejn 0 u 15-il metru</b>	Xbiek tat-Tkarkir tal-Qiegħ	0,00	0,00	5,25	1,06	0,00	0,00	0,02	0,00
	Gangmu	0,00	0,00	3,60	0,93	0,00	0,00	0,02	0,00
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	Xbiek tat-Tkarkir tal-Qiegħ	0,00	0,00	1 033,43	960,35	0,00	0,00	4,50	4,18

		(1)				(2)			
		Attività (Tunnellati) fir-rettangolu tal-ICES 29E5 & 29E6				Attività (Tunnellati) stmat ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2010-2012			
	Gangmu	0,00	0,00	8,61	2,40	0,00	0,00	0,04	0,01
	<b>Total 29E5-&amp;6</b>	<b>0,00</b>	<b>0,00</b>	<b>1 050,89</b>	<b>964,74</b>	<b>0,00</b>	<b>0,00</b>	<b>4,57</b>	<b>4,20</b>

(\*) BT2 = Xbieki tat-tkarkir bit-travu - 80-119mm qisien tal-malju tax-xibka

(\*\*) TR2 = Xbieki tat-tkarkir demersali - 70-99mm qisien tal-malju tax-xibka

#### Parti B — valur totali tal-attività

		(1)				(2)			
		Attività (GBP) fir-rettangolu tal-ICES 29E5 & 29E6				Attività (GBP) stmat ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2009-2012			
<b>IL-BELĠJU</b>	<b>Il-Kodiċi tal-Irkaptu</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	BT2 (*)	150 193	141 065	472 999	388 618	106	99	332	273
	GANG-MU	0	0	2 363	5 776	0	0	2	4
	TR2 (**)	0	3 462	30 241	87 690	0	2	21	62
	<b>Total 29E5-&amp;6</b>	<b>150 193</b>	<b>144 527</b>	<b>505 603</b>	<b>482 083</b>	<b>106</b>	<b>102</b>	<b>355</b>	<b>339</b>
<b>FRANZA</b>	<b>Il-Kodiċi tal-Irkaptu</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2009</b>	<b>2010</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>
<b>twil bejn 0 u 15-il metru</b>	Xbiek tat-Tkarkir tal-Qiegħ	0	0	24 412	4 117	0	0	106	18
	Gangmu	0	0	5 877	1 902	0	0	26	8
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	Xbiek tat-Tkarkir tal-Qiegħ	0	0	1 482 281	1 351 906	0	0	6 453	5 885
	Gangmu	0	0	14 055	3 995	0	0	61	17
	<b>Total 29E5-&amp;6</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>1 526 624</b>	<b>1 361 920</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>6 646</b>	<b>5 929</b>

(\*) BT2 = Xbieki tat-tkarkir bit-travu - 80-119mm qisien tal-malju tax-xibka

(\*\*) TR2 = Xbieki tat-tkarkir demersali - 70-99mm qisien tal-malju tax-xibka

Jekk joġġbok irreferi għall-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit għal sommarju sħiħ tal-attività.

## ANNEX VI

<b>Titlu:</b> <b>Valutazzjoni tal-impatt tal-byelaw dwar l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Sit Marittimu Ewropew (żoni speċifikati) ta' Haisborough, Hammond u Winterton</b>		<b>Valutazzjoni tal-Impatt (VI)</b>		
<b>Nru tal-VI:</b> MMO04		<b>Data:</b> 5.11.2013		
<b>Dipartiment jew aġenzija ta' tmexxija:</b> Marine Management Organisation (Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Baħar)		<b>Stadju:</b> Development/Options		
<b>Dipartimenti jew aġenziji oħra:</b> Defra, Natural England, In-shore Fisheries and Conservation Authority tal-Lvant		<b>Sors tal-intervent:</b> Domestiku		
		<b>Tip ta' miżura:</b> Leġiżlazzjoni Sekondarja		
		<b>Kuntatt għall-informazzjoni:</b> Michael Coyle Michael.Coyle@marinemangement.org.uk 0300 123 1032		
<b>Taqsisra: Intervent u Għażliet</b>		Opinjoni tar-Regulatory Policy Committee (RPĊ): <b>Status tal-Opinjoni tal-RPĊ</b>		
<b>L-ispiża tal-Għażla Ppreferuta (jew l-aktar waħda probabbli)</b>				
<b>Valur Preżenti Nett Totali</b>	<b>Valur Preżenti Nett tan-Negozju</b>	<b>Spiża netta lin-negozji kull sena (EANCB fuq il-prezzijiet tal-2009)</b>	<b>FI-ambitu ta' One-In, Two-Out?</b>	<b>Il-miżura tikkwalifika bħala</b>
M/A	M/A	M/A	Le	M/A
<b>X'inhi l-problema li qed tiġi kkunsidrata? Għaliex hemm il-bżonn tal-intervent pubbliku?</b>				
<p>Il-Marine Management Organisation (MMO) qed tipproponi din il-byelaw għaliex hemm bżonn li l-istrutturi bijoġeniċi tal-iskollijiet (<i>Sabellaria spinulosa</i>) f'dan is-sit marittimu Ewropew (EMS) iddeżinjati fl-Anness I jiġu mħarsa mis-sajd li juża rkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.</p> <p>Din il-byelaw hija proposta skont l-approċċ rivedut introdott mid-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (Department for Environment, Food and Rural Affairs, Defra) biex jiżgura li jkun hemm konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Habitats) u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar) fir-rigward tal-attività tas-sajd kummerċjali.</p> <p>Jinħtieġ li jsir intervent biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-osternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.</p> <p>Din l-istrateġija riveduta għas-sajd kummerċjali qed tiġi implimentata abbażi tal-evidenza, bil-prijoritizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. L-approċċ huwa infurmat permezz ta' matriċi li sar qbil dwarha u li turi kif l-attività tas-sajd jistgħu jaffettwaw l-istrutturi ddeżinjati fl-EMSs. Kull interazzjoni bejn l-attività u l-istruttura ġiet ikkategorizzata bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu skont ir-riskji potenzjali li t-tipi ta' rkaptu speċifiċi jippreżentaw għall-istrutturi ta' interess. Kategorija ħamra tindika li hemm riskju għoli għall-istruttura, u li l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jiġu prijoritizzati u implimentati sa tmiem l-2013. Il-bqija tal-interazzjonijiet bejn it-tip ta' rkaptu u l-istruttura li huma identifikati fil-matriċi se jiġu vvalutati u l-miżuri ta' ġestjoni xierqa jiġu implimentati, jekk ikun meħtieġ, sal-2016.</p> <p>L-interazzjoni bejn l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ u l-istrutturi tal-iskoll tal-qiegħ tal-blat <i>Sabellaria spinulosa</i> fis-Sit ta' Importanza Komunitarja (SIK) ta' Haisborough, Hammond u Winterton ġiet identifikata bħala ħamra u, għaldaqstant, hija prijorità għall-ġestjoni biex jitneħħa r-riskju ta' ħsara lill-istruttura mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Il-byelaw proposta se tiżgura li l-interazzjoni bejn l-attività tas-sajd u l-istruttura tiġi ġestita skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-interazzjonijiet bejn l-irkapti tas-sajd u l-istrutturi tal-iskoll/qiegħ tar-ramel ġew identifikati bħala prijorità ambra jew aħdar, u, għalhekk, se jitqiesu aktar 'il quddiem.</p> <p>Għal siti li jinsabu bejn 0 u 6 mili nawtiċi, Defra tistenna li l-Inshore Fisheries and Conservation Authority (IFCA) rilevanti tkun l-awtorità regolatorja ta' tmexxija. Għal siti bejn 6 u 12-il mil nawtiku, l-MMO hija l-awtorità regolatorja ta' tmexxija u l-miżuri se jiġu introdotti fuq bażi mhux diskriminatorja skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd.</p> <p>Wara diskussjonijiet bejn l-MMO u l-IFCA tal-Lvant, ġie miftiehem li, byelaw tal-MMO se tintuża biex jiġu ġestiti l-istrutturi tas-Sabellaria spinulosa fuq l-iskoll tal-blat tal-qiegħ fi ħdan 0 sa 12-il mil nawtiku. Għalhekk, byelaw tal-MMO għall-parti tal-EMS bejn 0 u 12-il mil nawtiku hija l-għażla ppreferuta.</p>				

**X'inhuma l-għanijiet politiċi u l-effetti mixtieqa?**

- Il-prevenzjoni tad-deterjorazzjoni tal-istrutturi tal-iskoll tal-qiegħ tal-blat *Sabellaria spinulosa* fil-parti tas-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton li taqa' bejn 6 u 12-il mil nawtiku, minn impatti marbutin mal-użu tal-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ;
- Il-promozzjoni tal-għanijiet ta' konservazzjoni ddikjarati għas-SIK ta' Haisborough, Hammond and Winterton;
- Il-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats skont l-approċċ rivedut ta' Defra;
- Il-promozzjoni tas-sajd sostenibbli u, fl-istess ħin, il-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;
- It-tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatt fuq l-attività tas-sajd bl-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ billi jinżamm, fejn possibbli, l-aċċess għall-postijiet tas-sajd ġewwa s-SIK;
- It-tnaqqis tan-negattivitajiet esterni u l-issuktar tal-provvista tal-prodotti pubbliċi.

**Liema għażliet politiċi ġew ikkunsidrati, inkluż kull alternattiva għar-regolamentazzjoni? Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla ppreferuta (aktar dettalji fil-Bażi tal-Evidenza)**

1. Ma jsir xejn.
2. Miżuri volontarji.
3. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK kollha kemm hi ("għeluq sħiħ tas-sit").
4. Byelaw tal-MMO li ttiprobixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll fil-qiegħ tal-blat bi lqugħ xieraq ("ġestjoni biż-żoni").
5. Ġestjoni tal-attività permezz ta' Strument Statutorju, Ordni Regulatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

L-għażla ppreferuta hija l-għażla 4 li se tippromwovi kemm is-sajd sostenibbli kif ukoll tikkonserva l-ambjent tal-baħar u tiżgura l-konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats.

**Il-politika se tiġi riveduta? Se tiġi riveduta. Jekk inhu applikabbli, agħti d-data tar-reviżjoni: Mhux applikabbli**

L-implimentazzjoni se tmur lil hinn mir-ekwiżiti minimi tal-UE?			Le		
Liema huma t-tipi ta' intrapriżi kkonċernati? Jekk il-mikrointrapriżi huma eżentati, agħti r-raġuni fil-Bażi tal-Evidenza	Mikro Iva/le	< 20 Iva/le	Żgħir Iva/le	Medji Iva/le	Kbar Iva/le
X'inhom l-bidla fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra espressa f'ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> ? (Miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )			Kummerċjalizzati:		Mhux ikkummerċjalizzati:

Grajt il-valutazzjoni tal-impatt u ninsab sodisfatt/a li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din tirrappreżenta analiżi raġonevoli tal-ispejjeż, il-benefiċċji u l-impatt li aktarx ikollhom l-għażliet ewlenin.

Iffirmat mill-persuna responsabbli AGĦŻEL IL-FIRMATARJU: \_\_\_\_\_ Data: \_\_\_\_\_

## Taqsisra: Analiżi u Evidenza

Għażla Politika 1

## Deskrizzjoni:

## VALUTAZZJONI EKONOMIKA SMIHA

Sena Bażi tal-Prezz 2013	Sena Bażi tal-Valur Preżenti 2013	Perjodu ta' Żmien fi Snin 10	Benefiċċju Nett (Valur Preżenti (VP)) (GBP m)		
			Baxx: Fakultattiv	Għoli: Fakultattiv	L-Aħjar Stima:

SPEJJEŻ (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t-tranżizzjoni) (Prezz Kostanti) (Prezz Kostanti)	Spiża Totali (Valur Preżenti)
Baxx	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	LE		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima			Fakultattiv	GBP 0,20 m

## Deskrizzjoni u skala tal-ispejjeż monetizzati ewlenin skont il-'gruppi affettwati ewlenin'

L-ispejjeż annwali tal-infurzar li se taffaċċja l-MMO huma stmati li jvarjaw bejn **GBP 22 475** u **GBP 23 475**. L-aħjar stima tal-ispejjeż tal-infurzar hija preżunta li tkun il-punt tan-nofs ta' xenarji tal-ispejjeż baxxi u għolja (**GBP 22 975**), li jirriżulta f'valur preżenti tal-ispejjeż fuq 10 snin ta' GBP 0,2 m. Spejjeż ta' darba mhumieq antiċipati.

It-telf annwali stmat fil-ħatt l-art tar-Renju Unit fiż-żona pprojbita inkluż iż-żona ta' lqugħ huwa ta' **GBP 82,24** u l-valur tal-valur miżjud gross affettwat huwa ta' **GBP 28,76** <sup>(1)</sup>. Il-valur preżenti tal-valur miżjud gross fuq il-perjodu ta' 10 snin tal-valutazzjoni tal-impatt huwa ta' **GBP 247,56**.

Minħabba l-ispostament minimu kkawżat mill-intervent, billi l-postijiet alternattivi tas-sajd huma aċċessibbli faċilment, l-istimi tal-ispiża totali ma jinkludux telf ta' valur miżjud gross. L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd f'dak il-każ x'aktarx li huma stima eċċessiva peress li l-ebda spostament ma ġie preżunt u 100 % tal-valur miżjud gross fl-oqsma affettwati huwa preżunt mitluf.

## Spejjeż mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-'gruppi affettwati ewlenin'

Il-bastimenti Belġjani għandhom drittijiet legali ta' aċċess fil-parti tas-SIK 'il barra minn 6 mili nawtiċi.

It-Taqsisma 7.4 tad-dejta tal-VMS tenfasizza l-attività limitata tal-bastimenti Belġjani f'dan is-SIK li kienet ikkonfermata wkoll mill-involviment bikri mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana f'Lulju. Matul il-konsultazzjoni formali, ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermaw li xi attività tas-sajd isseħħ fiż-żona pprojbita proposta.

L-MMO tipproponi li tuża korpi oħra tal-infurzar bħall-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit u l-pulizija sabiex tuża b'mod sħiħ ir-riżorsi tagħhom għall-għassa u l-infurzar. Dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu stmati fil-preżent billi jintalbu fuq bażi ad hoc u l-ispejjeż jistgħu jvarjaw. Dawn l-ispejjeż addizzjonali jistgħu jiġdiedu fi stadju aktar tard, jekk ikun meħtieġ.

BENEFIĊĊJI (GBP m)	Tranżizzjoni Totali (Prezz Kostanti) Snin		Annwali Medju (minbarra t- Tranżizzjoni) (Prezz Kostanti)	Benefiċċju Totali (Valur Preżenti)
Baxx	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
Għoli	Fakultattiv		Fakultattiv	Fakultattiv
L-Aħjar Stima				

<sup>(1)</sup> FI-Anness H7 hemm aktar dettalji dwar l-approċċ għall-VI taż-Żona ta' Konservazzjoni Marittima <http://publications.naturalengland.org.uk/publication/1940011>

<b>Deskrizzjoni u skala tal-benefiċċji monetizzati ewlenin skont il-“gruppi affettwati ewlenin”</b>	
Ma hemmx ċifri monetizzati disponibbli għall-benefiċċji tal-għeluq rakkomandat. Madankollu, hawn taħt hawn deskritti benefiċċji potenzjali sinifikanti.	
<b>Benefiċċji mhux monetizzati ewlenin oħra skont il-“gruppi affettwati ewlenin”</b>	
Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tiproteġi l-istruttura tal-iskoll Sabellaria spinulosa fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma' jew 'ir-restawr' tal-konservazzjoni. Se jkollha wkoll benefiċċju addizzjonali fuq l-istrutturi l-oħra fis-SIK u se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-habitats tal-iskoll b'riżultat tal-projbizzjoni rakkomandata. Tista' tippromwovi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħal bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd, li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali (ara l-bażi tal-evidenza).	
<b>Is-suppożizzjonijiet/sensittivitajiet/riskji ewlenin</b>	<b>Rata ta' skont (%)</b> 3,5 %
<p>L-istimi tal-ispejjeż medji għall-industrija tas-sajd huma bbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art tal-MO smat fis-SIK fir-rettangoli statistiċi 35F1, 35F2, 34F1 u 34F2 tad-diviżjoni VIIe tal-ICES. Mhuwix magħruf liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona pprojbita proposta, li tiffirma inqas minn 0,092 % ta' rettangolu statistiku tal-ICES (3840 kilometru kwadru). L-istatistika ppreżentata f'din il-VI ġiet prodotta bl-użu tal-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definiti. L-attività rrapportata tal-bastimenti tar-Renju Unit (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien ma' dettalji tal-irkaptu involut) hija meħuda mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO u tinkludi l-entrati kollha fil-ġurnal ta' abbord għall-bastimenti tas-sajd irreġistrati fir-Renju Unit. L-informazzjoni dwar il-bastimenti Belġjani nġhatat permezz ta' estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrapportata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). FI-Anness A u B hemm aktar deskrizzjonijiet tal-metodoloġiji użati għall-produzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż tas-sajd dettaljati.</p> <p>Il-valur miżjud gross irrapportat ġie kkalkulat bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-ħatt l-art skont il-perċentwali tad-dħul totali li jikkonstitwixxi l-valur miżjud gross għat-tip ta' rkaptu/reġjun rilevanti. L-istima pprovvduta tal-valur miżjud gross bħala perċentwali tad-dħul totali (30 % għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u 33 % għall-gangmi) intużat ukoll fil-kalkoli għaż-Żoni ta' Konservazzjoni Marittima proposti.</p> <p>L-informazzjoni miġbura minn sajjeda u partijiet interessati oħra matul il-laqqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riżerva li din hija evidenza aneddotali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni u mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċessarjament jaqblu jew ma jaqblux mad-dikjarazzjoni.</p>	

**VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI KUMMERĊJALI (Għażla 1)**

<b>Impatt dirett fuq in-negozji (Ekwivalenti Annwali) GBP m:</b>			<b>Huwa applikabbli l-prinċipju OITO?</b>	<b>Il-miżura tikkwalifika bħala</b>
<b>Spejjeż:</b>	<b>Benefiċċji:</b>	<b>Nett:</b>	Iva/le	ĠEWWA/BARRA/ Spiża netta ta'

## BAŻI TAL-EVIDENZA

**Introduzzjoni**

- 1.1 Sit: Is-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton <sup>(1)</sup>.
- 1.2 Is-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton ġiet iddeżinjata għall-iskoll (*Sabellaria spinulosa*) u l-bankijiet tar-ramel (Xtut imrammla li huma mgħottija kemm kemm mill-ilma baħar il-ħin kollu.) L-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* għandhom għadd ta' effetti importanti fuq l-ambjent fiżiku: ħafna drabi jstabilizzaw ir-ramel, iż-żrar u l-ġebel; il-qxur jew it-tubi tal-organiżmi stess jipprovdu sottostrat iebes biex jaqdbu miegħu l-organiżmi sessili; jistgħu jipprovdu diversità ta' xquq, uċuh u sedimenti għall-kolonizzazzjoni; u l-feċi, psewdefeci u sedimenti oħrajn akkumulati jistgħu jkunu sors importanti tal-ikel għal organiżmi oħra (Holt *et al.*, 1998; Hendricks *et al.*, 2011; Limpenny *et al.*, 2010). Għal dawn ir-raġunijiet, ħafna skollijiet bijoġeniċi għandhom fawna u flora rikka assoċjata magħhom li, għallinqas f'termini ta' makrofawna, spiss tkun ħafna aktar rikka u diversa miż-żoni tal-madwar (Holt *et al.*, 1998; Hendrick *et al.*, 2011; Pearce *et al.*, 2007) <sup>(2)</sup>.
- 1.3 Id-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali (DEFRA) introduċa approċċ revedut għall-ġestjoni tal-attività ta' sajd f'EMS (ara t-taqsim 2.1). Dan irriżulta fil-ħtieġa biex l-MMO tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* mill-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir fil-qiegħ fis-SIK fil-limiti ta' bejn 6 u 12-il mil nawtiku biex tiżgura konformità sħiħa mal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats <sup>(3)</sup>.
- 1.4 L-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ tfisser kull irkaptu tas-sajd li jiġi imbuttat jew miġbud fil-baħar u jmiss ma' qiegħ il-baħar. Dan jinkludi l-għeżula tat-tkarkir demersali u x-xbieki tat-tkarkir bit-travi u l-gangmi għall-krustaċji. Il-miżuri ta' ġestjoni li jirrestrinġu dawn l-interazzjonijiet bejn l-attivitàjiet u l-istrutturi huma għalhekk meħtieġa.
- 1.5 Din il-VI tħejjiet biex tispeċifika l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-byelaw tal-MMO proposta għall-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ għall-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll. Il-VI tindika wkoll għaliex l-għażla li qed tiġi rrakkomandata hija dik ippreferuta għall-ġestjoni. Abbozz ta' din il-VI kienet soġġetta għall-konsultazzjoni pubblika.
- 1.6 Id-dejta u l-evidenza biex tinforma din il-VI nġabret minn Natural England (NE), l-IFCAs, u l-MMO. Barra minn hekk, l-MMO, flimkien mal-IFCA tal-Lvant, organizzat sessjonijiet miftuħa f'King's Lynn fil-11.6.2013 u f'Boston fis-17.6.2013 f'biex tiltaqa' mal-partijiet interessati u biex dawn ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet diretti u biex hi tiġbor l-evidenza dwar l-impatti ekonomiċi taż-żoni pprojbiti proposti. Saret laqgħa mal-awtoritajiet Belġjani u mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd fil-Belġju nhar it-12.07.2013. Il-kummenti li waslu mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana ħareġ li filwaqt li hemm ftit li xejn użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni pprojbiti proposti, l-informazzjoni u l-istqarrijiet minn intervisti mas-sajjieda kummerċjali ġew irreġistrati u inkorporati f'din il-VI bħala evidenza aneddottali.
- 1.7 Bħala parti mill-proċess statutorju tal-byelaw, l-abbozzi tal-byelaw proposta u tal-VI għal dan is-sit ġew ikkonsultati formalment mill-10.9.2013 sat-22.10.2013. Il-kummenti mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana indikaw li hemm xi attività tas-sajd Belġjana fl-EMS iżda ma kkonfermawx speċifikament jekk l-attività sseħħ fiż-żoni pprojbiti proposti.
2. **Loġika għall-intervent**
- 2.1 F'Awwiessu 2012 Defra għamlet revizzjoni tal-ġestjoni tas-sajd fl-EMS sabiex tidentifika l-ġestjoni futura meħtieġa biex ikun żgurat li l-istrutturi tas-sit jinżammu f'kundizzjoni favorevoli. Dan irriżulta f'approċċ rivedut <sup>(4)</sup> għall-ġestjoni tas-sajd f'EMS.

<sup>(1)</sup> Is-Siti ta' Importanza Komunitarja (SIK) huma siti li ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea iżda li għandhom ma ġewx formalment iddeżinjati bħala ŻSK mill-Gvern tar-Renju Unit.

<sup>(2)</sup> Parir formali fuq is-sit ta' Natural England u JNCC: [http://jncc.defra.gov.uk/pdf/HHW\\_Reg%2035\\_Conservation%20Advice\\_v6.0.pdf](http://jncc.defra.gov.uk/pdf/HHW_Reg%2035_Conservation%20Advice_v6.0.pdf)

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

<sup>(4)</sup> Dokument politiku dwar is-sajd f'EMS: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/policy\\_and\\_delivery.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/policy_and_delivery.pdf)

- 2.2 L-approċċ rivedut qed jiġi implimentat abbażi tal-evidenza, bil-prijoritizzazzjoni tar-riskju u fuq bażi gradwali. Il-prijoritizzazzjoni tar-riskju huwa informat permezz ta' matriċi <sup>(1)</sup> li tikkategorizza r-riskji mill-interazzjonijiet bejn l-attività tas-sajd u l-istrutturi ekoloġiċi. L-interazzjonijiet bejn l-attività u l-istruttura ġew ikkategorizzati bħala aħmar, ambra, aħdar jew blu. Dawk ikklassifikati bħala ħomor ġew iprijoritizzati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni sal-aħħar tal-2013 (irrispettivament mil-livell effettiv ta' attività) biex jiġi evitat id-deterjorament tal-istrutturi tal-Anness I f'konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-interazzjonijiet li huma kkategorizzati bħala ambra jirrikjedu valutazzjoni fil-livell tas-sit biex tiddetermina jekk il-ġestjoni ta' attività hijiex meħtieġa għall-protezzjoni tal-istrutturi. L-interazzjonijiet li huma kategorizzati bħala ħodor wkoll jeħtieġu valutazzjoni fil-livell tas-sit jekk ikun hemm effetti kumulattivi. Il-kategorizzazzjoni blu tindika li ma hemmx interazzjoni fattibbli u, għalhekk, ma hemmx b'żonn ta' aktar valutazzjonijiet <sup>(2)</sup>.
- 2.3 Il-paragrafi 6(1) u 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats jirrikjedu li, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) u ż-żoni ta' protezzjoni speċjali (ŻPS), l-Istati Membri għandhom:
- jistabilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' habitats naturali fl-Anness I u l-ispeċijiet fl-Anness II preżenti fis-siti;
  - jieħdu passi xierqa fid-dawl tad-deterjorament tal-habitats naturali u tal-habitats tal-ispeċijiet kif ukoll tad-disturb tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati ż-żoni.
- 2.4 Ir-Regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Habitats u l-Ispeċijiet tal-2010 jiddefinixxi EMS bħala (fost l-oħrajn) ŻSK, ŻPS u SIK. Il-Parti 6 ta' dawn ir-regolamenti tistipula r-rekwiżiti għall-ġestjoni għall-EMS, skont l-Artikoli 6(2), 6(3) u 6(4) tad-Direttiva dwar il-Habitats.
- 2.5 Is-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton fih strutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* li ġew ikkategorizzati bħala ħomor fir-rigward tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ u, għalhekk, jinħtieġu miżuri ta' ġestjoni biex jitneħħa dan ir-riskju. L-MMO hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-projbizzjoni tal-interazzjoni bejn l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* u l-irkaptu tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ. L-interazzjoni ta' tipi oħra ta' rkaptu tas-sajd mal-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* u l-interazzjonijiet bejn it-tipi kollha tal-irkaptu tas-sajd u l-bankijiet tar-ramel taħt il-livell tal-marea se tiġi vvalutata matul il-proċess ta' valutazzjoni ambra/aħdar..
- 2.6 Dan is-sit jinsab fi tliet żoni amministrattivi: 0 sa 6 mili nawtiċi, 6 sa 12-il mil nawtiku u 'l barra minn 12-il mil nawtiku mix-xatt. Għall-fini tal-ġestjoni tas-sajd, japplikaw il-Limiti tal-Industrija tas-Sajd Britannika. Hemm tliet żoni identifikati tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* fis-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton. Iż-żoni tal-iskoll wieħed u tnejn jaqgħu fiż-żona ta' bejn 6 u 12-il mil nawtiku u se jkunu ġestiti permezz ta' byelaw tal-MMO. Iż-żona tal-iskoll numru tlieta tinsab iktar minn 12-il mil nawtiku 'l barra mix-xatt u, għalhekk, se tiġi ġestita mill-Kummissjoni Ewropea.
- 2.7 Il-post u l-firxa speċifiċi tal-istruttura tal-iskoll ġew ipprovduti minn Natural England <sup>(3)</sup>. Iż-żoni ta' lqugħ huma bbażati fuq l-abbozz tal-gwida ta' Natural England <sup>(4)</sup>, li tirrakkomanda daqs taż-żona tal-lqugħ abbażi tal-fond tal-istruttura li qed tiġi protetta. Għaż-Żona 1, *Sabellaria spinulosa* ġiet identifikata bħala preżenti iżda l-firxa tagħha għadha ma ġietx identifikata. Iż-żona ta' lqugħ għaż-Żona 1 hija ta' 650 metru abbażi ta' 500 metru b'żieda ta' tliet darbiet il-fond (kif irrakkomandat għall-ilqugħ dejta tal-punt) ta' 50 metru. Iż-żona ta' lqugħ għaż-Żona 2 hi ta' 150 metru abbażi ta' tliet darbiet il-fond ta' 50 metru. Il-konfini taż-żoni tal-lqugħ imbagħad ġew modifikati biex jiffaċilitaw il-konformità u l-infurzar.
- 2.8 L-intervent huwa meħtieġ biex jindirizza l-falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar bl-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni (eż. din il-byelaw) biex jikkonservaw l-istrutturi u jiżguraw li jitnaqqsu, jew jittaffew b'mod xieraq, l-esternalitajiet negattivi. L-implimentazzjoni ta' din il-byelaw se tiżgura li l-provvista tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar tissokta.

<sup>(1)</sup> Ara l-matriċi: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/populated\\_matrix3.xls](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/populated_matrix3.xls)

<sup>(2)</sup> Revizzjoni tal-matriċi u evidenza ta' appoġġ tas-Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS): [http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/cefass\\_matrix\\_review.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/cefass_matrix_review.pdf)

<sup>(3)</sup> Itra ta' parir formali ta' Natural England, 2013

<sup>(4)</sup> Parir dwar iż-żona ta' lqugħ (abbozz) ta' Natural England, April 2013. Ikkuntattja lil Natural England għal aktar informazzjoni.

2.9 Il-fallimenti tas-suq iseħħu meta s-suq ma jagħtix riżultat effiċjenti <sup>(1)</sup>. Fil-kuntest tal-ambjent tal-baħar dawn in-nuqqasijiet jistgħu jiġi deskritti kif ġej:

- Għall-prodotti u s-servizzi pubbliċi — Għadd ta' prodotti u servizzi pprovduti mill-ambjent tal-baħar bħalma huma r-regolazzjoni tal-klima u d-diversità bijoloġika huma 'prodotti pubbliċi' (ħadd ma jista' jiġi eskluż mill-benefiċċji tagħhom u l-konsum tas-servizz ma jipprekludix l-użu tas-servizz minn oħrajn). Il-karatteristiċi ta' prodotti pubbliċi jfissru li l-individwi mhux neċessarjament ikollhom inċentiv ekonomiku biex jikkontribwixxu sforz jew flus minn jeddhem biex jassiguraw l-issuktar tal-eżistenza ta' dawn il-prodotti u dan iwassal għal nuqqas ta' provvista jew, f'dan il-każ, nuqqas ta' protezzjoni.
- Esternalitajiet negattivi — L-esternalitajiet negattivi jseħħu meta l-ħsara lill-ambjent tal-baħar ma tiġix kompletament imġarrba mill-utenti li jikkawżaw il-ħsara. F'ħafna każijiet, ma hemmx prezz monetarju assoċjat mal-prodotti u s-servizzi tal-baħar u, għalhekk, l-ispiża tal-ħsara ma tiġix ipprezzata direttament mis-suq. Anki għal dawk l-oġġetti li jiġu nneozjati (bħall-ħut selvaġġ), il-prezzijiet tas-suq ħafna drabi ma jirriflettux l-ispiża ekonomika sħiħa, u li finalment tiġġarrab minn individwi oħra u mis-soċjetà kollha kemm hi.

2.10 L-intervent mill-gvern huwa meħtieġ sabiex jindirizza dawn iż-żewġ sorsi ta' falliment tas-suq fl-ambjent tal-baħar. Il-miżuri ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tal-istrutturi ddeżinjati tal-EMS se jiżguraw li l-esternalitajiet negattivi jitnaqqsu jew jittaffew b'mod xieraq. Il-miżuri ta' ġestjoni se jappoġġaw ukoll l-issuktar tal-forniment tal-prodotti pubbliċi fl-ambjent tal-baħar, pereżempju l-konservazzjoni tal-firxa tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ingilterra.

### 3. Għanijiet politiċi u effetti intenzjonati

3.1 L-Att dwar l-Aċċess għall-Baħar u l-Kosta 2009 <sup>(2)</sup> (MaCAA) stabbilixxa l-MMO biex tmexxi, tippromwovi u tiġġestixxi tal-ambjent tal-baħar sostenibbli u sajd qrib il-kosta, billi tiżgura b'suċċess il-bilanċ xieraq bejn il-benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi sabiex jiġu żgurati ibħra f'saħħithom, sajd sostenibbli u industrija vijabbli.

3.2 L-għan politiku pertinenti għal din il-VI huwa li l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit jitwessgħu iktar bil-protezzjoni tal-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* mir-riskju ta' ħsara minn irkaptu tat-tkarkir fil-qiegħ.

3.3 L-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit huma:

- Soġġett għall-bidla naturali, li jiġu mħarsa jew irrestawrati <sup>(3)</sup>:
  - Il-firxa tal-habitat (u l-elevazzjoni u l-uniformità għall-iskoll)
  - Id-diversità tal-habitat
  - L-istruttura komunitarja assoċjata mal-habitat (eż. l-istruttura tal-popolazzjoni ta' speċijiet notevoli individwali u l-kontribut tagħhom għat-tħaddim tal-habitat)
  - Il-kwalità ambjentali naturali (eż. il-kwalità tal-ilma, il-livelli tas-sediment sospiż, eċċ.)

3.4 L-effetti mixtieqa huma li r-riskju ta' deterjorament tal-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* jitnaqqas u l-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats jintlaħqu. Barra minn hekk, l-impatti ekonomiċi tal-intervent tal-ġestjoni se jkunu kemm jista' jkun żgħar.

### 4. L-għażliet

4.1 Bħala parti mill-approċċ rivedut ta' Defra, l-għodod ta' ġestjoni preferuti huma l-byelaws tal-MMO fi ħdan 6 sa 12nm, u li l-MMO tmexxi l-ġestjoni tas-siti li jaqbuż l-limitu tas-6nm. Wara diskussjonijiet bejn l-MMO u l-IFCA tal-Lvant, ġie miftiehem li, byelaw tal-MMO se tintuża biex jiġu ġestiti l-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* fi ħdan 0 sa 12-il mil nawtiku. Għalhekk, byelaw tal-MMO għall-parti tal-EMS bejn 0 u 12-il mil nawtiku hija l-għażla ppreferuta.

<sup>(1)</sup> HMT Green Book (2003) [https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment\\_data/file/220541/green\\_book\\_complete.pdf](https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/220541/green_book_complete.pdf)

<sup>(2)</sup> [www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted](http://www.legislation.gov.uk/ukpga/2009/23/contents/enacted)

<sup>(3)</sup> Parir formali ta' Natural England: [www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted](http://www.naturalengland.org.uk/ourwork/marine/mpa/ems/submitted).

## 4.1.1 Għażla 1: Ma jsir xejn

Din l-għażla ma tkunx involvi l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' ġestjoni permanenti. Din l-għażla tkun tfixxer li r-riskji għas-sit mill-attivitàjiet ta' ħsara ma jiġux indirizzati u li l-obbligi skont il-metodu rivedut ta' Defra u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats ma jiġux sodisfatti.

## 4.1.2 Għażla 2: Ftehim volontarju

Din l-għażla tinvolvi l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' prattika volontarji biex jiproteġu l-istrutturi. L-MMO qieset din l-għażla fid-dawl tal-Prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar, li jeħtieġu li regolament ġdid jiġi introdott biss bħala l-aħjar possibbiltà, u tal-metodu rivedut ta' Defra, li skontu huwa mistenni li l-miżuri ta' ġestjoni għandu jkollhom natura regolatorja sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata. L-approċċ rivedut ta' Defra jirrekjedi wkoll li jiġu implimentati miżuri biex jindirizzaw l-interazzjonijiet ta' riskju għoli (aħmar) bejn l-istrutturi deżinjati u l-irkaptu tas-sajd sal-aħjar ta' Diċembru 2013. L-MMO tqis li minħabba l-bżonn tal-protezzjoni tal-istrutturi malajr kemm jista' jkun, u minħabba r-riskju li anke l-livelli baxxi ta' interazzjoni jistgħu jwasslu għat-taħsir tal-istruttura, il-miżuri volontarji mhumiex xierqa f'dan il-każ.

## 4.1.3 Għażla 3: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi r-kaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fis-SIK kollu kemm hu ("għeluq sħiħ tas-sit").

Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fil-parti sħiħa ta' Cape bank tas-SIK mhijiex meħtieġa biex tiġi mħarsa l-istruttura tal-iskoll fuq il-blat tal-qiegħ u tirriżulta ftelf ekonomiku bla bżonn għas-sajjeda li jużaw partijiet oħra tas-SIK. It-telf totali stmat fil-ħatt l-art kif dokumentat fit-Tabella 1 ikun ta' GBP 2 559,30 minflok GBP 6,40 fil-każ tal-għażla ppreferuta u l-ispejjeż tal-infurzar għall-amministrazzjoni jkunu ferm ogħla.

4.1.4 Għażla 4: Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istrutturi tal-iskoll *Sabellaria spinulosa* bi lqugħ xieraq ("ġestjoni biż-żoni").

Din hija l-għażla ppreferuta u analiżi sħiħa ta' din l-għażla hija inkluża hawn taħt

## 4.1.5 Ġestjoni tal-attività permezz ta' strument statutorju, ordni regolatorja jew kundizzjoni tal-liċenzja tas-sajd

Dawn il-mekkaniżmi għall-ġestjoni mhumiex meqjusa xierqa f'dan il-każ. Is-setgħa tal-MMO li tagħmel il-byelaws kif iddeżinjati skont il-MaCAA hija aktar xierqa għax dawn ikunu mfassla biex jintużaw għall-ġestjoni tal-attività ġewwa żoni protetti tal-baħar u jipprovdu l-livell xieraq ta' setgħa, flessibbiltà, konsultazzjoni u veloċità.

## 4.2 Għażla Rakkomandata:

4.2.1 Byelaw tal-MMO li tipprojbixxi l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* bi lqugħ xieraq ("ġestjoni biż-żoni").

## 4.2.2 Din l-għażla hija rakkommandata minħabba li hija l-aktar għażla effikaċi f'termini ta' spejjeż. L-MMO hija l-aktar l-awtorità xierqa biex tmexxi 'l quddiem il-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd bejn 0 u 12-il mil nawtiku. Il-konfini taż-żoni pprojbiti proposti ġew determinati wara li tqieset l-aħjar evidenza eżistenti disponibbli tal-firxa tal-istruttura kif ukoll tal-ħtieġa għal "żona ta' lqugħ" bejn l-istruttura u l-konfini tal-byelaw. Minħabba l-forma taż-żona pprojbita, tqiesu wkoll il-faċilità tal-infurzar u l-bżonn li jkun hemm demarkazzjoni ċara għall-promozzjoni tal-konformità.

## 5. Bażi tal-Evidenza

5.1 L-impatti tal-attività tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istruttura tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa*5.1.1 l-evidenza disponibbli <sup>(1)</sup> tenfasizza l-impatt tal-irkaptu tat-tkarkir demersali bħala theddida sinifikanti għall-iskoll tas-*Sabellaria spp.* Huwa rikonnoxxut li rkapti tas-sajd differenti x'aktarx ikollhom livelli differenti ta' impatt u ma tantx hemm dejta empirika riveduta bejn il-pari li turi xi jkunu l-impatti. Madankollu, dawn il-fatturi mhumiex meqjusa ikbar minn klassifikazzjoni prekawżjonarja ta' aħmar, partikolarment fil-kuntest tat-tnaqqis ta' din l-istruttura fir-reġjun tal-OSPAR. Hemm rabtiet ċari bejn l-attivitàjiet tal-bniedem u t-theddida lill-iskollijiet tas-*Sabellaria spinulosa*, l-aktar waħda sinifikanti fosthom hija l-ħsara fiżika kkawżata mill-irkaptu tat-tkarkir demersali (Jones *et al.* 2000, Holt *et al.* 1998 and OSPAR, 2010). L-impatt tal-irkaptu tat-tkarkir demersali huwa t-tkissir tat-tubi tad-dud li jirriżulta f'mortalità diretta (mewt) tad-dud u fit-tnaqqis tal-istruttura u l-komplessità tal-habitat li ma jkunx jista' jkompli jospita l-komunitajiet assoċjati ta' animali u pjanti (UK BAP 2000). Studju wieħed

(1) Ara l-awditu tar-riskju Aħmar tas-*Sabellaria spinulosa*: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/sabellaria.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/sabellaria.pdf)


(Volberg 2000) imwettaq lil hinn mix-xtut ta' Franza u fil-baħar Wadden, jjsfida l-fehma li kull irkaptu tat-tkarkir jikkostitwixxi riskju kbir lill-iskollijiet tas-*Sabellaria spp.*; madankollu, is-sejbiet tal-istudju huma marbuta esklusivament mal-effetti fuq terminu qasir wara disturb ta' darba u jikkonkludu li l-possibbiltà tal-ħsara bit-tkarkir għall-gambli f'medda medja jew twila ma tistax tiġi eliminata fil-każ tas-sajd intensiv, minkejja l-piż relattivament ħafif tal-irkaptu użat <sup>(1)</sup>.

## 5.2 Distribuzzjoni tal-iskoll

Il-Grafika 1 hawn taħt tidentifika fejn jinsabu l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* fis-SIK.

<sup>(1)</sup> Ara l-awditu tar-riskju Aħmar tas-*Sabellaria spinulosa*: [www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems\\_fisheries/sabellaria.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/documents/ems_fisheries/sabellaria.pdf)

Grafika 1  
 Sit u Mappa tal-Istruttura



## 6. Setturi kkonċernati

- 6.1 L-industrija tas-sajd: Il-bastimenti ewlenin affettwati huma l-bastimenti tat-tkarkir bit-travu li jinkludu primarjament il-bastimenti li jħottu l-art f'Lowestoft u Great Yarmouth. Ġie indikat mid-djalogu mal-partijiet interessati waqt il-prekonsultazzjoni li l-miżura ta' ġestjoni proposta se jkollha impatt żgħir fuq l-industrija tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġ. Il-bastimenti Belġjani għandhom drittijiet tal-aċċess biex jistadu għall-ħut demersali f'din iż-żona sal-limitu ta' 6 mili nawtiċi tal-1983. Madankollu, il-maġġoranza ta' din il-qabda ma tinhattx l-art fir-Renju Unit. Mid-djalogu mal-awtoritajiet Belġjani u mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd, matul il-prekonsultazzjoni għal din il-miżura ta' ġestjoni proposta, ġie kkonfermat li l-attività tas-sajd tat-tkarkir tal-qieġ hija limitata. B'riżultat tal-konsultazzjoni formali, ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana enfasizzaw l-importanza tal-postijiet tas-sajd fl-EMS kollha iżda ma identifikawx b'mod speċifiku jekk isseħħx attività tas-sajd fiż-żoni pprojbti proposti. Mhuwiex mistenni li l-intervent ikollu impatt fuq setturi mhux tas-sajd.
- 6.2 L-ekonomiji lokali u s-soċjetà: Il-potenzjal għal spejjeż soċjali u ekonomiċi lill-komunitajiet lokali tar-Renju Unit b'riżultat tat-telf potenzjali fil-ħatt l-art u l-impatt li jirriżulta fuq l-industrija tas-sajd lokali huwa baxx. Dan minħabba li hemm aċċessibbli postijiet tas-sajd alternattivi u, għalhekk, l-ispostament se jkun minimu. Il-benefiċċji usa' tal-ħarsien tal-iskollijiet tas-*Sabellaria Spinulosa* huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.
- 6.3 Entitajiet ta' infurzar: Ir-responsabbiltà ewlenija tal-infurzar fiż-żona pprojbta proposta tkun tal-MMO u, għalhekk, l-ispiża addizzjonali gġarrabha l-MMO. Dawn l-ispejjeż stmati huma deskritti fil-qosor fit-Taqsima 7.

## 7. Analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji

### 7.1 Spejjeż tal-għażla rakkomandata

#### 7.1.1 Il-projbizzjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qieġ fl-erja proposta tista' tirriżulta f'ispejjeż li ġejjin:

- Spiża diretta għall-industrija tas-sajd mit-tnaqqis tal-postijiet tas-sajd
- Spejjeż għall-industrija tas-sajd assoċjati ma' ċaqliq lejn postijiet oħra tas-sajd
- Impatti ambjentali potenzjali relatati mal-possibilità ta' żieda fil-ħsara lill-habitats f'żoni oħrajn minħabba l-ispostament
- Spejjeż għall-MMO għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-ġestjoni

#### 7.1.2 L-ispejjeż għall-industrija tas-sajd, inkluż l-ispejjeż potenzjali għall-ispostament, u l-ispejjeż amministrattivi u tal-infurzar lill-MMO jistgħu jiġu mmonetizzati u dawn il-valuri stmati nġabru u ġew ippreżentati bħala parti minn din il-valutazzjoni tal-impatt (it-Tabelli 1 u 2 hawn taħt). Huwa diffiċli li wieħed jistma l-ispejjeż ambjentali minħabba l-possibilità ta' żieda fil-ħsara lill-habitats u, għalhekk, huma deskritti hawnhekk bħala spejjeż mhux monetizzati.

### 7.2 Analiżi tal-spejjeż tas-sajd


#### 7.2.1 L-informazzjoni użata biex tevalwa l-impatti tal-għeluq propost ittieħdet minn:

- Id-dejta tal-ħatt l-art għall-bastimenti mill-2008 sal-2011 meħuda minn dejta mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord u n-nota tal-bejgħ ipprovduta mill-istatistika tal-MMO;
- Id-dejta tal-ħatt l-art sal-livell tar-rettangolu tal-ICES. Analiżi ulterjuri għall-istima tal-qabdiet u l-ħatt l-art stimat għall-EMS u ż-żona tal-iskoll/lqugħ għar-Renju Unit u Stati Membri oħra
- Informazzjoni miġbura minn sajjieda matul il-prekonsultazzjoni, Ġunju-Awwissu 2013 mill-MMO;
- Informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni formali tal-MMO dwar il-byelaw, mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013;
- Għarfien tal-uffiċjal kostali lokali tal-MMO u tal-IFCA.

- 7.3 Inċertezza u suppożizzjonijiet tad-dejta
- 7.3.1 L-estimi tal-ispiża medja ġew ibbażati fuq il-valuri tal-ħatt l-art fir-Renju Unit stmati fis-SIK fir-rettangoli tal-istatistika tal-ICES 35F1, 35F2, 34F1 u 34F2 (Ara l-Grafika 2). Mhux ċar liema proporzjon tal-valur totali tal-ħatt l-art kien tabilħaqq derivat direttament miż-żona magħluqa proposta li tiffirma inqas minn 0,25 % tal-erba' rettangoli tal-istatistika tal-ICES. L-istatistika ġiet prodotta bl-użu tal-attività rrappurtata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni tas-SIK definit. L-attività rrappurtata (il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art flimkien mad-dettalji tal-irkaptu involut) ittiedet mill-bażi tad-dejta lfish tal-MMO. Ara l-Anness A għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija użata u t-tabelli tal-istatistika għal dan is-SIK.
- 7.3.2 Il-valuri taż-żona pprojbita proposta deskritti fit-Tabella 1 inkisbu mill-valuri stmati ġewwa s-SIK u l-applikazzjoni ta' perċentwali bbażat fuq l-erja kwadrata pprojbita fis-SIK innifsu. Fil-parti l-kbira tal-każi, l-erja kwadrata taż-żoni pprojbiti proposti hija relattivament żgħira meta mqabbla mas-SIK kollu kemm hu. Għalhekk, l-istima dettaljata għandha tintuża bi prudenza billi ma tindikax il-valur veru attribwit liż-żona pprojbita proposta. Huwa rikonoxxut ukoll li ż-żieda possibbli fil-bijodiversità madwar l-iskoll tisser li din l-erja tista' tkun post għas-sajd relattivament aktar abbondanti, u l-analiżi tista' tissottovaluta l-valur tal-post tas-sajd imnaqqas.
- 7.3.3 L-informazzjoni miġbura minn sajjieda u partijiet interessati oħra matul il-laqqgħat ta' prekonsultazzjoni tintuża biex issostni l-bażi ta' evidenza u s-suppożizzjonijiet bir-riserva li din hija evidenza aneddottali biss. L-informazzjoni miġbura kienet opportunistika u hija biss ritratt mir-rispondenti li kienu disponibbli biex jagħtu l-kummenti dakinhar. L-għadd ta' rispondenti jirrifletti biss dawk li indipendentement taw l-informazzjoni u mhux l-għadd ta' dawk kollha li neċċessarjament jaqblu jew ma jaqblux ma' dikjarazzjoni.
- 7.3.4 Id-dejta tal-ħatt l-art ta' Stati Membri oħra hija limitata minħabba li l-maġġoranza ta' dawn il-bastimenti ma jhottux l-art fir-Renju Unit. Jistgħu jsiru xi suppożizzjonijiet mill-flotta ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru ta' Stati Membri oħra permezz tal-VMS riċevuta fl-FMC tar-Renju Unit, iddettaljata fil-punt 7.4.
- Id-dejta tal-ħatt l-art għall-bastimenti mill-2008 sal-2011 meħuda minn dejta mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord u n-nota tal-bejgħ ipprovduta mill-istatistika tal-MMO;
  - Id-dejta tal-ħatt l-art sal-livell tar-rettangolu tal-ICES. Analiżi ulterjuri għall-istima tal-qabdiet u l-ħatt l-art stmat għas-SIK u ż-żona tal-iskoll/lqugħ għar-Renju Unit u Stati Membri oħra (it-Tabelli 1 u 2);
  - Informazzjoni miġbura minn sajjieda matul l-involviment tagħhom fil-prekonsultazzjoni, Ġunju-Awwissu 2013, mill-għarfien tal-uffiċjali kostali tal-MMO u tal-IFCA;
  - L-informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni formali tal-MMO dwar il-byelaw, mill-10 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru 2013;
  - Għarfien tal-uffiċjal kostali lokali tal-MMO u tal-IFCA.
- 7.4 Attivitajiet tas-sajd fis-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton
- 7.4.1 Il-bastimenti tar-Renju Unit u Belġjani joperaw fis-sit u jistadu għal speċijiet demersali. Il-bastimenti tal-Istati Membri l-oħra kollha għandhom drittijiet ta' aċċess fil-parti tas-SIK lil hinn mil-limitu ta' 12-il mil nawtiku tal-1983.
- 7.4.2 Il-maġġoranza tal-bastimenti tar-Renju Unit li joperaw fiż-żona ICES 35F1, 35F2, 34F1 u 34F2 huma taħt l-10 metri fit-tul u huma prinċipalment bastimenti tas-sajd bl-għeżula (28 bastiment), longliners (10 bastiment), u potters (22 bastiment). Hemm ukoll xi bastimenti tat-irkarkir bit-travu ta' iktar minn 15-il metru (4 bastimenti).
- 7.4.3 Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti barranin li joperaw fiż-żona tal-ICES huma itwal minn 15-il metru b'xi wħud li huma bastimenti iżgħar minn 10 metri. Id-dejta tal-ħatt l-art ta' Stati Membri oħra hija limitata minħabba li l-maġġoranza ta' dawn il-bastimenti ma jhottux l-art fir-Renju Unit.
- 7.4.4 L-ispeċijiet prinċipali li jinħattu l-art huma grancijiet, awwisti, bakkaljaw, rebekkini u raj, gattarell u spnott.

- 7.4.5 Id-dejta tal-VMS mill-flotta Belġjana ma turi ebda attività fis-SIK bejn 6 u 12-li mil nawtiku. Il-VMS mill-flotta ta' bastimenti itwal minn 15-il metru juru attività limitata fis-SIK (il-Grafika 3).
- 7.4.6 Saret laqgħa ta' prekonsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana fit-12.7.2013 f'Ostende, bl-għajnuna tal-awtoritajiet tas-sajd Belġjani. Din saret biex jiġu mgħarrfa dwar il-ġestjoni potenzjali tas-sajd kummerċjali fl-EMS tal-Ingilterra fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess għas-sajd Belġjani f' 6 sa 12nm. Ir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd li attendew il-laqgħa f'Ostende indikaw li l-miżuri attwali proposti għall-protezzjoni tal-istruttura tal-iskoll fl-EMS ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-attività tagħhom.
- 7.4.7 Ir-risponsi għall-konsultazzjoni formali mir-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd Belġjana kkonfermaw l-importanza tal-postijiet tas-sajd fl-EMS kollha iżda mhux speċifikament fiż-żoni pprojbiti proposti.

Mappa li turi r-rettangoli statistiċi tal-ICES 34F1, 34F2, 35F1 u 35F2 u s-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton




Rapporti pozzizzjonali tal-VMS tal-Belġju għall-2012



Marine Management Organisation

VMS Belġjan tal-2012 tas-SIK Haisborough, Hammond & Winterton  
(postijiet tal-iskoll tas-Sabellaria spp.)



## 7.5 Valwazzjoni tal-ħatt l-art

**Ir-Renju Unit**

- 7.5.1 L-impatt dirett fuq il-bastimenti tas-sajd ikun tnaqqis fil-qbid u għalhekk tal-ħatt l-art mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fl-erja pprojbita proposta. Sabiex jiġu stmati l-impatti potenzjali, ġiet analizzata d-dejta dwar il-ħatt l-art miġbura mill-MMO.
- 7.5.2 Il-kalkolu tal-ħatt l-art mir-rettangoli taż-żona tal-ICES 35F1, 35F2, 34F1 u 34F2 (għall-bastimenti tar-Renju Unit identifikati li jistadu fiż-żona minn Jannar 2008) jidher fit-Tabella 1. L-istimi fit-Tabella 1 huma bbażati fuq medja tal-ħatt l-art minn Jannar 2008 sa Diċembru 2011.

Tabella 1

**Il-ħatt l-art miż-żona tal-ICES 35F1, 35F2, 34F1 u 34F2 bħala medja kull sena u l-istima medja tal-ħatt l-art fl-EMS (Jannar 2008 – Diċembru 2011)**

Tip ta' Rkaptu	Piż tal-ħatt l-art (tunnellati)	Valur fi 35F1, 35F2, 34F1 and 34F2 (GBP)	Valur fl-EMS (GBP)	Valur Ġdid fiż-żona pprojbita (0.25 % tal-EMS) (GBP)
Bastimenti tat-tkarkir bit-travu	127	336 914	32 175,29	80,44
Gangmi (dredgers)	601	1 548	147,84	0,37
Bastiment tat-tkarkir nephrops	1	1 643	156,90	0,40
Bastimenti tat-tkarkir demersali oħra	57	26 799	2 559,30	6,40
<b>Spiża totali</b>	<b>786</b>	<b>366 904</b>	<b>35 039,33</b>	<b>87,61</b>

- 7.5.3 Il-valuri stmati tal-ħatt l-art fis-SIK ġew ikkalkulati bl-assoċjazzjoni tad-dejta disponibbli tal-ħatt l-art (ipprovduta minn kull bastiment tas-sajd fil-livell tar-rettangolu ICES) mad-dejta dwar l-attività tal-bastiment tas-sajd (ibbażata fuq ir-rapporti tal-VMS) ġewwa s-SIK. Dan l-approċċ japplika proporzjon tal-ħatt l-art għal kull rettangolu ICES mas-SIK, ibbażat fuq il-livell ta' attività fi ħdan is-SIK.

Għas-SIK ta' Haisborough, Hammond u Winterton, intużat id-dejta dwar il-ħatt l-art għar-rettangoli ICES (35F1, 35F2, 34F1 and 34F2 (!)), u ġiet ikkategorizzata skont id-daqs tal-bastiment (bastimenti ta' aktar minn 15-il metru, bastimenti ta' bejn 10 u 15-il metru u bastimenti taħt 10 metri).

Il-valuri tal-ħatt l-art minn ġewwa l-erja pprojbita proposta ġew imbagħad stmati bħala proporzjon, (abbażi tad-daqs tal-erja rispettiva) tal-valur stmat minn ġewwa s-SIK.

Jekk jogħġbok irreferi għat-tabelli supplimentari dwar l-istatistika tas-sajd mill-2008 sal-2011 għal analiżi sħiħa tal-attività fir-rettangoli tal-ICES assoċjati mas-SIK.

Huwa stmat li d-dħul annwali medju għall-flotot ta' bastimenti tat-tkarkir bit-travi itwal minn 15-il metru mir-rettangoli tal-ICES huwa ta' GBP 323 155. Għall-flotta ta' inqas minn 10 metri, it-tip ta' rkaptu li prinċipalment ikollu impatt se jkun fuq bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir demersali, li għandhom dħul annwali medju stmat ta' GBP 228.

- 7.5.4 Ġie stmat li fiż-żona pprojbita proposta (li hija **0,25 %** tas-SIK) it-telf totali fil-ħatt l-art se jkun ta' **GBP 87,61**.

(!) Nota: Minħabba d-dejta limitata u d-dejta limitata tal-VMS, mhumiex possibbli fl-EMS speċifiku.

- 7.5.5 L-ispiża totali stmata aktarx li tkun sopravalutazzjoni billi l-ispostament ma tqiesx fil-valutazzjoni.

### Il-Belġju

- 7.5.6 Mill-analiżi tad-dejta tal-VMS, l-attività tas-sajd Belġjana fir-rettangoli ICES 34F1, 34F2, 35F1 u 35F2 isseħħ lil hinn mill-parti tas-SIK innifsu 'l barra mit-12-il mil nawtiku. Fl-2012, 6 bastimenti Belġjani operaw f'din il-parti tas-SIK u l-ebda attività tal-VMS ma kienet irreġistrata fil-viċinanza taż-żoni pprojbiti proposti. L-industrija tas-sajd Belġjana tistad primarjament għal-lingwat u l-barbun tat-tbajja' f'din iż-żona.
- 7.5.7 Bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Anness B "Analiżi ta' bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangoli tal-ICES", ġie stmat li fl-2012:
- Il-kwantità ta' tunnellati mħatta l-art mill-attività Belġjana fis-SIK hija stmata għal 5,73 tunnellati. Dan huwa daqs valur stmat ta' GBP 15 858
- 7.5.8 Madankollu, il-fatt li ż-żona pprojbita fiha daqs 0,25% tas-sit biss, u l-ebda attività tal-VMS ma ġiet irrappurtata fil-viċinanza tagħhom, l-istima effettiva tat-telf titqies li hija żgħira ħafna. Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness B għal aktar informazzjoni dwar l-attività tas-sajd mhux mir-Renju Unit fiż-żoni pprojbiti proposti u madwarhom.
- 7.6 L-effetti probabbli tal-għeluq fuq il-flotta tas-sajd
- 7.6.1 Billi t-telf stmat tal-ħatt l-art huwa baxx, huwa mistenni li l-impatt fuq il-flotta tas-sajd tar-Renju Unit minn din il-projbizzjoni se jkun limitat. Hemm attività okkażjonali tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ f'livelli baxxi minn bastimenti taħt il-15-il metru bbażati prinċipalment f'East Anglia. Dan kien indikat matul il-laqgħat ta' prekon-sultazzjoni tal-MMO u mal-persunal kostali tal-MMO. L-effetti ta' dan ġew stmati fit-Tabella 1.
- 7.6.2 Huwa mistenni li l-impatt fuq il-flotta tas-sajd Belġjana jkun baxx billi d-dejta tal-VMS tindika li l-attività fiż-żoni pprojbiti proposti hija limitata.
- 7.7 L-adattabilità
- 7.7.1 Sabiex jiġu evalwati l-effetti li aktarx ikollu l-għeluq propost tal-attivitajiet tas-sajd, jeħtieġ li jiġi vvalutat sa liema punt il-bastimenti se jkunu jistgħu jżommu l-valur tal-qabda jekk jiċċaqilqu lejn żoni oħra.
- 7.7.2 Is-sajjieda ntalbu jimlew kwestjonarju għall-informazzjoni ta' din il-valutazzjoni u ġew mistoqsija direttament rigward il-grad ta' spostament lejn oqsma oħra mġarrab b'riżultat tal-għeluq propost, u l-kapaċità tagħhom li jistadu f'postijiet alternattivi u jadattaw sabiex iżommu l-valur tal-qabdi. Il-biċċa l-kbira tas-sajjieda milquta stqarrew li ma setgħux ibiddlu l-postijiet tas-sajd jew it-tip ta' rkaptu iżda minħabba li din l-għażla proposta se tillimita biss l-attività tas-sajd fuq l-istruttura tal-iskoll u fiż-żona standard ta' lqugħ, allura l-potenzjal għall-ispostament se jkun minimu.
- 7.7.3 B'riżultat tal-introduzzjoni tal-għażla ppreferuta (byelaw dwar żona pprojbita speċifikata li fiha żewġ żoni pprojbiti) minflok ma jingħalaq is-sit kollu, il-livell ta' spostament minn bastimenti li jużaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ se jitnaqqas kemm jista' jkun.
- 7.7.4 Huwa previst li l-provi tal-avvanzi fit-teknoloġija tal-irkaptu u l-impatt fuq l-istrutturi sensitivi għandhom ikunu kkunsidrati fil-proċess ambra/aħdar.
- 7.8 Spejjeż indiretti
- 7.8.1 Spejjeż ambjentali
- 7.8.2 Għall-għażla rrakkomandata, se jkun hemm potenzjal minimu għal żieda fl-ispejjeż f'termini ta' fjuwil għall-bastimenti li jivvjaġġaw iktar 'il bogħod biex jaslul fil-postijiet tas-sajd alternattivi billi l-postijiet tas-sajd alternattivi huma aċċessibbli faċilment.
- 7.8.3 Hemm potenzjal għal żieda fl-isforz ta' sajd barra miż-żoni spazjali pprojbiti li jista' jkollha effett fuq il-bijodiversità u l-ħabitats (S.E.Rees *et al*, 2013).

- 7.9 Spejjeż amministrattivi u ta' infurzar
- 7.9.1 L-MMO se twestaq approċċ ta' infurzar immexxi mill-informazzjoni u bbażat fuq ir-riskju kif adottati minn għadd ta' korpi regolatorji fil-gvern skont in-National Intelligence Model <sup>(1)</sup>. Fejn l-informazzjoni miġbura tissuġġerixxi li hemm nuqqas ta' konformità jew riskju ta' nuqqas ta' konformità, l-MMO se tiżviluppa strateġija ta' infurzar speċifika għall-ħtiġijiet tal-MPA u, fejn meħtieġ, turrilaxxa r-riżorsi skont dawn il-ħtiġijiet. Dan jista' jinkludi l-preżenza tal-forza navali, sorveljanza mill-ajru jew operazzjonijiet konġunti ma' aġenziji oħra (pereżempju l-IFCAs, il-forza tal-fruntieri tar-Renju Unit, jew l-EA). L-MMO se tikkoordina l-operazzjonijiet konġunti. Il-prinċipji li skonthom l-MMO se tirregola l-MPAs huma stipulati fl-Att tar-Riforma Leġiżlattiva u Regulatorja tal-2006 u l-Kodiċi tal-Konformità tar-Regolaturi u għandhom l-għan li jiżguraw li l-MMO tkun proporzjonata, responsabbli, konsistenti, trasparenti u mmirata f'kull azzjoni ta' infurzar li tiegħu <sup>(2)</sup>.
- 7.9.2 L-infurzar tal-byelaw proposta se jaqa' taħt il-baġit kurrenti. Il-VMS tal-UE se jintuża bħala għodda ta' ġestjoni għall-infurzar bil-baħar u bl-ajru ta' bastimenti ta' aktar minn 12-il metru. B'riżultat tal-attività tas-sajd baxxa fil-parti qrib ix-xatt tas-sit (għewwa t-12-il mil nawtiku), ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità se jkun minimu jew baxx. It-Tabella 2 tenfasizza l-ispejjeż tal-infurzar stmati għall-ġestjoni ta' din l-għażla ppreferuta.

Tabella 2

**Spejjeż addizzjonali annwali għall-infurzar tal-għażla rakkomandata <sup>(1)</sup>**

Attività	Spiża għal kull unità (GBP)	Għadd stmat ta' unitajiet fis-sena	Spiża totali kull sena (GBP)
Sorveljanza tal-Wiċċ mir-Royal Navy għal kull sit	4 000 kuljum	1	4 000
Għassa ta' infurzar konġunta mal-IFCA lokali għal kull sit	Bejn 800 u 1 000 kuljum	5	4 000-5 000
Sorveljanza mill-ajru għal kull sit	2 050 fis-siegħa	2	4 100
Investigazzjonijiet/prosekuzzjonijiet għal kull sit	10 375 għal kull każ	1	10 375
<b>Spiża totali</b>		<b>9</b>	<b>22 475 – 23 475</b>

<sup>(1)</sup> L-estimi tal-ispejjeż tal-infurzar mis-sottomossjoni oriġinali għall-approċċ rivedut ta' Defra lill-ministru.

Tabella 3

**Profil annwali tal-ispejjeż monetizzati tal-għażla rakkomandata - (GBP m) prezzijiet kostanti**

	Y <sub>0</sub>	Y <sub>1</sub>	Y <sub>2</sub>	Y <sub>3</sub>	Y <sub>4</sub>	Y <sub>5</sub>	Y <sub>6</sub>	Y <sub>7</sub>	Y <sub>8</sub>	Y <sub>9</sub>
Spejjeż tat-tranżizzjoni	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE	LE
Spiża rikorrenti annwali — L-aħjar stima	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
Baxxa	0,022475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975

<sup>(1)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/risk-based-enforcement.pdf)

<sup>(2)</sup> [www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance\\_enforcement.pdf](http://www.marinemanagement.org.uk/about/documents/compliance_enforcement.pdf)

	Y <sub>0</sub>	Y <sub>1</sub>	Y <sub>2</sub>	Y <sub>3</sub>	Y <sub>4</sub>	Y <sub>5</sub>	Y <sub>6</sub>	Y <sub>7</sub>	Y <sub>8</sub>	Y <sub>9</sub>
Għolja	0,023475	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975	0,022975
<b>Il-valur preżenti totali tal-ispejjeż annwali (*):</b>										<b>GBP 0,2 m</b>

(\*) Għall-istma ntużat il-Kalkolatriċi tal-Valutazzjoni tal-Impatt (<https://www.gov.uk/government/publications/impact-assessment-calculator--3>) b'rata ta' skont ta' 3,5 %, perjodu ta' evalwazzjoni ta' 10 snin u l-2013 bħala s-sena bażi għall-prezz u l-valur attwali.

#### 7.10 Benefiċċji tal-għażla rakkomandata

7.10.1 L-esklużjoni tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ miż-żoni pprojbiti proposti tipprevjeni l-użu tal-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* u twassal għall-benefiċċji li ġejjin:

— Il-benefiċċji ambjentali tal-ħarsien jew ir-restawr tal-habitats tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa*

Il-benefiċċji ambjentali huma deskritti hawnhekk bħala benefiċċji mhux monetizzati.

#### 7.11 Benefiċċji ambjentali

7.11.1 L-iskollijiet tas-*Sabellaria spinulosa* jipprovdu sottostrat iebes importanti f'ambjent predominantement ta' sediment artab, u b'hekk jipprovdu kenn uniku għal ċerti speċijiet. L-iskollijiet bijoġeniċi jżidu l-eteroġeneità tal-habitat u lill-ispeċijiet assoċjati joffru lhom wiċċ li jkunu jistgħu jaqbd u miegħu (eż. tubeworms, idrojdi, brijozoani, sponoż u ascidians), u post fejn jistkenu mill-predazzjoni (Bruno & Bertness, 2001.)

7.11.2 L-iskollijiet tas-*Sabellaria spinulosa* jipprovdu wkoll xi livell ta' protezzjoni kostali u huma żoni importanti għar-riċiklaġġ tan-nutrijenti, l-iffissar tal-karbonju u n-nitroġenu u l-istabbilizzazzjoni tas-sediment.

7.11.3 Habitat ta' skoll protett huwa rifuġju naturali għall-ħolqien ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet fil-mira u qabdiet inċidentali.

7.11.4 Il-benefiċċji ta' din il-byelaw huma li joffru protezzjoni xierqa u ħarsien tal-karatteristiċi ekoloġiċi li jistgħu possibbilment iwasslu għal iktar abbondanza tal-biodiversità meta mqabbla mal-bqija tal-postijiet tas-sajd.

7.11.5 Il-benefiċċji ambjentali mill-introduzzjoni ta' din il-byelaw se jkunu sinifikanti billi se tiproteġi l-istrutturi tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* fis-sit mill-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ. Din se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan taż-żamma' jew 'ir-restawr' tal-konservazzjoni. Se jkollha wkoll benefiċċju addizzjonali fuq l-istrutturi l-oħra fis-SIK u se tkun ta' benefiċċju ġenerali għall-habitats tal-iskoll b'riżultat tal-projbizzjoni rakkomandata. Dan jista' jipprovmovi aktar użu rikreattiv fiż-żona bħal bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw l-ekonomija lokali

#### 7.12 Benefiċċji soċjoekonomiċi

7.12.1 Hemm il-possibiltà li l-kundizzjoni miżmuma jew restawrata tal-istrutturi u tal-habitat tal-iskoll tas-*Sabellaria spinulosa* tista' żżid l-attrazzjoni għall-utenti rikreazzjonali, inkluż il-bugħaddasa u d-dilettanti tas-sajd (S.E.Rees et al, 2013 <sup>(1)</sup>; D.R. Chae et al, 2012 <sup>(2)</sup>). Dan jista' wkoll iżid it-turiżmu fiż-żona u għalhekk jiżjed l-infiq fin-negozji lokali (S.E.Rees et al, 2013).

7.12.2 L-implimentazzjoni ta' approċċ biż-żoni għall-ġestjoni minflok l-għeluq tas-sit kollu tillimita l-ispostament tal-bastimenti li joperaw l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.

#### 7.13 Distribuzzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji

7.13.1 Id-distribuzzjoni tal-ispejjeż soċjali u ekonomiċi hija fil-biċċa l-kbira fuq livell lokali tar-Renju Unit u l-Belġju (minbarra l-ispejjeż tal-infurzar) filwaqt li l-benefiċċji ambjentali ġenerali jkopru firxa usa' u għandhom impatt aktar nazzjonali.

<sup>(1)</sup> Rees, S.E., Attrill, M.J., Austen, M.C., Mangi, S.C., Rodwell, L.D (2013). A thematic cost-benefit analysis of a marine protected area. *Journal of Environment management*, 114, 476 – 485.

<sup>(2)</sup> Chae, D., Wattage, P., Pascoe, S. (2012). Recreational benefits from marine protected area: A travel cost analysis of Lundy. *Tourism Management*, 33, 971 – 977.

**Anness A: Noti tal-istatistika tas-sajd, estrazzjoni tad-dejta u tabelli**

It-tabelli tad-dejta li jiġbru fil-qosor l-attività rrapportata fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żoni dettaljati definiti bħala żoni marittimi Ewropej jingħataw f'dettal fis-sit tal-internet tal-EMO <sup>(1)</sup>.

Dan il-livell ta' dettall jirrifletti l-aħjar livell ta' dettall disponibbli fid-dejta rrapportata disponibbli għall-amministrazzjonijiet tas-sajd tar-Renju Unit.

Din id-dejta tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kwantità u l-valur tal-ħatt l-art mir-rettangoli li jkopru ż-żoni, flimkien mad-dettalji tal-bastimenti, l-irkaptu użat, u l-ispeċijiet maqbuda.

Minbarra din id-dejta tal-attività tas-sajd, il-bastimenti itwal minn 15-il metru jirrapportaw il-pożizzjoni eżatta tagħhom kull saġhtejn bħala parti mis-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tar-Renju Unit.

Għal dawn il-bastimenti itwal minn 15-il metru, kien possibbli li tiġi kkombinata d-dejta spazjali relattivament mhux dettaljata mis-sistemi tar-rappurtar tal-attivitàjiet mar-rapporti dettaljati tal-pożizzjoni mis-sistemi tal-VMS biex tkun tista' ssir stima tal-attività tas-sajd f'aktar dettall. Din ir-riformulazzjoni dettaljata tad-dejta tal-attività tippermetti l-istima tal-attività fi ħdan iż-żoni dettaljati tal-EMS għal bastimenti itwal minn 15-il metru.

Fejn ikun disponibbli, dan id-dettall jiġi ppreżentat fit-tabelli tad-dejta flimkien mal-attività globali fir-rettangoli tal-ICES, għall-bastimenti ta' aktar minn 15-il metru; il-proporzjon bejn dawn iż-żewġ settijiet ta' dejta mbagħad tiġi applikata għad-dejta għal bastimenti b'tulijiet oħra sabiex jiġu kkalkulati l-estimi approssimattivi tal-attività fiż-żona pprojbita proposta minn dawn bastimenti ta' inqas minn 15-il metru tul b'kollox.

**Jekk jogħġbok** innota li ż-żoni pprojbiti proposti jinsabu primarjament fl-ilmijiet qrib ix-xatt, għalhekk l-użu tal-proporzjon tal-attività mwettqa minn bastimenti ta' aktar minn 15-il metru fiż-żoni biex issir stima tal-attività ta' bastimenti oħra tar-Renju Unit jista' ma jkunx preċiż billi l-bastimenti kbar għandhom it-tendenza li jistadu aktar 'il bogħod mill-kosta minn oħrajn, b'mod speċjali l-flotta ta' bastimenti itwal minn 10 metri.

Din id-dejta hija kulurita griża fit-tabelli biex tenfasizza li hija dejta stmata u għandha tintuża biss bi prudenza.

Din li ġejja hija lista taż-żoni kostali tal-EMS koperti minn din l-analiżi — xi rettangoli jkopru iktar minn qasam wieħed — dawn huma enfasizzati bl-isfar.

Din id-duplikazzjoni tisser li l-kopertura potenzjali totali taż-żoni pprojbiti proposti ma tistax tiġi stmata billi jingħaddu flimkien l-analiżijiet taż-żoni individwali. It-tabella ta' hawn taħt tinkludi dettalji tal-proporzjon tal-attività ġenerali fir-rettangoli tal-ICES involuti għal kull żona pprojbita propost li tirrelata ma' bastimenti itwal minn 15-il metru (għal dawn il-bastimenti hija disponibbli dejta satellitari dettaljata).

Għalhekk, għal dawk il-bastimenti bi proporzjon kbir ta' kopertura tas-siti EMS, l-istimi għall-attività minn firxiet b'tulijiet oħrajn abbażi tal-attività relatata mal-VMS aktarx ikunu iktar affidabbli milli dawk għal siti bi proporzjon ta' kopertura baxx.

**Anness B: Noti tad-dejta tal-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit**

Dawn it-tabelli huma estratti tad-dejta tal-ħatt l-art irrapportata mill-Istati Membri lill-grupp ta' ħidma dwar ir-reġimi tal-isforz tas-sajd tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

Bħala parti mill-attivitàjiet ta' dan il-grupp, inġabru diversi settijiet ta' dejta inklużi d-dettalji għal kull Stat Membru tal-ħatt l-art ta' speċijiet għal kull rettangolu tal-ICES bir-raggruppamenti tal-bastimenti assoċjati.

Dan is-sett tad-dejta huwa mibni biex jissodisfa l-ħtiġijiet STECF u, għalhekk, kellu jiġi pproċessat b'attenzjoni sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tad-dejta tal-attività. Is-sett ingiebb mis-sit tal-STECF <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> <http://www.marinemanagement.org.uk/protecting/conservation/ems-consultation.htm>

<sup>(2)</sup> STECF: [http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013\\_App08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx](http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/594796/2013_App08+landings+by+rectangle+by+country.xlsx)

It-totali tas-sommarji ġew ivverifikati mal-attività rreġistrata fuq is-sistemi FIDES tal-UE għal ċerti stokkijiet bil-kwota biex tiġi vvalidata d-dejta rrapportata.

*Madankollu, għad hemm xi differenzi fit-totali bejn dawk irrapportati għal kombinazzjonijiet ta' speċijiet/żona fil-fajls tad-dejta tal-STEFC u dawk irrapportati għal livelli simili ta' dettall bħala parti mis-sistemi tar-rappurtar tal-qabda fuq FIDES għall-monitoraġġ tal-użu tal-kvoti. Għalhekk, dawn iċ-ċifri jindikaw il-livell ta' attività fiż-żona mill-Istati Membri involuti u mhumiex dikjarazzjonijiet definittivi.*

Il-valuri monetarji indikattivi ġew mibnija bl-użu tal-valur medju ta' ħatt l-art minn bastimenti tar-Renju Unit mir-rettangolu tal-ICES ikkonċernat jew żoni simili.

Fejn id-dejta għas-sinjura tkun nieqsa, tista' tkun indikattiva li ma kienx hemm attività rrapportata iżda tista' tkun minħabba li maa tkun ġiet ipprovduta l-ebda dejta.

ANALIŻI TAL-ATTIVITÀ TAL-VMS MINN BASTIMENTI MHUX MIR-RENJU UNIT FIR-RETTANGOLI TAL-ICES LI JKOPRU S-SIK MARBUT MA' DIN IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

#### **Il-metodoloġija użata:**

Din l-analiżi hija r-riżultat tal-applikazzjoni tal-metodoloġija standard użata biex tidentifika jekk il-bastimenti tar-Renju Unit kinux attivi f'żona spazjali ddetaljata partikolari skont l-informazzjoni li waslet għal bastimenti mhux mir-Renju Unit, b'mod partikolari dawk mill-Belġju bi drittijiet storiċi ta' aċċess għal ċertu parti tal-ilmijiet qrib il-kosta tar-Renju Unit.

Din tinvolvi l-istima tal-attività tas-sajd mid-dejta tal-VMS ibbażata fuq il-veloċità tal-bastiment kif irrapportata fil-messaġġi tal-VMS ("Pings")

Id-dejta għal kull Ping tal-VMS li tasal minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati li jkopru ż-żona dettaljata jintgħażlu mis-sistema tal-VMS tar-Renju Unit, bl-estrazzjoni tad-dettalji dwar in-numru tal-identità tal-bastiment (CFR), il-pożizzjoni, il-veloċità u d-data u l-ħin tal-ping.

Kull Ping tiġi vvalidata u kklassifikata bħala indikattiva tal-attività tas-sajd li tkun qed issir jekk il-veloċità tkun  $\geq 1$  jew  $\leq 6$  knots

Dawn il-pings tas-sajd mir-rettangolu jew ir-rettangoli kkonċernati mbagħad jiġu pproċessati fis-sofwer GIS sabiex jiġi identifikat jekk il-pożizzjoni kinitx ġewwa jew barra d-dettalji taż-żona spazjali kkonċernata

Dan jippermetti l-kalkolu tal-proporzjon tal-pings tas-sajd irreġistrati għal kull Stat Membru fi ħdan ir-rettangolu li kienu ġewwa ż-żona dettaljata. Dan il-fattur imbagħad jiġi applikat lil-livell ġenerali tal-ħatt l-art li jkun hemm fis-settijiet tad-dejta tal-STEFC għall-Istat Membru kkonċernat biex jippermettu li jsiru stimi ta' attività minn bastimenti mhux mir-Renju Unit fiż-żona spazjali dettaljata.

SOMMARJU TAL-ATTIVITÀ MILL-BASTIMENTI BELĠJANI FIR-RETTANGOLI TAL-ICES LI JKOPRU S-SIT TA' HAISBOROUGH HAMMOND U WINTERTON

Dan huwa sommarju tal-attività mill-bastimenti tal-Istat Membru ftermini tal-kwantità u tal-valur tal-ħut maħtut l-art ftermini ta':

(1) Attività totali fir-rettangoli tal-ICES li jkopru ż-żona kkonċernata fejn intuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ.

(2) Stimu tal-attività fiż-żona speċifika kkonċernata li tuża l-irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ

## Parti A — it-tunellaġġ totali tal-attività

		(1)				(2)			
		Attività (Tunnellati) fir-rettangolu tal-ICES 34F1-F2, 35F1-F2				Attività (Tunnellati) stmata ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2010-2012			
IL-BELĠJU	Il-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	TRAVU	201,39	205,30	137,13	62,24	16,95	17,28	11,54	5,24
	XBIEK TAT-TKARK-IR TAL-QIEGĦ	1,59	3,85	6,27	5,86	0,13	0,32	0,53	0,49
	<b>Spiża totali</b>	<b>202,97</b>	<b>209,15</b>	<b>143,40</b>	<b>68,10</b>	<b>17,08</b>	<b>17,60</b>	<b>12,07</b>	<b>5,73</b>

## Parti B — valur totali tal-attività

		(1)				(2)			
		Attività (GBP) fir-rettangolu tal-ICES 34F1-F2, 35F1-F2				Attività (GBP) stmata ġewwa s-SIK abbażi tal-attività massima tal-VMS fl-2009-2012			
IL-BELĠJU	Il-Kodiċi tal-Irkaptu	2009	2010	2011	2012	2009	2010	2011	2012
<b>Itwal minn 15-il metru</b>	BT2 (*)	697 560	698 597	520 929	177 932	58 711	58 798	43 845	14 976
	TR2 (**)	3 150	3 264	10 519	10 476	265	275	885	882
	<b>Total</b>	<b>700 710</b>	<b>701 862</b>	<b>531 449</b>	<b>188 408</b>	<b>58 976</b>	<b>59 073</b>	<b>44 730</b>	<b>15 858</b>

(\*) BT2 = Xbieki tat-tkarkir bit-travu - 80-119mm qisien tal-malju tax-xibka

(\*\*) TR2 = Xbieki tat-tkarkir demersali - 70-99mm qisien tal-malju tax-xibka

Jekk jogħġbok irreferi għall-istatistika tas-sajd mhux mir-Renju Unit għal sommarju sħiħ tal-attività.